MT 2018

Nru **18**

Rapport Speċjali

# L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

**TIM TAL-AWDITJAR**

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta’ politiki u programmi tal-UE, jew ta’ suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta’ introjtu jew ta’ nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla IV tal-Awditjar - Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva. Is-Sur Neven Mates, id-Dekan ta’ din l-Awla, huwa l-Membru relatur. Huwa ngħata appoġġ minn Georgios Karakatsanis, Kap tal-Kabinett u Marko Mrkalj, Attaché tal-Kabinett; Zacharias Kolias, Direttur; Jacques Sciberras, Kap tal-Kompitu; Albano Martins Dias da Silva, Isabel Quintela, Adrian Savin u Marion Schiefele, Awdituri; Aykut Efe, Trainee.



*Mix-xellug għal-lemin:* Marion Schiefele, Albano Martins Dias da Silva, Jacques Sciberras, Georgios Karakatsanis, Neven Mates, Marko Mrkalj, Isabel Quintela, Adrian Savin, Zacharias Kolias.

WERREJ

Paragrafu


Abbrevjazzjonijiet u akronimi

Glossarju

Sommarju eżekuttiv I - XVI

Introduczzioni 1 - 14

Il-parti preventiva tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir 1 - 4

Ambitu u approċċ tal-awditjar 5 - 14

Osservazzjonijiet 15 - 126

Parti I — ir-regolament stabbilixxa pass xieraq għall-konverġenza lejn l-OTM iżda kien jinkludi dispożizzjonijiet ambigwi 15 - 24

Parti II — il-Kummissjoni eżerċitat b’mod estensiv id-diskrezzjoni mogħtija iżda ma ffukatx fuq l-objettiv prinċipali 25 - 75

Ir-rekwiżiti aġġustati b’mod ċikliku kkombinati mal-marġni għad-devjazzjoni u mal-marġni għad-diskrezzjoni ma jwasslux għar-rata ta’ referenza tal-aġġustament 25 - 36

Il-flessibbiltà implimentata mill-Kummissjoni, li aktar tard hija laħqet ftehim dwarha mal-Istati Membri, twassal għal dewmien twil fl-ilħuq tal-Objettivi ta’ Terminu Medju u tippermetti li jiżdied l-infiq mhux relatat 37 - 61

L-effett kumulattiv tal-klawsoli u l-marġni ta’ devjazzjoni sinifikanti jipprevjenu l-ilħuq tal-OTM fi żmien raġonevoli 62 - 70

Valur informattiv tal-projezzjonijiet tas-snin preċedenti koperti mill-PSK 71 - 75

Parti III — Il-progress lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta’ Terminu Medju waqaf hekk kif il-pressjoni tas-suq naqset u bosta pajjiżi li għandhom id-dejn mhumiex fuq perkors li jippermettilhom li jilħqu l-OTM fi żmien raġonevoli 76 - 99

F’dawn l-aħħar snin, bħala medja, ma sar l-ebda progress lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta’ Terminu Medju 76 - 83

Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li għandhom ħafna dejn ġew osservati riżultati partikolarment dgħajfa 84 - 94

Prestazzjoni mħallta fl-Istati Membri b'livelli ta' dejn ta' bejn 70 % u 90 % fil-perjodu 2014-2018 95 - 96

Deterjorament qawwi f'żewġ Stati Membri b'dejn baxx 97 - 98

Żbilanċ bejn is-sostenibbiltà u l-kunsiderazzjonijiet ċikliċi 99

Parti IV - il-Kummissjoni tista' ttejjeb ċerti aspetti tekniċi tal-valutazzjonijiet 100 - 117

Distorsjoni ottimista fil-previżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tkabbir reali tal-PDG u tal-investimenti għas-sena t u t+1 100 - 103

Valutazzjoni tal-informazzjoni inkluża fil-PSK 104 - 105

Ir-rappurtar tal-livell ta' devjazzjoni mill-Kummissjoni huwa korrett iżda mhuwiex ċar 106

Fl-ittestjar tekniku tagħna ma ġewx identifikati problemi kbar 107 - 117

Parti V - Is-CSRs jirriflettu l-konklużjonijiet sottostanti tal-valutazzjoni iżda jeħtieġu aktar ċarezza 118 - 126

Is-CSRs jirriflettu r-riżultati tal-valutazzjonijiet imwettqa, iżda r-rilevanza tagħhom tista' tinbidel jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet 118 - 120

Il-formulazzjonijiet tas-CSRs ippubblikati fl-2017 saru inqas ċari u infurzabbli 121 - 125

Il-Kummissjoni timmonitorja b'mod suffiċjenti l-implimentazzjoni tas-CSRs fiskali 126

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 127 - 146

L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva ma ntlaħaqx 127 - 136

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tad-devjazzjonijiet kumulattivi u tal-parametri fil-matriċi tal-aġġustamenti meħtieġa 137

Jenħtieġ li l-klawsoli ta' flessibbiltà jiġu riformati sabiex jirriflettu r-rwol oriġinali previst fir-Regolament 138 - 141

Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' aġġustament taħt il-parti korrettiva u dik preventiva jkunu sinkronizzati u li l-proċeduri ta' intensifikazzjoni jintużaw b'mod aktar effettiv 142

Tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni meħtieġa fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u fir-rapporti ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni 143

Jenħtieġ li jiġi eżaminat l-użu ta' vintages u tal-iffriżar 144 - 145

Jenħtieġ li l-ispjegazzjonijiet fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ikunu aktar ċari 146

Anness I - Selezzjoni ta’ Stati Membri għall-kampjun tal-awditjar

Anness II - Riżultati dwar l-Istati Membri fil-kampjun tal-awditjar

Risposti tal-Kummissjoni

**ABBREVJAZZJONIJIET U AKRONIMI**

| | |
|---|---|
| AMECO | Database makroekonomika annwali tad-DĠ ECFIN |
| BĊE | Bank Ċentrali Ewropew |
| CoC | Kodiċi ta' Kondotta |
| CSR | Rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż |
| DBP | Abbozz ta’ Pjan Baġitarju |
| DĠ ECFIN | Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |
| EB | Valur referenzjarju tal-infiq |
| ECOFIN | Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |
| EDP | Proċedura ta’ Defiċit Eċċessiv |
| ESA | Sistema Ewropea ta’ Kontijiet Ekonomiċi Integrati |
| FMI | Fond Monetarju Internazzjonali |
| KEF | Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi |
| OG | Marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni |
| OTM | Objettiv ta’ Terminu Medju |
| PDG | Prodott Domestiku Gross |
| pp | Punti perċentwali |
| PSK | Programmi ta’ Stabbiltà u Konverġenza |
| PST | Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir |
| QEA | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| SB | Bilanċ strutturali |
| SM | Stat(i) Membru/i |
| SPB | Bilanċ strutturali primarju |

| | |
|---|---|
| SWD | Dokument ta’ ħidma tal-persunal |
| TSKG | Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja |
| UE | L-Unjoni Ewropea |

## GLOSSARJU

**Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji:** Dokumenti li l-gvernijiet tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro huma meħtieġa li jippreżentaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena skont ir-regoli ta' governanza ekonomika Ewropea, sabiex jiżguraw il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali tagħhom .

**Bilanċ fil-baġit tal-gvern (defiċit):** Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq tas-settur tal-amministrazzjoni pubblika. Meta jkun negattiv, ġeneralment jissejjaħ defiċit. Jissejjaħ ukoll il-bilanċ/id-defiċit nominali.

**Bilanċ strutturali (tal-baġit):** Il-bilanċ reali tal-baġit wara li jitnaqqas il-komponent ċikliku kif ukoll il-miżuri ta' darba u l-miżuri temporanji l-oħra. Il-bilanċ strutturali jagħti kejl tax-xejra li fuqha huwa bbażat il-bilanċ tal-baġit (ara wkoll bilanċ/defiċit fil-baġit tal-gvern).

**Bilanċ/defiċit primarju:** Il-bilanċ/id-defiċit tal-gvern biż-żieda/it-tnaqqis tal-pagamenti tal-imgħax.

**Bord Fiskali Ewropew:** Korp konsultattiv indipendenti għall-Kummissjoni stabbilit fl-2015. Il-kompitu prinċipali tal-bord huwa li jevalwa l-implimentazzjoni tar-regoli fiskali tal-UE.

**Dejn pubbliku:** Ara *Dejn tal-gvern*.

**Dejn tal-gvern:** Id-dejn gross totali fil-valur nominali li jkun pendenti fi tmiem is-sena tas-settur tal-amministrazzjoni pubblika, kif definit fl-ESA 95 u fl-ESA 2010.

**ESA (ESA 95 u ESA 2010):** Is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali hija l-qafas ta' kontabbiltà tal-UE kompatibbli fil-livell internazzjonali għad-deskrizzjoni sistematika u dettaljata tal-ekonomiji tal-Istati Membri u tar-reġjuni tal-UE. Għall-biċċa l-kbira mill-perjodu awditjat, is-sistema rilevanti kienet l-ESA 95, li f'Settembru 2014 ġiet aġġornata għall-ESA 2010, biex tirrifletti l-iżviluppi fil-kejl tal-ekonomiji moderni, l-avvanzi fir-riċerka metodoloġika u l-ħtiġijiet tal-utenti.

Filwaqt li l-ESA hija konsistenti, b'mod ġenerali, mad-definizzjonijiet, mar-regoli kontabilistiċi u mal-klassifikazzjonijiet applikati mis-sistema komparabbli tan-Nazzjonijiet Uniti, hija għandha wkoll xi karatteristiċi speċifiċi li huma aktar konformi mal-prattiki tal-UE.

**Kodiċi ta' Kondotta:** Dokument ta' politika li jinkludi linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-format u l-kontenut tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza.

**Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju:** Il-KEF, li qabel kien il-Kumitat Monetarju, huwa Kumitat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea stabbilit bl-Artikolu 134 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-kompitu prinċipali tiegħu huwa li jħejji u jiddiskuti d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) fir-rigward ta' kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji.

**Marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni:** Id-differenza bejn il-produzzjoni reali (jiġifieri l-PDG) u l-produzzjoni potenzjali stmata fi żmien partikolari.

**Matriċi tal-aġġustamenti meħtieġa:** Tabella li tistabbilixxi l-isforz fiskali annwali meħtieġ mill-Istati Membri fir-rigward taċ-ċiklu ekonomiku, b'kont meħud tal-ħtiġijiet ta' konsolidament fiskali tagħhom, inkluż il-livell tad-dejn pubbliku tagħhom. Il-Kummissjoni l-ewwel użat verżjoni waħda tal-matriċi internament, u mbagħad ippubblikat verżjoni riveduta f'Jannar 2015. Din ġiet approvata mill-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Frar 2016 fil-"Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-flessibbiltà fi ħdan il-PST".

**Mekkaniżmu Ewropew tar-Rati tal-Kambju 2 (ERM II):** Il-Mekkaniżmu Ewropew tar-rati tal-kambju (ERM) ġie stabbilit sabiex jistabbilizza r-rati tal-kambju u jgħin lill-Ewropa ssir żona ta' stabbiltà monetarja qabel l-introduzzjoni tal-munita unika, l-euro. Wara l-introduzzjoni tal-euro fl-1 ta' Jannar 1999, l-ERM oriġinali ġie sostitwit bl-ERM II fil-bidu tat-Tielet Stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Dan beda billi ffissa b'mod irrevokabbli u definittiv ir-rati tal-kambju, it-trasferiment tal-kompetenza monetarja lill-Bank Ċentrali Ewropew, u l-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita unika. L-ERM II jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni fil-politika tar-rata tal-kambju bejn l-Eurosistema (is-sistema ta' banek ċentrali taż-żona tal-euro) u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jkunu qed iħejju biex jadottaw l-euro.

**Miżuri ta' darba u miżuri temporanji:** Tranżazzjonijiet tal-gvern li jkollhom effett baġitarju tranżitorju li ma jwassalx għal bidla sostnuta fil-pożizzjoni baġitarja. Ara wkoll Bilanċ strutturali (tal-baġit).

**Mudell QUEST:** Il-mudell makroekonomiku globali li d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN) juża għall-analiżi u għar-riċerka relatati mal-politika makroekonomika.

**Objettiv baġitarju ta' terminu medju:** Il-livell ta' bilanċ strutturali li miegħu kull Stat Membru huwa mistenni li jkun konverġenti. Għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, dan huwa -1 % tal-prodott domestiku gross (PDG), u għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro, dan huwa kemxejn aktar strett, -0.5 % tal-PDG, sakemm il-proporzjon tad-dejn tagħhom ma jkunx baxx. Il-livell għal kull Stat Membru jiġi determinat abbażi ta' diversi riskji fiskali speċifiċi għall-pajjiż.

**Parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir:** Uffiċjalment magħrufa bħala l-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) – mekkaniżmu li jkun irid jinbeda kontra Stat fejn il-valuri referenzjarji għad-defiċit u d-dejn ikunu nqabżu.

**Patt Fiskali:** Il-kapitolu fiskali tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG).

**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir:** Ftehim li jorbot lill-Istati Membri kollha tal-UE u li ilu fis-seħħ mill-1997 (b'riformi fl-2005 u fl-2011) rigward l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Maastricht li jindirizzaw is-sostenibbiltà tal-politiki fiskali tal-Istati Membri, essenzjalment billi jżommu d-defiċit u d-dejn pubbliċi f'livelli aċċettabbli.

**PDG potenzjali:** Il-livell ta' PDG li ekonomija tista' tipproduċi f'sena partikolari u li jkun konsistenti ma' rata stabbli tal-inflazzjoni. Jekk il-produzzjoni reali titla' aktar mil-livell potenzjali tagħha, ir-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità jibdew jinħassu u tibda tiżdied il-pressjoni inflazzjonarja; jekk il-produzzjoni taqa' taħt il-livell potenzjali, ir-riżorsi ma jiġux utilizzati u l-pressjoni inflazzjonarja tonqos. Il-livell u t-tkabbir tal-produzzjoni potenzjali jerġgħu jiġu stmati kontinwament, u dan jista' jwassal biex jitwettqu reviżjonijiet *ex post* fuq il-valuri stmati tagħha. Għall-finijiet tal-parti preventiva, l-istimi tal-produzzjoni potenzjali jsiru mill-Kummissjoni abbażi tal-metodoloġija tal-UE li dwarha hemm qbil komuni (għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija ara d-dokument: "The production function methodology for calculating potential growth rates and output gaps" (Il-metodoloġija tal-funzjoni tal-produzzjoni għall-kalkolu tar-rati tat-tkabbir potenzjali u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni), European Economy, Economic Papers Nru 535, Novembru 2014).

**Proċedura ta’ defiċit eċċessiv: Proċedura mnedija mill-Kunsill fuq rakkomandazzjoni** mill-Kummissjoni Ewropea kontra kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jaqbeż il-limitu massimu tad-defiċit baġitarju impost mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-proċedura tinvolvi bosta stadji, li potenzjalment iwasslu għal sanzjonijiet, li għandhom l-għan li jħeġġu lil Stat Membru jiżgura li d-defiċit baġitarju tiegħu jibqa’ taħt kontroll, u hija rekwiżit għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-Unjoni ekonomika u monetarja.

**Proċedura ta’ devjazzjoni sinifikanti:** Il-Kummissjoni tista’ tagħti bidu għal proċedura ta’ devjazzjoni sinifikanti meta tinstab devjazzjoni konsiderevoli fil-bilanċ strutturali u fl-infiq meta mqabbla mal-perkors ta’ aġġustament. Taħt il-proċedura ta’ devjazzjoni sinifikanti, l-Istat Membru huwa mistenni li jimplimenta miżuri għall-korrezzjoni tad-devjazzjoni.

**Programm ta’ Stabbiltà u Konverġenza:** Dokument li l-Istati Membri jipproduċu kull sena u li jippreżenta l-politiki u l-miżuri adottati biex jiżguraw politiki fiskali sostenibbli u biex iżommu l-pożizzjonijiet fiskali tagħhom fil-livell tal-objettivi tagħhom fuq terminu medju jew ’il fuq minnu, jew biex isegwu perkors li jwassal għall-OTM, filwaqt li simultanjament jiżguraw sforzi adegwati biex jitnaqqas id-dejn sabiex b’hekk jikkonformaw mar-regola tad-dejn u mal-valur referenzjarju ta’ 60 % stabbilit fit-Trattat.

**Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż:** Gwida ta’ politika fformulata kull sena mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar kif iżommu finanzi pubbliċi sodi. Il-Kummissjoni mbagħad tippreżenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill biex jiġu approvati f’Lulju fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

**Semestru Ewropew:** Iċ-ċiklu annwali ta’ koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE. Is-Semestru jkopri l-politiki fiskali, kif iddeterminat mill-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, il-prevenzjoni ta’ żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi (taħt il-Proċedura ta’ Żbilanċ Makroekonomiku) u r-riformi strutturali fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020. Dan jirriżulta f’rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jiġu ppreżentati lill-Istati Membri.

**Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG):** It-trattat intergovernattiv li ntlaħaq qbil dwaru fis-summit tal-UE tat-30 ta’ Jannar 2012 u li ġie ffirmat fit-2 ta’ Marzu mill-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-pajjiżi kollha tal-UE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit u tar-Repubblika Ċeka. Dan jinkludi dispożizzjonijiet għat-trawwim tal-koordinazzjoni u l-konverġenza tal-politika ekonomika kif ukoll kapitolu speċifiku – Patt Fiskali - għat-tisħiħ tal-qafas ta’ governanza fiskali taż-żona tal-euro.

**Valur referenzjarju tal-infiq:** Regola li tirrikjedi li r-rata tat-tkabbir nett tal-infiq pubbliku ma tkunx ogħla mir-rata tat-tkabbir ekonomiku potenzjali ta’ pajjiż fuq terminu medju, skont il-pożizzjoni tal-pajjiż fir-rigward tal-objettivi baġitarji ta’ terminu medju (OTM) tiegħu. Skont il-valur referenzjarju tal-infiq, iż-żidiet fl-infiq, li jkunu ogħla mir-rata tat-tkabbir ekonomiku potenzjali ta’ pajjiż fuq terminu medju, iridu jiġu kkumpensati minn miżuri ta’ dħul diskrezzjonali addizzjonali. Il-valur referenzjarju tal-infiq jikkomplementa l-OTM billi jiggwida t-tkabbir tal-infiq nett lejn perkors sostenibbli u għalhekk jgħin biex jintlaħaq l-OTM jew biex dan jinżamm.

**Vintage ta’ *data*:** Serje ta’ *data* li tinkludi stimi u previżjonijiet għal bosta snin stabbiliti f’ċertu żmien partikolari. Maż-żmien, il-previżjonijiet għal sena partikolari (pereżempju l-2018) jinbidlu, jiġifieri jkunu f’vintages differenti ta’ *data* (pereżempju, fi projezzjonijiet mill-2014, l-2016, eċċ.).

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

***L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva qiegħed jintlaħaq?***

I. Il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) ġiet introdotta biex issaħħaħ id-dixxiplina fiskali fl-Istati Membri. Il-bażi loġika prinċipali għas-salvagwardja tad-dixxiplina u tal-istabbiltà mill-Unjoni Ewropea hija li kriżi fiskali fi Stat Membru tista' toħloq problemi lill-oħrajn.

II. Wara li ġie emendat fl-2005 u fl-2011, ir-Regolament (Nru 1466/97) tal-1997 dwar il-parti preventiva, issa jirrikjedi li l-Istati Membri jtejbu l-bilanċi strutturali tagħhom, jiġifieri l-bilanċi nominali aġġustati għal fatturi ċikliċi u għal miżuri ta' darba, sabiex jintlaħqu l-miri speċifiċi għall-pajjiż imsejħa Objettivi ta' Terminu Medju (OTM), li għall-biċċa l-kbira mill-pajjiżi huma stabbiliti bejn 0.5 % u -1 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Dan huwa mistenni jiżgura li d-defiċit nominali tal-Istati Membri ma jiksirx il-limitu massimu ta' 3 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat. Aktar importanti minn hekk, dan jiżgura wkoll il-konverġenza fi żmien raġonevoli tal-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku fi Stati Membri li jkollhom ħafna dejn, lejn il-limitu ta' 60 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat.

***X'awditjajna***

III. Aħna awditjajna jekk il-Kummissjoni Ewropea kinitx użat l-awtorità li ngħatat bir-Regolament biex tiżgura li l-parti preventiva tiġi implimentata b'mod adegwat. Indirizzajna wkoll il-kwistjoni tal-interazzjoni bejn il-parti preventiva u l-parti korrettiva tal-PST sal-punt li din hija rilevanti għal tal-ewwel. Il-Kummissjoni kienet il-parti awditjata.

***X'sibna***

IV. Ir-Regolament stabbilixxa valur referenzjarju raġonevoli għall-konverġenza annwali lejn l-OTM ta' 0.5 punti perċentwali tal-PDG fis-sena. Madankollu, huwa ppermetta devjazzjonijiet minn dak ir-rekwiżit, u awtorizza lill-Kummissjoni biex iddaħħal diversi klawsoli ta' flessibbiltà. Għalhekk, l-effettività tal-parti preventiva tiddependi ħafna mill-mod kif din tiġi implimentata mill-Kummissjoni (il-***Parti I***).

V. Ir-regoli ta' implimentazzjoni deċiżi mill-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet operazzjonali tagħha ma jiżgurawx li l-objettiv prinċipali tar-Regolament jintlaħaq - jiġifieri li l-Istati Membri jikkonverġu lejn l-Objettivi ta' Terminu Medju f'perjodu raġonevoli. (Xi wħud mir-regoli prinċipali ta' implimentazzjoni mħabbra wara mill-Kummissjoni, aktar tard ġew approvati mill-Kunsill).

VI. Ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-flessibbiltà jirriżultaw mir-riformi li saru fir-regolament fl-2005, iżda ma ġewx implimentati formalment qabel l-2015 meta rriflettew kunsiderazzjonijiet b'konsegwenza tar-Reċessjoni l-Kbira. L-introduzzjoni ta' ċerta flessibbiltà f'perjodi ta' kriżi kienet xierqa fil-prinċipju, iżda ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi ma kinux marbutin biż-żmien u kienu effettivament eċċessivi fil-prattika, b'mod partikolari meta ġew implimentati fi żminijiet aktar normali. Barra minn hekk, ir-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni ma jagħmlux biżżejjed distinzjoni bejn dawk l-Istati Membri li għandhom livell għoli ta' dejn u l-oħrajn. Minflok ma saħħet il-qafas, hekk kif il-fażi ta' rkupru kienet qed tipprogressa, il-Kummissjoni kompliet iddgħajfu aktar billi introduċiet il-"marġni ta' diskrezzjoni" l-ġdid fl-2017.

VII. Il-konċessjoni li ngħatat għar-riformi strutturali ma għadhiex marbuta mal-ispejjeż baġitarji reali tar-riforma, iżda qed tintuża bħala "strument ta' inċentivazzjoni". Il-konċessjonijiet kollha (ħlief għar-riforma tal-pensjonijiet) iżidu l-infiq, mhux biss fis-sena partikolari li għaliha jkunu ngħataw, iżda wkoll fis-snin ta' wara. L-effett kumulattiv ta' dawn il-konċessjonijiet kollha rriżulta f'dewmien ta' bosta snin fl-iskadenzi effettivi għall-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju (il-***Parti II***).

VIII. Il-kredibbiltà tal-parti preventiva kompliet tiddgħajjef minħabba l-iżviluppi fil-parti korrettiva. Il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-parti korrettiva jistgħu jiġu ssodisfati b'mod sħiħ permezz tal-irkupru ċikliku biss, li huwa ffaċilitat ukoll mill-prattika tal-Kummissjoni li tipproponi lill-Kunsill li jingħataw estensjonijiet ta' bosta snin għall-ħruġ mill-proċeduri ta' defiċit eċċessiv (EDP). B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri li jkunu taħt EDP ma jkollhomx għalfejn jissodisfaw ir-rekwiżiti biex itejbu l-bilanċi strutturali tagħhom, rekwiżiti li kien ikollhom josservaw kieku kienu taħt il-parti preventiva.

IX. Il-fatt li l-qafas imdgħajjef tal-PST ma jistax jiżgura li jsir progress lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju f'bosta Stati Membri li għandhom ħafna dejn huwa ta' tħassib partikolari. Fil-perjodu ta' rkupru u ta' espansjoni fl-2014-2018, il-bilanċi strutturali tagħhom jew iddevjaw mill-Objettivi ta' Terminu Medju tagħhom jew ikkonverġew lejhom b'pass li tant mexa bil-mod li huwa diffiċli biex jiġi żgurat li jkun jista' jinkiseb titjib sostanzjali qabel ir-reċessjoni li jmiss. Minkejja l-fatt li l-qafas imdgħajjef mhux qed jiżgura li jsir progress lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-konformità miegħu hija essenzjali biex jiġi ġġustifikat in-nuqqas ta' attivazzjoni tal-EDP ibbażata fuq id-dejn (il-***Parti III***).

X. Fil-livell tekniku, fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza (PSK) ippreżentati mill-Istati Membri li mhumiex indikati fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal (SWD) tal-Kummissjoni, aħna sibna dgħufijiet u diskrepanzi fl-informazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tispjegax b'mod ċar id-differenzi bejn is-suppożizzjonijiet proprji tagħha u dawk tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri fiskali inklużi fil-previżjonijiet rispettivi. Minbarra dan, il-metodoloġija użata fil-valutazzjonijiet tagħha mhux dejjem hija konformi mar-Regolament u tista' ddewwem it-twissijiet preventivi (il-***Parti IV***).

XI. Fl-aħħar nett, aħna sibna li r-rakkomandazzjonijiet fiskali speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) adottati mill-Kunsill huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u jirriflettu l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet tekniċi sottostanti. Madankollu, huma la jispjegaw b'mod suffiċjenti l-bażi loġika għall-aġġustamenti rakkomandati u linqas ir-riskji li jinħolqu jekk l-Istati Membri jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti (il-***Parti V***).

***X'nirrakkomandaw***

XII. Jeħtieġ li l-qafas jissaħħaħ fil-komponenti importanti tiegħu b'mod ikkoordinat. L-ewwel nett, jenħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tad-devjazzjonijiet kumulattivi persistenti mill-aġġustament meħtieġ billi tintroduċi korrezzjonijiet *ex post*, jiġifieri rekwiżiti addizzjonali fis-snin ta' wara. It-tieni, jenħtieġ li hija teżamina l-parametri fit-tabella li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-aġġustament (l-hekk imsejħa "matriċi") biex tiżgura li l-Objettivi ta' Terminu Medju jintlaħqu f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar għoljin għal dawk l-Istati Membri li jkollhom ħafna dejn. It-tielet, jenħtieġ li l-klawsoli

ta' flessibbiltà jkopru biss l-ispejjeż diretti relatati mar-riformi u ma' avvenimenti mhux tas-soltu f'sena partikolari.

XIII. Aħna nqisu li dawn il-bidliet jistgħu jinkisbu bil-qafas legali eżistenti.

XIV. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora modi fi ħdan il-qafas legali biex tiżgura li l-livell ta' aġġustament strutturali meħtieġ taħt il-parti preventiva jitwettaq ukoll mill-Istati Membri taħt il-parti korrettiva.

XV. Jenħtieġ li l-Kodiċi ta' Kondotta (CoC) jiġi aġġornat sabiex isir titjib fil-kwalità tal-informazzjoni, meħtieġa fil-PSK, dwar il-miżuri fiskali ppjanati. Jenħtieġ li d-dokumenti tal-Kummissjoni jirrappurtaw id-differenzi kollha bejn il-previżjonijiet u jippreżentaw il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament. Jenħtieġ li l-indikaturi użati jiżguraw ukoll li huma jipprovdu t-twissijiet ta' deterjorament kmieni kemm jista' jkun u li ma jibbażawx fuq id-*data* l-aktar favorevoli li tkun ittieħdet minn taħlita ta' vintages tal-passat.

XVI. Jenħtieġ li l-parti normattiva tas-CSRs ikun fiha rekwiżiti ta' aġġustament li jkunu ċari u espliċiti, u jenħtieġ li l-premessi jipprovdu spjegazzjoni aktar ċara dwar il-bażi loġika għal dawn l-aġġustamenti u r-riskji li jinħolqu jekk ma jiġux implimentati.

## INTRODUZZJONI

***Il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir***

1. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) stabbilixxa sistema ta' sorveljanza multilaterali fuq il-politiki fiskali fl-Istati Membri. Huwa ġie implimentat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bl-objettiv li jiżgura d-dixxiplina fiskali fl-Istati Membri. Il-bażi loġika għas-sorveljanza hija li l-politiki fiskali ta' pajjiż jistgħu jaffettwaw lil pajjiżi oħra b'mod avvers. Dan il-fenomenu huwa partikolarment evidenti fl-unjonijiet monetarji. Il-PST għandu parti preventiva u parti korrettiva[1].

2. Is-sorveljanza tiġi kkoordinata fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew, li jirrikjedi li l-Istati Membri jridu jippreżentaw il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza (PSK) tagħhom fir-rebbiegħa. Il-PSK imbagħad jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, u r-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet jiġu ppubblikati f'Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWDs). F'Ġunju ta' kull sena, il-Kunsill jippubblika rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. F'Ottubru, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro huma meħtieġa wkoll li jippreżentaw Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (DBP) li mbagħad jiġu vvalutati mill-Kummissjoni f'Novembru (ara l-***Figura 1***).

[1] Il-PST huwa bbażat fuq l-Artikoli 121 u 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"Trattat") u l-Protokoll Nru 12 li huwa anness miegħu, filwaqt li l-Artikolu 136 huwa l-bażi għall-miżuri speċifiċi għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Il-parti preventiva ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 (li ġie emendat ulterjorment fl-2005 u fl-2011).

**<u>Figura 1</u> – Stadji importanti tal-proċess ta' sorveljanza tal-parti preventiva fil-qafas tas-Semestru Ewropew**




*Sors*: Il-QEA.

3. L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1466/97, kien li jiżgura li l-Istati Membri jikkonverġu rapidament lejn pożizzjoni baġitarja qrib il-bilanċ jew f'bilanċ favorevoli, li mbagħad tippermettilhom li jindirizzaw fluttwazzjonijiet ċikliċi normali mingħajr ma jiksru l-limitu ta' 3 % stabbilit għad-defiċit nominali[2]. Fl-2005, il-pożizzjoni fil-mira għal kull Stat Membru ġiet riformulata f'termini ta' bilanċ strutturali (SB)[3] li jrid jikkonverġi lejn l-objettiv ta' terminu medju (OTM) tagħhom speċifiku għall-pajjiż. Skont ir-Regolament, l-OTM ma jistax ikun inqas minn -1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro u fil-Mekkaniżmu Ewropew tar-Rati tal-Kambju 2. Il-firmatarji tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) impenjaw ruħhom lejn l-ilħuq tal-OTM ta' mill-inqas -0.5 % tal-PDG – sakemm id-dejn tagħhom ma jkunx inqas minn 60 % tal-PDG, li f'dan każ il-limitu jibqa' ta' -1 %[4]. Il-***<u>Figura 2</u>*** tiddeskrivi l-istadji ewlenin taħt il-qafas attwali tal-parti preventiva.

---

[2] Il-ksur ta' dan il-limitu jiskatta proċedura ta' defiċit eċċessiv (il-parti korrettiva tal-PST).

[3] Il-bilanċ baġitarju u d-defiċit huma ugwali f'valur assolut, iżda b'sinjal oppost. Id-defiċit ta' 3 % jikkorrispondi għall-bilanċ ta' - 3 %.

[4] Fost il-25 firmatarju tat-TSKG, 22 minnhom huma marbuta formalment bil-Patt Fiskali (id-19-il Stat Membru fiż-żona tal-euro flimkien mal-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija).

**Figura 2 – Regoli tal-parti preventiva**




*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

4. Minħabba l-fatt li mill-2007 'l hawn it-tkabbir tal-ekonomiji tal-UE naqas fir-ritmu u l-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku żdiedu b'mod qawwi f'ħafna Stati Membri, il-parti preventiva kisbet importanza li tmur lil hinn mill-ħtieġa li jinħoloq spazju fiskali għall-operat ta' stabilizzaturi awtomatiċi u għall-politika fiskali kontroċiklika diskrezzjonali[5]. Il-konverġenza rapida lejn l-Objettivi ta' Terminu Medju saret kruċjali biex jitnaqqsu l-proporzjonijiet ta' dejn eċċessiv. Anke l-Istati Membri li jkollhom l-aktar dejn ikollhom jorjentaw malajr il-proporzjonijiet tad-dejn tagħhom lejn perkors ta' tnaqqis ladarba jkunu laħqu l-Objettivi ta' Terminu Medju tagħhom. Dan wassal biex il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-konformità mal-parti preventiva hija kundizzjoni essenzjali sabiex ma tiġix skattata l-proċedura ta' defiċit eċċessiv ibbażata fuq id-dejn (EDP)[6].

***Ambitu u approċċ tal-awditjar***

5. Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet jekk il-Kummissjoni kinitx ikkoordinat b'mod effettiv il-politiki fiskali tal-Istati Membri meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-parti preventiva tal-PST skont ir-responsabbiltajiet assenjati lilha għas-Semestru Ewropew.

6. B'mod aktar speċifiku, aħna eżaminajna:

(a) iċ-ċarezza tal-objettivi u tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Nru 1466/97, li jiżguraw li l-Istati Membri li jkollhom livelli għolja ta' defiċit u/jew ta' dejn (aktar minn 60 % tal-PDG) jagħmlu progress rapidu lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju tagħhom (il-***Parti I***);

---

5 Il-politika fiskali taġixxi bħala stabilizzatur awtomatiku meta tippermetti li d-defiċit nominali jiżdied fi żmien ta' reċessjoni, iżda ma timplimentax miżuri addizzjonali li jistgħu jaggravaw id-defiċit strutturali. F'perjodu ta' tkabbir qawwi, hija tippermetti li d-defiċit nominali jonqos b'mod simili.

Il-politika fiskali kontroċiklika diskrezzjonali hija dik li tieħu miżuri addizzjonali biex tistimula l-ekonomija fi żmien ta' reċessjoni. Din twassal għal żieda fid-defiċit strutturali (jiġifieri tnaqqis fil-bilanċ strutturali). Fi żmien ta' tkabbir qawwi, il-politika fiskali kontroċiklika tipprova tberred l-ekonomija, u tnaqqas id-defiċit strutturali (jiġifieri ttejjeb il-bilanċ strutturali). Għall-kuntrarju ta' politika proċiklika.

6 Għal eżempju ara r-Rapport imħejji f'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar l-Italja stabbilit fl-2016 mill-Kummissjoni, Brussell, it-22 ta' Frar 2017 COM(2017) 106 final.

(b) l-implimentazzjoni tar-Regolament min-naħa tal-Kummissjoni, jekk hijiex konformi mar-regoli u jekk id-deċiżjonijiet operazzjonali humiex effettivi fir-rigward tar-regoli tal-parti preventiva (il-***Parti II***);

(c) ir-rata kumplessiva tal-progress, b'mod partikolari tal-Istati Membri li jkollhom dejn għoli, lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju tagħhom (il-***Parti III***);

(d) il-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-PSK li jiġu ppreżentati jkunu komprensivi u adegwati, u biex tivvaluta l-plawżibbiltà u l-konformità tagħhom mar-regolamenti u mal-Kodiċi ta' Kondotta (CoC) tal-PST, il-kwalità tad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni u tal-valutazzjonijiet l-oħra relatati tal-pajjiżi (pereżempju, l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro ppreżentati fil-ħarifa), biex tiddetermina jekk dawn jirrappurtawx, b'mod f'waqtu u konsistenti, dwar l-aktar riskji importanti u r-reazzjonijiet xierqa tal-politika (il-***Parti IV***);

(e) il-bażi għas-CSRs u r-rilevanza tagħhom, kif ukoll il-monitoraġġ u l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom (il-***Parti V***);

7. Aħna eżaminajna l-effettività tal-implimentazzjoni tal-parti preventiva mill-Kummissjoni fil-perjodu bejn l-2011 sal-2016 (inkluża l-analiżi tad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tar-rebbiegħa tal-2017 relatata mal-2016) u wettaqna segwitu tal-aktar żviluppi importanti fl-2017 u fl-2018.

8. Eżaminajna fid-dettall il-parti preventiva għal kampjun ta' sitt Stati Membri (l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, u n-Netherlands). Madankollu, għal xi wħud mill-aspetti li analizzajna, aħna qisna wkoll Stati Membri oħra. Is-sitt Stati Membri magħżula kienu jinkludu ħamsa miż-żona tal-euro u wieħed mhux miż-żona tal-euro. Dawk l-Istati Membri li diġà kienu ġew koperti minn awditi simili ġew esklużi (bl-eċċezzjoni tal-Italja[7]), u mill-Istati Membri li kien fadal, aħna għażilna dawk li kellhom: l-ogħla livell u persistenza ta'

---

[7] L-Italja ħarġet mill-EDP f'Ġunju 2013, u l-perjodu ta' qabel ġie parzjalment kopert mill-awditu tal-Qorti relatat mal-EDB. Hija ġiet inkluża fil-kampjun minħabba l-applikazzjoni estensiva tal-klawsoli ta' flessibbiltà taħt il-parti preventiva u l-importanza ġenerali tagħha għall-iżviluppi makroekonomiċi fl-UE.

defiċits fl-SB u dejn; jew l-aktar li kienu ilhom taħt EDP; kif ukoll kienu l-aktar 'il bogħod mill-OTM tagħhom (ara l-***Anness I***).

9. Il-kriterji tal-awditjar tagħna ġew minn:

(a) ir-rekwiżiti tal-qafas legali, b'mod partikolari r-Regolament Nru 1466/97 relatat mas-Semestru Ewropew;

(b) is-CoC fir-rigward tal-kontenut tal-PSK;

(c) ir-regoli u l-proċeduri tal-Kummissjoni, eż. *vademecums*, u linji gwida oħra ppubblikati għall-Istati Membri jew internament għall-persunal tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN);

(d) id-dokumenti ppubblikati minn għadd ta' istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra [b'mod partikolari l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)] jew li rriżultaw minn riċerka għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattika.

10. Aħna żorna d-DĠ ECFIN għal introduzzjoni dwar il-qafas tar-regoli, il-bażi loġika wara d-diversi deċiżjonijiet operazzjonali, u l-proċessi interni involuti fil-valutazzjoni tal-pjanijiet fiskali tal-Istati Membri u l-produzzjoni tas-CSRs.

11. Intervistajna lill-persunal mill-uffiċċji tal-pajjiżi fid-DĠ ECFIN għas-sitt Stati Membri fil-kampjun u eżaminajna firxa ta' dokumenti tal-Kummissjoni, kemm testi fil-qasam pubbliku kif ukoll rekords interni. Wettaqna wkoll żjarat ta' informazzjoni fis-sitt Stati Membri fil-kampjun, fejn iltqajna mal-kontropartijiet tal-Kummissjoni fil-ministeri rispettivi tal-finanzi u l-ekonomija, ma' rappreżentanti mill-kunsilli fiskali u ma' Uffiċjali tas-Semestru Ewropew fir-rappreżentanzi tal-UE.

12. Organizzajna bord konsultattiv ta' esperti indipendenti minn istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka u minn gruppi ta' riflessjoni, u stedinna għadd ta' kunsilli fiskali tal-Istati Membri għal seminar intern biex jikkondividu l-fehmiet tagħhom dwar il-qafas u d-diversi żviluppi li kienu osservaw fl-Istati Membri.

13. Wettaqna testijiet analitiċi fuq il-mudelli tal-valutazzjoni tal-konformità użati mill-Kummissjoni. Aħna ttestjajna jekk il-mudelli kinux ġew strutturati sabiex jirriflettu l-kundizzjonijiet fir-regolamenti, u jekk il-mudelli kinux preċiżi u konsistenti fl-Istati Membri kollha u matul iż-żmien.

14. Ittestjajna wkoll l-impatt ta' ċerti approċċi operazzjonali billi qabbilna l-eżiti ma' simulazzjonijiet ta' interpretazzjonijiet alternattivi, u erġajna wettaqna diversi analiżijiet imwettqa mill-uffiċċji tal-pajjiżi, eżaminajna l-PSK tal-Istati Membri, id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, id-dokumenti ta' ħidma interni u informazzjoni oħra disponibbli biex nistabbilixxu jekk kienx hemm bażi soda għal ċerti osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li kienet għamlet il-Kummissjoni.

## OSSERVAZZJONIJIET

### *Parti I — ir-regolament stabbilixxa pass xieraq għall-konverġenza lejn l-OTM iżda kien jinkludi dispożizzjonijiet ambigwi*

15. Biex tinkiseb konverġenza rapida lejn l-Objettivi ta' Terminu Medju, ir-Regolament stabbilixxa valur referenzjarju ta' 0.5 % tal-PDG għall-aġġustament medju annwali tal-SB, u ddikjara li l-valur referenzjarju jenħtieġ li jkun ogħla għal dawk l-Istati Membri li jkollhom dejn li jkun aktar minn 60 % tal-PDG[8].

16. B'mod kemxejn kontradittorju, ir-Regolament jippermetti marġni ta' devjazzjoni li huwa relattivament kbir meta mqabbel mal-valur referenzjarju qabel ma Stat Membru jitqies li ma jkunx konformi. Ċertu marġni ta' devjazzjoni jista' jitqies li jkun xieraq fid-dawl tal-inċertezzi involuti fil-previżjonijiet u fl-eżekuzzjoni tal-baġit. Iżda l-marġni previst huwa konsiderevoli: f'sena waħda, id-devjazzjoni awtorizzata tista' tkun ta' 0.5 %, jiġifieri daqs il-valur referenzjarju. Fuq sentejn, din tista' terġa' tkun ta' 0.5 % tal-PDG bħala total (jiġifieri medja ta' 0.25 % kull sena). Dan il-marġni relattivament kbir ta' devjazzjoni awtorizzata ħoloq ambigwità dwar dak li huwa verament mistenni mill-Istati Membri. Jerġa' aktar importanti, ir-Regolament ma jistabbilixxix espliċitament limitu kumulattiv għal dawn it-tipi ta'

[8] L-Artikolu 5(1), il-paragrafu 2 u l-Artikolu 9(1), il-paragrafu 2 tar-Regolament Nru 1466/97.

devjazzjonijiet fuq bosta snin, u dan jista' jiġi interpretat bħala li jimplika li devjazzjoni ta' ftit inqas minn 0.25 % hija tollerata b'mod indefinit[9]. Dan għandu impatt importanti fuq iż-żmien li Stat Membru jieħu biex jilħaq l-OTM tiegħu u, għalhekk, fuq l-effettività tal-parti preventiva.

17. Barra minn hekk, ir-Regolament jinkludi għadd ta' kundizzjonijiet u flessibbiltajiet li jista' jkollhom impatt addizzjonali fuq l-effettività tal-parti preventiva, skont kif jiġu implimentati mill-Kummissjoni.

18. Ir-Regolament introduċa l-kunċett li l-aġġustament tal-SB jenħtieġ li jkun dipendenti fuq iċ-ċiklu, għalkemm jimplika li xorta jkun meħtieġ xi aġġustament fi żminijiet ħżiena. Huwa jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-Kunsill jikkunsidraw "jekk ikunx qed isir sforz ta' aġġustament akbar fi żminijiet ekonomi ċi tajba, filwaqt li l[illegible]i ekonomiċi ħżiena"[10].

19. Barra minn hekk, ir-Regolament jippermetti "l-ispazju għall-immanuvrar baġitarju, b'konsiderazzjoni partikolarment tal-ħtieġa ta' investiment pubbliku"[11].

20. Ir-Regolament jipprevedi l-flessibbiltà billi jirrikjedi li l-Kunsill u l-Kummissjoni "jikkunsidraw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali prinċipali li għandhom effetti baġitarji pożittivi diretti, fosthom billi jżidu t-tkabbir sostenibbli potenzjali, u għalhekk impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq perjodu twil ta' żmien"[12]. Biex jużaw din il-flessibbiltà, l-Istati Membri huma meħtieġa li jippreżentaw "analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tar-riformi strutturali prinċipali u li għandhom effetti baġitarji pożittivi diretti fuq perjodu twil ta' żmien" fil-PSK tagħhom[13]. It-talbiet għall-flessibbiltà jkunu eliġibbli jekk l-

---

[9] Ara osservazzjonijiet simili mill-Bord Fiskali Ewropew, fir-rapport annwali tiegħu għall-2017, it-Taqsima 5.1.3, p. 55, Brussell.

[10] Ir-Regolament Nru 1466/97, l-Artikolu 5(1), il-paragrafu 2 u l-Artikolu 9(1), il-paragrafu 2.

[11] *Idem*, l-Artikolu 2a, il-paragrafu 1.

[12] *Idem*, l-Artikoli 5(1) u 9(1).

[13] *Idem*, l-Artikoli 3(2)(c) u 8(2)(c).

Istat Membru jkun irrispetta l-marġni ta' sigurtà relatat mal-valur referenzjarju ta' 3 % u jkun mistenni li jmur lura għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju "matul il-perjodu tal-programm"[14]. Il-perjodu tal-programm għall-PSK ġeneralment huwa ta' erba' snin, għalkemm xi pajjiżi jinkludu l-ħames sena.

21. Ir-Regolament jippermetti speċifikament ukoll devjazzjonijiet minħabba l-ispejjeż inkrementali diretti tar-riformi tal-pensjonijiet[15]. Id-devjazzjoni eliġibbli hija strettament marbuta mal-ispejjeż baġitarji tal-ewwel sena wara l-introduzzjoni tar-riforma u ma' kwalunkwe spiża inkrementali annwali tas-snin ta' wara. Minħabba l-effetti pożittivi fuq terminu twil tar-riformi tal-pensjonijiet fuq is-sostenibbiltà fiskali, din il-klawsola mhix ta' detriment għall-effettività tar-Regolament.

22. Fl-aħħar nett, ir-Regolament jipprevedi wkoll devjazzjonijiet li jirriżultaw minn avvenimenti mhux tas-soltu, li mhumiex taħt il-kontroll tal-Istati Membri, li għandhom impatt kbir fuq il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, u minn tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha, dment li dawn id-devjazzjonijiet ma jipperikolawx is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.

23. Filwaqt li r-rekwiżiti bażiċi fir-Regolament ġew ifformulati f'termini ta' titjib fil-bilanċ tal-baġit u fil-bilanċ strutturali, ir-riformi tal-2011 introduċew ukoll valur referenzjarju tal-infiq (EB). Dan il-valur referenzjarju jirrikjedi li l-perkors tat-tkabbir tal-infiq annwali, kif definit fl-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament[16], ma jaqbiżx ir-rata ta' tkabbir potenzjali tal-PDG fuq terminu medju, sakemm l-eċċess ma jiġix korrispost b'miżuri diskrezzjonali ta' dħul. Barra minn hekk, jekk Stat Membru ma jilħaqx l-OTM tiegħu, f'dak il-każ it-tkabbir fl-infiq annwali jenħtieġ li jkun aktar baxx mir-rata ta' tkabbir potenzjali tal-PDG fuq terminu medju, bil-għan li jinkiseb it-titjib immirat fl-SB.

---

[14] *Idem*, l-Artikoli 5(1) u 9(1), is-subparagrafu 10.

[15] *Idem*, l-Artikoli 5(1) u 9(1).

[16] "L-infiq totali għandu jeskludi l-infiq fuq l-interessi, infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad."

24. Filwaqt li ż-żewġ valuri referenzjarji (ir-rekwiżit ta’ valur referenzjarju tal-EB u tal-SB) jistgħu, fit-teorija, jipproduċu l-istess riżultati, ċerti differenzi jistgħu jikkawżaw riżultati differenti fir-rigward tal-konformità, bħall-użu ta’ rata ta’ tkabbir potenzjali differenti minn dik użata għall-SB, jew l-esklużjoni tal-infiq fuq l-interessi. Madankollu, ir-regola tal-infiq toffri xi vantaġġi fil-valutazzjoni *ex post* tal-prestazzjoni[17].

***Parti II — il-Kummissjoni eżerċitat b’mod estensiv id-diskrezzjoni mogħtija iżda ma ffukatx fuq l-objettiv prinċipali***

**Ir-rekwiżiti aġġustati b’mod ċikliku kkombinati mal-marġni għad-devjazzjoni u mal-marġni għad-diskrezzjoni ma jwasslux għar-rata ta’ referenza tal-aġġustament**

25. Biex tiddifferenzja l-aġġustament skont il-pożizzjoni tal-ekonomija fiċ-ċiklu ekonomiku (fir-Regolament imsejħa bħala żminijiet ħżiena kontra żminijiet tajbin), fl-2015 il-Kummissjoni ppubblikat matriċi li kienet tistipula l-aġġustamenti meħtieġa (minn hawn ’il quddiem imsejħa “matriċi”) (ara l-***Figura 3***). Il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni (OG) huwa l-kriterju prinċipali li permezz tiegħu jiġu ddeterminati jekk iż-żminijiet humiex tajbin jew ħżiena. Huwa ġie maqsum f’ħames kategoriji: żminijiet eċċezzjonalment ħżiena, żminijiet ħżiena ħafna, żminijiet ħżiena, żminijiet normali u żminijiet tajbin. Il-matriċi ma tipprevedi ebda aġġustament fi “żminijiet eċċezzjonalment ħżiena”, li huwa kunċett li mhuwiex imsemmi fir-Regolament. L-Istati Membri li jkollhom dejn ta’ inqas minn 60 % tal-PDG mhumiex meħtieġa li jagħmlu xi aġġustament fi żminijiet “ħżiena ħafna” u dment li t-tkabbir ma jkunx ogħla mill-potenzjal, anke fi “żminijiet ħżiena”. Għalkemm mhux meħtieġ mir-Regolament, il-Kummissjoni sussegwentement laħqet ftehim mal-Istati Membri fir-rigward tal-matriċi (u flessibbiltajiet oħra, ara hawn taħt) permezz tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN)[18].

---

[17] Il-fokus fuq il-valur referenzjarju tal-infiq jagħmel enfasi qawwija fuq dawk il-lievi ta’ politika li huma direttament ikkontrollati mill-gvern, u dan il-valur huwa aktar prevedibbli mill-indikatur tal-SB.

[18] Il-Pożizzjoni miftiehma b’mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir; il-Kunsill ECOFIN tal-UE; 14345/15; Brussell, it-30 ta’ Novembru 2015, p. 8; L-EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL, it-3445 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Brussell, it-12 ta’ Frar 2016.

**<u>Figura 3</u> - Matriċi użata biex jiġi determinat l-aġġustament fiskali annwali lejn l-ilħuq tal-OTM taħt il-parti preventiva tal-patt**

| | | Aġġustament fiskali annwali meħtieġ* | |
|---|---|---|---|
| | Kundizzjoni | Dejn taħt is-60 % u ebda riskju għas-sostenibbiltà | Dejn ta' aktar minn 60 % jew riskju għas-sostenibbiltà |
| **Żminijiet eċċezzjonalment ħżiena** | Tkabbir reali ta' <0 jew marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' <-4 | Ma huwa meħtieġ ebda aġġustament | |
| **Żminijiet ħżiena ħafna** | -4 ≤ marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' <-3 | 0 | 0,25 |
| **Żminijiet ħżiena** | -3 ≤ marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' <-1.5 | 0 jekk it-tkabbir ikun inqas mill-potenzjal, 0.25 jekk it-tkabbir ikun ogħla mill-potenzjal | 0.25 jekk it-tkabbir ikun inqas mill-potenzjal, 0.5 jekk it-tkabbir ikun ogħla mill-potenzjal |
| **Żminijiet normali** | -1.5 ≤ marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' <1.5 | 0,5 | > 0.5 |
| **Żminijiet tajbin** | marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ≥= 1.5% | > 0.5 jekk it-tkabbir ikun inqas mill-potenzjal. > 0.75 jekk it-tkabbir ikun aktar mill-potenzjal. | > 0.75 jekk it-tkabbir ikun inqas mill-potenzjal. > 1 jekk it-tkabbir ikun aktar mill-potenzjal. |

* iċ-ċifri kollha huma f'punti perċentwali tal-PDG.

*Sors*: COM(2015) 12 final, l-Anness 2.

26. Għal sitwazzjonijiet fejn ir-rati tat-tkabbir jkunu negattivi u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni jkun inqas minn - 4 %, il-matriċi tindka "l-ebda aġġustament meħtieġ", minflok "livell żero ta' aġġustament". Dan jista' jissuġġerixxi li t-termini differenti ntużaw biex jippermettu tnaqqis fl-SB matul reċessjonijiet qawwija, għalkemm matul l-awditu l-Kummissjoni ddikjarat li fiż-żewġ każijiet dawn ikunu jeħtieġu livell żero ta' aġġustament[19]. L-għadd kbir ta' kategoriji differenti relatati ma' "żminijiet ħżiena" jirrifletti l-fatt li l-matriċi

[19] Irrispettivament mir-regoli u mill-interpretazzjoni tagħhom, huwa diffiċli ħafna li jiġi evitat id-deterjorament tal-bilanċ strutturali matul reċessjonijiet. Pereżempju, matul ir-reċessjoni relattivament moderata tas-sena 2000, il-bilanċi strutturali tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro naqsu b'medja ta' 1.2 pp tal-PDG bejn is-sena 2000 u l-2002. Matul ir-reċessjoni l-kbira, il-bilanċi strutturali naqsu bi 2.5 pp tal-PDG bejn l-2007 u l-2010 (abbażi tad-*data* pprovduta mill-FMI, Prospettiva Ekonomika Dinjija, Ottubru 2017).

ġiet introdotta f'perjodu ta' reċessjoni qawwija, li seta' affettwa wkoll il-valuri tal-parametri tagħha.

27. Il-Kummissjoni għamlet distinzjoni żgħira u mhux konsistenti fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aġġustament għall-Istati Membri li għandhom proporzjon ogħla ta' dejn (jiġifieri ogħla mil-limitu ta' 60 %) u għal Stati Membri oħra. Ir-rekwiżit għal tal-ewwel huwa stabbilit ogħla bi kwart ta' punt perċentwali fi żminijiet ħżiena u tajbin, iżda sorprendentement mhux fi żminijiet normali. Għal dawn, il-Kummissjoni speċifikat sempliċement li r-rekwiżit jenħtieġ li jkun ogħla minn 0.5 % tal-PDG. Il-*Vademecum* tal-2016 jispjega li konvenzjonalment dan jinftiehem li r-rekwiżit irid ikun mill-inqas 0.6 % tal-PDG[20]. Filwaqt li fi żminijiet normali l-aġġustament li ntalab kien ta' 0.6 % tal-PDG, ma hemmx evidenza li turi li f'dawn iż-żminijiet normali ġie rakkomandat rekwiżit ogħla minn dan l-ammont għall-Istati Membri b'livelli ogħla ta' dejn.

28. Il-matriċi tagħmel distinzjoni skont jekk it-tkabbir huwiex mit-tkabbir potenzjali jew le. Madankollu, din ma ssirx b'mod konsistenti billi r-rekwiżiti huma ogħla bi kwart ta' punt perċentwali aktar fi żminijiet ħżiena u f'dawk tajbin jekk it-tkabbir ikun ogħla mill-potenzjal, iżda fi żminijiet normali ma jsir ebda aġġustament addizzjonali bħal dan għall-pajjiżi b'dejn baxx, filwaqt li għall-pajjiżi b'dejn għoli dan mhuwiex speċifikat. Għalkemm għandu jkun aktar faċli li jiġu implimentati r-riformi meta t-tkabbir ikun rapidu, jiġifieri jkun ogħla mir-rata medja jew mir-rata ta' tkabbir potenzjali, il-Kummissjoni sostniet li hija kienet qieset il-fattibbiltà ta' aġġustamenti akbar, inkluża l-vijabbiltà politika tagħhom (ara wkoll il-***paragrafu 50***).

29. Qabel ma stabbiliet il-valuri tal-matriċi, il-Kummissjoni ma analizzatx kif il-parametri stabbiliti, ikkombinati mad-"devjazzjoni sinifikanti" definita fir-Regolament, jistgħu jiżguraw li l-Istati Membri jilħqu l-OTM fi żmien raġonevoli. Il-matriċi ma kinitx ibbażata fuq simulazzjoni li tiddetermina, abbażi ta' suppożizzjonijiet makroekonomiċi raġonevoli, jekk il-valuri tagħha jipprovdux titjib medju fl-SB ta' 0.5 pp tal-PDG f'perjodu ta' żmien raġonevoli. L-unika analiżi

[20] Il-*Vademecum* dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tal-2016, il-paragrafu 5, il-Kaxxa 1.6, p. 38.

li saret kienet dwar id-distribuzzjoni tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni, mingħajr ma ġew eżaminati l-implikazzjonijiet fuq l-ilħuq tal-OTM.

30. Il-Bord Fiskali Ewropew wissa li, fin-nuqqas ta’ restrizzjonijiet fuq id-devjazzjoni kumulattiva fir-Regolament, l-Istati Membri kellhom inċentiv biex jiddevjaw sistematikament mill-aġġustament meħtieġ lejn l-ilħuq tal-OTM, u li jista’ jkun li xi wħud ppjanaw li jagħmlu dan fi ħdan il-marġnijiet awtorizzati[21].

31. Il-Kummissjoni kompliet idgħajjef il-qafas meta f’Mejju 2017 introduċiet “marġni tal-apprezzament”, li jissejjaħ ukoll il-“marġni ta’ diskrezzjoni”[22]. Hija ħabbret li biħsiebha tuża dan il-marġni f’każijiet fejn l-impatt ta’ aġġustament fiskali kbir fuq it-tkabbir u l-impjiegi jkun partikolarment sinifikanti[23].

32. Fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li pproponiet għall-Italja f’Mejju 2017, il-Kummissjoni ddikjarat li l-aġġustament meħtieġ irid ikun ta’ “mill-inqas 0.6 % tal-PDG”, iżda mbagħad żiedet: “Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-evalwazzjoni sussegwenti ta’ riżultati baġitarji għall-2018 jeħtieġ li jqisu l-għan li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali kif ukoll li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Italja. *F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel użu tal-marġni applikabbli ta’ apprezzament, fid-dawl tal-qagħda ċiklika tal-Italja.”*[24]

---

[21] Ara l-paġna 55 tar-Rapport Annwali għall-2017 tal-Bord Fiskali Ewropew.

[22] COM(2017) 500 final “Semestru Ewropew 2017: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi”.

[23] Fir-Rapport Annwali tiegħu għall-2017, il-Bord Fiskali Ewropew iddikjara f’dan ir-rigward li filwaqt li l-flessibbiltà hija mixtieqa, teżisti dejjem aktar il-perċezzjoni li l-għadd dejjem jikber ta’ dispożizzjonijiet ta’ flessibbiltà taħt il-PST huma nieqsa mit-trasparenza u li, xi kultant, jiġu ddeterminati b’mod *ad hoc*, inkluż b’reazzjoni għall-kunsiderazzjonijiet politiċi.

[24] COM(2017) 511 final.

33. B'dan il-mod, il-Kummissjoni ħabbret *ex ante* li devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament stabbilit fis-CSRs tista' ma twassalx għal valutazzjoni tan-nuqqas ta' konformità. Dan naqqas ir-rilevanza u l-kredibbiltà tar-rekwiżit stabbilit.

34. Aktar tard fis-sena, il-Kummissjoni spjegat aktar din il-flessibbiltà ġdida u ddikjarat li hija tista' teżerċita ċertu grad ta' diskrezzjoni meta tivvaluta l-konformità mal-PST[25]. Għalhekk, anke jekk Stat Membru jkun qed jiddevja b'mod sinifikanti mir-rekwiżit ta' aġġustament tiegħu, il-Kummissjoni "eventwalment tista' tikkonkludi" li l-proċedura ta' devjazzjoni sinifikanti mhix iġġustifikata. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirreferi għall-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1466/97, li jistabbilixxi li għalkemm il-valutazzjoni kumplessiva tkun marbuta ma' kriterji kwantitattivi preċiżi, din mhix limitata għal dawn il-kriterji, b'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tqis elementi oħra.

35. Ir-rapport tal-valutazzjoni globali tal-Kummissjoni għall-2018 dwar l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji jagħti aktar spjegazzjonijiet dwar l-użu ta' llaxkar addizzjonali. L-illaxkar huwa ġġustifikat fuq il-bażi li l-irkupru jidher li għadu fraġli jew jista' jiġi kompromess minn issikkar fiskali li jkun kbir wisq. Ir-rapport jiddikjara li dawk l-Istati Membri li jkollhom proporzjon tad-dejn għall-PDG li jkun ogħla minn 60 % jeħtieġ li jiżguraw it-twettiq effettiv ta' "aġġustament fiskali raġonevoli", li l-Kummissjoni tiddeskrivi bħala li huwa bejn wieħed u ieħor in-nofs tar-rekwiżit stabbilit mill-matriċi. L-istess dokument jistabbilixxi li dan l-aġġustament raġonevoli huwa kriterju essenzjali biex tiġi evitata l-EDP ibbażata fuq id-dejn.

36. Għandu jiġi nnutat li r-rekwiżiti komplew jiddgħajfu fi żmien meta l-ekonomija tal-UE u taż-żona tal-euro kienet għaddejja minn perjodu ta' tkabbir kontinwu li dam għaddej għal erba' snin, b'rati ta' tkabbir li kienu ogħla minn dawk tal-produzzjoni potenzjali. F'każ partikolari, il-Kummissjoni ġġustifikat it-tnaqqis fl-aġġustament meħtieġ abbażi tal-valutazzjoni tagħha li l-irkupru ma kienx b'saħħtu biżżejjed, iżda ma ħaditx inkusiderazzjoni l-fatt li t-tkabbir matul l-aħħar erba' snin (2015-2018), li jista' jidher baxx, ġie stmat li kien ta' 1 pp ogħla mir-rata ta' tkabbir potenzjali.

---

[25] COM(2017) 800 final "Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2018: Valutazzjoni Globali".

**Il-flessibbiltà implimentata mill-Kummissjoni, li aktar tard hija laħqet ftehim dwarha mal-Istati Membri, twassal għal dewmien twil fl-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju u tippermetti li jiżdied l-infiq mhux relatat**

37. Fl-2015, il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni li tillimita l-klawsola tar-riformi strutturali għal 0.5 % tal-PDG u li ma tistabbilixxi ebda limitu fuq il-klawsola tal-investiment[26]. Sussegwentement, il-Kunsill ECOFIN[27], bi qbil mal-Kummissjoni, stabbilixxa limitu kumulattiv ta' 0.75 % tal-PDG għall-konċessjonijiet kkombinati applikati għar-riformi strutturali u għall-investimenti, sakemm Stat Membru jkun laħaq l-OTM tiegħu. Ma kien ġie impost ebda limitu massimu fuq il-klawsola tar-riforma tal-pensjonijiet (li, madankollu, hija limitata għall-ispejjeż reali). Din ir-restrizzjoni lanqas ma tapplika għall-klawsoli tal-avvenimenti mhux tas-soltu.

38. Il-klawsola tal-investiment tista' tintuża biss f'sena baġitarja fejn it-tkabbir tal-PDG ikun negattiv jew il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni negattiv ikun akbar minn 1.5 % tal-PDG. Ebda restrizzjoni ta' dan it-tip ma tapplika għall-klawsoli tar-riformi strutturali (inklużi l-klawsoli tar-riforma tal-pensjonijiet) u lanqas għall-klawsoli tal-avvenimenti mhux tas-soltu.

39. Il-konċessjoni applikabbli għall-investimenti u għar-riformi strutturali tista' tingħata biss jekk il-bilanċ strutturali ta' Stat Membru ma jkunx aktar minn 1.5 pp tal-PDG 'il bogħod mill-OTM. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għall-klawsoli tar-riforma tal-pensjonijiet u lanqas għall-klawsoli tal-avvenimenti mhux tas-soltu.

40. It-***Tabella 1*** tagħti stampa ġenerali tal-klawsoli kollha relatati mal-flessibbiltà li ġew approvati fil-perjodu 2013-2017.

---

[26] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir"; Strasburgu, it-13 ta' Jannar 2015; COM(2015) 12 final.

[27] Il-Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; il-Kunsill ECOFIN tal-UE; 14345/15; Brussell, it-30 ta' Novembru 2015, p. 8.

**<u>Tabella 1</u> – Lista ta' klawsoli ta' flessibbiltà mogħtija fil-perjodu 2013-2017, f'perċentwal tal-PDG**

| Stat Membru | Somma ta' devjazzjoni awtorizzata 2013-2017 | | 2013 | | 2014 | | 2015 | | 2016 | | | | | 2017 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Pensjoni | Investiment | Pensjoni | Investiment | Pensjoni | Refuġjati | Riforma strutturali | Pensjoni | Investiment | Refuġjati | Sigurtà | Riforma strutturali | Pensjoni | Investiment | Refuġjati | Sigurtà | Terremoti |
| LV | 1,20 | | 0,50 | | | | 0,30 | | | 0,30 | | | | 0,10 | | | | | |
| IT | 1,20 | | | | | | | 0,03 | 0,50 | | 0,21 | 0,06 | 0,06 | | | | 0,16 | | 0,18 |
| BG | 0,70 | | | 0,60 | | 0,10 | | | | | | | | | | | | | |
| FI | 0,67 | | | | | | | 0,05 | | | | 0,17 | | 0,50 | | 0,10 | -0,15 | | |
| SK | 0,40 | | | | | 0,40 | | | | | | | | | | | | | |
| AT | 0,39 | | | | | | | 0,09 | | | | 0,25 | 0,04 | | | | | 0,01 | |
| HU | 0,22 | | | | | | | 0,04 | | | | | 0,04 | | | | | 0,14 | |
| BE | 0,17 | | | | | | | 0,03 | | | | 0,08 | 0,05 | | | | | 0,01 | |
| LT | 0,10 | | | | | | | | | 0,10 | | | | 0.4* | | | | | |
| SL | 0,08 | | | | | | | | | | | 0,07 | | | | | 0,01 | | |

Sorsi: 2013 - 2017 Il-Kummissjoni

Mogħtija *Ex post*
Mogħtija
Għandha tingħata *ex post*, Previżjoni tar-rebbiegħa 2018

* 0.40 mogħtija bis-sħiħ, madankollu, bil-kundizzjoni li jiġi rispettat il-Valur Referenzjarju Minimu. Dan kien ifisser li d-devjazzjoni awtorizzata għal-LT kienet ta' 0.1 fl-2017

*Sors*: il-Kummissjoni.

<u>Implimentazzjoni tal-klawsola tal-investiment</u>

41. F'Jannar 2015, il-Kummissjoni[28] ħadet il-pożizzjoni li l-konċessjoni taħt il-klawsola tal-investiment tista' tingħata biss meta l-Istati Membri jkunu biħsiebhom iġarrbu nfiq nazzjonali fuq programmi eliġibbli tal-UE li jtejbu t-tkabbir[29]. In-nefqa nominali mbagħad tiġi kkalkulata bħala perċentwal tal-PDG, u r-rekwiżit ta' aġġustament jitnaqqas bl-istess perċentwal tal-PDG. Bil-kundizzjoni li l-valur f'euro tal-infiq fuq il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss fis-sena korrispondenti ma jonqosx. Dan ġie sussegwentement ikkonfermat mill-Kunsill ECOFIN fil-"Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir"[30].

42. Minħabba t-tfassil attwali tagħha, il-klawsola tal-investiment ma tistax tistabbilixxi ż-żieda tal-proporzjon tal-investimenti bħala sehem tal-PDG bħala kundizzjoni jew objettiv espliċitu. Fil-każ tal-Italja, minkejja l-konċessjoni mogħtija għall-investiment, il-Kummissjoni

[28] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir"; Strasburgu, it-13 ta' Jannar 2015; COM(2015) 12 final.

[29] Xi kultant il-Kummissjoni tirreferi għall-konċessjoni li jingħataw għall-investiment bħala subkategorija tal-klawsola tar-riformi.

[30] ECOFIN 888, UEM 422, 14345/15.

rrappurtat li b'mod ġenerali l-infiq tal-baġit tal-pajjiżi fuq il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss baqa' effettivament stabbli meta mqabbel mal-PDG[31].

43. Billi l-infiq relatat mal-klawsola tal-investiment approvata jirriżulta fi tnaqqis tal-SB fis-sena li għaliha l-konċessjoni tkun ġiet approvata, dan jaffettwa l-perkors tal-bilanċi strutturali fis-snin ta' wara, u għaldaqstant, jekk kollox jibqa' l-istess, iż-żmien għall-konverġenza lejn l-OTM ikun itwal. B'riżultat ta' dan, il-konċessjoni li tingħata għall-investiment f'sena waħda żżid l-infiq globali awtorizzat matul is-snin ta' wara, indipendentement mil-livell tal-infiq ta' investiment f'dawk is-snin. Ma hemm ebda kundizzjoni li tirrikjedi li livelli ogħla ta' investiment iridu jinżammu fis-snin ta' wara. Dan jista' jiġi nnutat ukoll fid-deskrizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-effetti tal-klawsola tal-investiment[32] (ara l-***Figura 4***).

---

[31] Il-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja għall-2016 (Mejju 2016): Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni, il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-gvern tal-Italja mistennija tiżdied aktar f'termini nominali fl-2016 u fl-2017 (b'0.9 % u b'0.6 %, rispettivament). B'riżultat ta' dan, l-investiment pubbliku mistenni li jibqa' ġeneralment stabbli bħala sehem tal-PDG (f'livell ta' madwar 2.3 %).

[32] Il-*Vademecum* tal-2017, l-Anness 14, is-Simulazzjoni 2, p. 176.

**<u>Figura 4</u> – Simulazzjoni tal-klawsola tal-investiment ipprovduta mill-Kummissjoni**




*Sors*: Il-*Vademecum* tal-2017 tal-Kummissjoni dwar il-PST, l-Anness 14, is-Simulazzjoni 2, p. 176.

44. Biex tevita li ttawwal iż-żmien meħtieġ għall-konverġenza, fis-snin ta' wara l-Kummissjoni trid iżżid l-aġġustament tal-matriċi b'ammont sħiħ jew prorata tal-konċessjoni approvata għall-investiment (u l-istess japplika għall-konċessjonijiet mmirati għar-riformi strutturali u għall-avvenimenti mhux tas-soltu, ara hawn taħt). Madankollu, il-Kummissjoni mhux qed tapplika dan l-approċċ. Waqt l-awditu hija spjegat li aġġustamenti addizzjonali fil-matriċi joħolqu mudell ta' aġġustament stop-start u jistgħu jwasslu għal aġġustamenti kbar li jistgħu jitqiesu bħala sanzjonijiet jew jiskoraġġixxu lill-Istati Membri milli jimplimentaw ir-riformi strutturali.

45. Fid-deskrizzjoni tagħha tal-effetti tal-klawsola tal-investiment[33], il-Kummissjoni turi li ż-żmien meħtieġ għall-konverġenza se jiżdied, iżda tgħid li l-effetti tal-konċessjonijiet se jkunu ġew eliminati sal-aħħar sena tal-perjodu tal-programm. Il-kalkolu tagħha huwa bbażat fuq is-

[33] Ara diversi simulazzjonijiet ta' klawsoli fil-*Vademecum* tal-2017 tal-Kummissjoni dwar il-PST, l-Anness 14.

suppożizzjoni li l-aġġustament medju se jammonta għal 0.5 % tal-PDG fis-sena, u li d-distanza inizjali tal-Istati Membri lejn l-OTM se tkun ta' 1.5 % tal-PDG. Mingħajr il-konċessjoni għall-investiment, b'dak ir-ritmu l-OTM jintlaħaq fi tliet snin. Jekk il-konċessjoni għall-investiment tkun ta' 0.5 % tal-PDG, tkun meħtieġa sena oħra. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tgħid li, anke jekk matul is-snin ta' wara ma jkunx hemm miżuri ta' kumpens, l-effetti tal-klawsoli jiġu eliminati sa tmiem il-perjodu tal-programm (ara l-***Figura 4***).

46. Madankollu, fir-realtà, l-aġġustament medju ta' 0.5 % ma jinkisibx minħabba, fost fatturi oħra, il-marġni sinifikanti ta' devjazzjoni. L-estensjoni fiż-żmien meħtieġ għall-konverġenza għalhekk se tkun ferm itwal. Dan se jiġi estiż aktar meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti ta' konċessjonijiet oħra (għar-riforma u għall-avvenimenti mhux tas-soltu). Fil-każ ta' pajjiż wieħed, il-konċessjonijiet kumulattivi għall-iskopijiet kollha, ħlief dawk għall-pensjonijiet, laħqu 1.2 % tal-PDG fil-perjodu 2015-2017 (ara t-***Tabella 1***).

47. L-effett huwa li l-konċessjoni approvata għall-investiment tirriżulta f'żieda fl-infiq kumplessiv matul is-snin ta' wara, irrispettivament minn dak li jiġri fil-livell tal-infiq ta' investiment. Għalhekk, iż-żieda totali fl-infiq attwali tista' taqbeż il-konċessjoni approvata għall-investiment għal bosta drabi, sakemm finalment jintlaħaq l-OTM[34].

Implimentazzjoni tal-klawsola tar-riformi strutturali

48. Bħal fil-każ tal-klawsola tal-investiment, il-konċessjoni li tingħata għar-riformi strutturali tirriżulta f'żieda fl-infiq awtorizzat, mhux biss fis-sena li għaliha tkun ġiet approvata iżda anke fis-snin ta' wara (meta mqabbla mal-perkors oriġinali), u għalhekk ittawwal iż-żmien meħtieġ għall-konverġenza lejn l-ilħuq tal-OTM.

49. Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-konċessjoni għar-riformi strutturali ma għandhiex għalfejn tikkorrispondi għall-ispejjeż baġitarji reali mmirati għall-implimentazzjoni tar-riforma[35]. Min-

---

34 Ara l-*Vademecum* tal-2017 tal-Kummissjoni dwar il-PST, l-Anness 14, is-Simulazzjoni 2, p. 176.

35 Il-Kummissjoni tispjega li waħda mir-raġunijiet għalfejn dan mhuwiex fattibbli hija li l-ispejjeż diretti huma meqjusa diffiċli biex jitkejlu. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li, minbarra l-ispejjeż fiskali diretti, jista' jkun hemm spejjeż oħra assoċjati mal-introduzzjoni ta' tali riforma, pereżempju spejjeż ekonomiċi u politiċi.

naħa l-oħra, ir-Regolament jirrikjedi b'mod ċar li hija meħtieġa analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji biex tingħata konċessjoni għar-riformi[36]. Fir-rigward ta' riformi kbar fis-sistemi tal-pensjonijiet, huwa jindika b'mod ċar li l-konċessjoni jenħtieġ li tkun limitata għall-ispejjeż reali.

50. Minflok, il-Kummissjoni teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha fl-istabbiliment tal-livell tal-konċessjoni (fi ħdan il-limiti approvati mill-Kunsill ECOFIN), sakemm ir-riforma tkun mistennija li jkollha impatt fit-tul fuq it-tkabbir u, għaldaqstant, jinkisbu impatti baġitarji pożittivi, minkejja li dawn l-effetti huma ferm aktar diffiċli biex jitkejlu mill-ispejjeż baġitarji reali tar-riforma. B'dan il-mod, il-"konċessjoni standard għar-riformi" taġixxi bħala inċentiv għar-riformi minflok bħala strument li jkopri l-ispejjeż tagħhom[37].

51. Madankollu, il-Kummissjoni għandha ħafna strumenti oħra ta' politika biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-riformi strutturali, inklużi r-riżorsi baġitarji tagħha.

52. Il-Kummissjoni se tapplika l-klawsola fil-valutazzjoni *ex post* jekk ir-riformi ppjanati jiġu implimentati bis-sħiħ[38]. Meta l-klawsoli jingħataw *ex ante*, is-CSR tiddikjara li jekk ir-riforma ppjanata tiġi implimentata bis-sħiħ, il-valutazzjoni *ex post* tal-konformità tnaqqas il-klawsola mir-rekwiżit fiskali[39]. Fil-każ tal-Italja, fir-rebbiegħa tal-2017, il-Kummissjoni approvat id-devjazzjoni awtorizzata iżda ma vvalutatx b'mod trasparenti jekk ir-riformi kollha ppreżentati fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2015, li għalihom kienet intalbet il-

---

36 Ir-Regolament Nru 1466/97, l-Artikolu 3(2)(c) jirrikjedi li l-PSK jinkludu analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' riformi strutturali kbar li jkollhom effetti baġitarji pożittivi diretti fuq perjodu twil ta' żmien, fosthom billi jiżdied it-tkabbir sostenibbli potenzjali.

37 Il-Kummissjoni spjegat li: minħabba d-diffikultajiet rikonoxxuti biex jiġi kkwantifikat b'mod preċiż l-impatt tar-riformi strutturali, ittieħdet deċiżjoni politika sabiex jiġi segwit approċċ aktar ġeneriku, li għandu l-benefiċċji li huwa aktar effiċjenti, komunikabbli u rapidu f'termini ta' riżultati. Dan l-approċċ jinvolvi l-forniment ta' konċessjoni standard ibbażata fuq riforma jew pakkett ta' riformi li ġew ivvalutati (jew verifikati) bħala li huma biżżejjed sinifikanti. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-klawsola tar-riformi strutturali mwettqa mill-Kummissjoni tiffoka prinċipalment fuq in-natura tal-pakkett ta' riformi li jtejjeb is-sostenibbiltà.

38 Il-Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; il-Kunsill ECOFIN tal-UE; 14345/15; Brussell, it-30 ta' Novembru 2015, it-Taqsima 3.1., p. 6.

39 Il-Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; it-Taqsima 3.3., il-punt iv.

flessibbiltà, kinux ġew implimentati bis-sħiħ. Skont kif irrappurtat fir-Rapport għall-Pajjiż tal-2017, xi wħud mir-riformi ma ġewx implimentati (eż. l-abbozz ta' liġi tal-2015 dwar id-dritt tal-kompetizzjoni ma ġiex adottat).

53. Aħna sibna li ma kienx hemm informazzjoni u valutazzjoni suffiċjenti (kemm *ex ante* kif ukoll *ex post*) min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż fiskali diretti u l-benefiċċji fit-tul li fuqhom huma bbażati ċerti klawsoli. Pereżempju, l-Italja ngħatat żewġ klawsoli tar-riformi strutturali għal total ta' 0.5 % tal-PDG fl-2016. Madankollu, id-devjazzjoni ma kinitx tikkorrispondi għall-ispejjeż fiskali diretti u indiretti verifikabbli tar-riformi stmati mill-Italja. Fl-2016, id-devjazzjoni kienet id-doppju tal-ispejjeż u ebda spiża ma kienet prevista matul il-perjodu ta' aġġustament (2017-2019).

54. Aħna sibna wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx stmat b'mod suffiċjenti l-impatt ekonomiku relatat mal-klawsoli. Jeżistu eżempji ta' simulazzjonijiet li jitwettqu permezz tal-mudell QUEST[40] iżda, f'xi każijiet, il-Kummissjoni kellha titlob aktar analiżijiet u ġustifikazzjoni mingħand l-Istati Membri li ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni. Fil-każ tal-klawsola tar-riformi strutturali ta' 0.4 % tal-PDG li ngħatat lill-Italja fl-2016, l-awtoritajiet nazzjonali pprovdew stima tal-impatti pożittivi fit-tul tar-riformi fuq il-PDG u bagħtuha lill-Kummissjoni. Fir-rebbiegħa tal-2015, il-Kummissjoni vvalutat li l-impatti pożittivi fuq il-PDG previsti mill-awtoritajiet kienu "plawżibbli". Madankollu, aħna ma ksibniex evidenza suffiċjenti li tiġġustifika l-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni. Wara dan, f'Diċembru 2015, il-Kummissjoni pproduċiet l-istimi proprji tagħha tal-impatt, li hija rrevediet f'April 2016, parzjalment minħabba n-natura fit-tul tal-projezzjonijiet u tal-inċertezzi relatati ta' ċerti suppożizzjonijiet. Ma saret ebda stima fiż-żmien meta twettqet il-valutazzjoni *ex post* tal-klawsola (jiġifieri fir-rebbiegħa tal-2017). Dawn l-istimi huma l-aktar l-aktar indikattivi u ġeneralment inċerti, għaldaqstant mhumiex adegwati biex iservu bħala kriterju għall-valutazzjoni *ex post* tal-eliġibbiltà tal-klawsoli. Rigward il-klawsola tal-investiment mogħtija lill-Italja (0.25 % tal-PDG), l-impatt fuq il-PDG ma kienx ġie stmat.

[40] Il-mudell makroekonomiku globali li d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN) juża għall-attivitajiet ta' analiżi u ta' riċerka fil-qasam tal-politika makroekonomika.

L-implimentazzjoni tal-klawsola tal-avvenimenti mhux tas-soltu

55. Ċerta flessibbiltà hija awtorizzata f'każ ta' devjazzjonijiet minħabba avvenimenti mhux tas-soltu bħal influss ta' refuġjati, diżastri naturali jew theddidiet għas-sigurtà[41]. Il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk avvenimenti bħal dawn jiġġustifikawx il-flessibbiltà jew le. Il-klawsoli relatati ma għandhomx limitu massimu.

56. Bħal fil-każ tal-klawsoli tal-investiment u tal-klawsoli tar-riformi strutturali, il-Kummissjoni ma żżidx ir-rekwiżiti ta' aġġustament fis-snin wara li tingħata l-klawsola, biex tikkumpensa għaż-żieda fl-infiq minħabba l-avveniment mhux tas-soltu. Għalhekk, jiżdied aktar iż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM.

57. Fil-valutazzjoni tal-infiq awtorizzat taħt il-klawsoli, aħna sibna li ċertu nfiq preventiv kien ġie awtorizzat *ex ante* (pereżempju, l-azzjoni preventiva dwar il-bini pubbliku fl-Italja fl-2017), minkejja li dan il-fatt kien jiddevja mill-prinċipju fil-*Vademecum* li jirrikjedi li l-infiq ikun marbut direttament mal-avveniment[42]. Fir-risposti tagħha, il-Kummissjoni ssostni li kieku dan l-infiq ma jiġġarrabx, dan jiġi eskluż *ex post*. Aħna nemmnu li, f'dan l-avveniment partikolari, l-infiq kellu jitqies bħala ineliġibbli billi ma kienx marbut direttament mal-avveniment reali.

Selezzjoni tal-aktar indikaturi favorevoli minn vintages differenti ta' *data*

58. L-użu tad-*data* l-aktar favorevoli minn bosta vintages għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'diversi punti tal-proċedura, minflok l-użu tad-*data* l-aktar reċenti disponibbli, li tkun aktar affidabbli, iwassal biex il-qafas jillaxka aktar. F'dan il-kuntest, l-"aktar favorevoli" tirreferi għal indikaturi li jeħtieġu l-inqas aġġustament. Is-selezzjoni tal-vintages l-aktar favorevoli sseħħ: meta tiġi kkalkulata d-distanza bejn l-SB u l-OTM u meta r-rekwiżit ta' aġġustament jiġi stabbilit u sussegwentement iffriżat.

---

[41] L-Artikolu 5(1), il-paragrafu 13 u l-Artikolu 9(1), il-paragrafu 13 tar-Regolament Nru 1466/97.

[42] Il-*Vademecum* tal-2017 tal-Kummissjoni dwar il-PST, il-paragrafu 4, p. 46.

59. Il-Kummissjoni tkejjel id-distanza lejn l-OTM f'sena partikolari billi tqabbel l-OTM mal-SB tas-sena preċedenti, billi tuża d-*data* l-aktar favorevoli minn vintages differenti, minflok ma tqabblu mal-SB ta' dik is-sena partikolari. Fil-każ tal-Istati Membri li jkunu laħqu l-OTM tagħhom iżda l-SB tagħhom jkun mar għall-agħar, jista' jkun hemm dewmien ta' sena jekk Stat Membru jiġi vvalutat skont dan l-approċċ.

Użu ta' ffriżar unilaterali

60. Ladarba jiġu stabbiliti fir-rebbiegħa tas-sena preċedenti, ir-rekwiżiti jiġu ffriżati, jiġifieri qatt ma jiġu riveduti 'l fuq, anke meta r-reviżjonijiet tad-*data* jindikaw titjib fil-kundizzjonijiet ekonomiċi. Pereżempju, fil-valutazzjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji f'Novembru 2017, il-Kummissjoni setgħet tieħu inkunsiderazzjoni t-titijib tal-prospetti makroekonomiċi. Għall-kuntrarju, ir-rekwiżiti jiġu riveduti 'l isfel jekk is-sitwazzjoni ekonomika tiddeterjora u twassal għal żminijiet ħżiena ħafna.

61. Barra minn hekk, fil-valutazzjonijiet tar-rebbiegħa 2014, 2015 u 2016, il-Kummissjoni għażlet l-indikaturi l-aktar favorevoli minn taħlita ta' vintages li ma kinux kumparabbli minħabba li kienu bbażati fuq is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Ekonomiċi Integrati (ESA) 95 u dik tal-2010. Matul din il-fażi ta' tranżizzjoni, it-taħlit ta' dawn il-vintages seta' wassal għal pożizzjonijiet li huma differenti minn dawk li kienu jirriżultaw kieku ntużaw indikaturi bbażati fuq standard komuni.

**L-effett kumulattiv tal-klawsoli u l-marġni ta' devjazzjoni sinifikanti jipprevjenu l-ilħuq tal-OTM fi żmien raġonevoli**

62. Meta ġie stabbilit il-valur referenzjarju ta' 0.5 pp tal-PDG għall-konverġenza annwali, l-SB medju tal-Istati Membri b'defiċit kien ta' 2.9 % tal-PDG[43], u l-OTM medju tagħhom kien ta' -0.5 % tal-PDG. Dan kien jimplika li l-OTM jintlaħaq f'madwar ħames snin, jekk ikun hemm kundizzjonijiet makroekonomiċi medji matul dak il-perjodu. Dan ikun jikkorrispondi wkoll għal bejn wieħed u ieħor iż-żmien meħtieġ għall-konverġenza għall-Istati Membri li joħorġu mill-EDP, bis-suppożizzjoni li l-bilanċ nominali u l-SB jikkoinċidu f'dak il-punt (ara l-***Kaxxa 1***).

---

[43] Il-Previżjoni Ekonomika tar-Rebbiegħa 2006; il-Kummissjoni Ewropea, it-Tabella 2.9, p. 43.

**Kaxxa 1 - X'inhu perjodu ta' żmien raġonevoli biex jintlaħaq l-OTM taħt il-parti preventiva?**

Ir-Regolament dwar il-parti preventiva ma jispeċifikax b'mod ċar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM, għalkemm isemmi "perkors ta' aġġustament humiex biżżejjed sabiex jintlaħaq l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien *matul iċ-ċiklu*" (l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1466/97).

Fl-istess Artikolu, meta jispjega r-rekwiżiti tal-klawsola tar-riformi strutturali, jgħid "li l-pożizzjoni baġitarja tkun mistennija li terġa' lura għall-objettiv baġitarju għall-perjodu medju ta' żmien *matul il-perjodu tal-programm.*"

Fil-komunikazzjoni tagħha tal-2015 dwar il-flessibbiltà, il-Kummissjoni użat termini ferm aktar preċiżi fir-rigward tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-klawsola tal-investiment: "l-OTM irid jintlaħaq *fi żmien erba' snin mill-Programm ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza attwali.*"

Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin jissuġġerixxu li biex tkun raġonevoli, jenħtieġ li l-iskadenza biex jintlaħaq l-OTM tkun bejn erba' u ħames snin u mhux aktar:

- Fiż-żmien meta ġie adottat u introdott ir-Regolament dwar il-parti preventiva (1997-1999), id-defiċit medju tal-bilanċ strutturali għall-pajjiżi fiż-żona tal-euro kien anqas minn 2 % tal-PDG. B'valur referenzjarju ta' 0.5 % tal-PDG għall-aġġustament annwali, id-defiċit baġitarju strutturali kien jiġi eliminat (jiġifieri jkun "qrib il-bilanċ jew f'bilanċ favorevoli") fi żmien erba' snin.

- L-iskop tal-parti preventiva huwa li jinħoloq lok biex l-istabilizzaturi awtomatiċi jkunu jistgħu joperaw liberament filwaqt li jżommu d-defiċit nominali tal-baġit taħt il-limitu massimu ta' 3 %. Jekk il-perjodu meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM ikun aktar minn erba' snin, tiżdied il-probabbiltà li pajjiż jidħol f'perjodu ġdid ta' reċessjoni qabel ma jkun laħaq il-mira. Pereżempju, fiż-żona tal-euro kien hemm erba' snin biss fejn it-tkabbir kien ogħla minn 1 % bejn ir-reċessjoni tal-2001-2002 u l-kriżi ta' wara.

- Ir-regola tad-dejn stabbilita mill-PST tirrikjedi li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos, fuq tliet snin, b'medja ta' 1/20 tal-eċċess bejn il-proporzjon tad-dejn reali u l-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG. Għall-pajjiżi li jkollhom ħafna dejn, l-ilħuq tal-OTM jirriżulta fi tnaqqis bħal dan fid-dejn. Fi kliem ieħor, il-progress rapidu lejn l-ilħuq tal-OTM f'perjodu ta' tliet snin huwa kruċjali biex tkun żgurata l-konformità mar-regola tad-dejn min-naħa tal-Istati Membri li jkollhom ħafna dejn. Barra minn hekk, għall-pajjiżi li joħorġu mill-EDP, ir-regolament jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin sakemm jiġi ssodisfat ir-rekwiżit ta' tnaqqis tad-dejn b'1/20.

63. Madankollu, b'kont meħud tad-devjazzjoni sinifikanti medja ta' 0.25 % tal-PDG għal sentejn konsekuttivi, Stat Membru jista' jirdoppja ż-żmien meħtieġ għall-konverġenza tiegħu filwaqt li xorta jitqies bħala konformi.

64. Il-klawsoli ta' flessibbiltà għall-investiment u r-riformi strutturali ġew limitati għal 0.75 pp tal-PDG. Bi sforz fiskali medju ta' 0.25 pp fis-sena[44], iż-żmien meħtieġ għall-konverġenza jiżdied bi tliet snin oħra[45].

65. Il-klawsoli ta' flessibbiltà relatati ma' avvenimenti mhux tas-soltu mhumiex limitati; fil-każ tal-Italja, huma laħqu 0.5 pp tal-PDG. Iż-żmien meħtieġ għall-konverġenza jiżdied b'sentejn oħra, jekk il-kundizzjonijiet ikunu l-istess bħal ta' hawn fuq.

66. Fl-aħħar nett, kif uriet l-esperjenza, kull reċessjoni tfisser pass lura. Fi ħdan il-perjodu ta' żmien twil awtorizzat fil-qafas biex jintlaħaq l-OTM, huwa probabbli ħafna li sseħħ reċessjoni. Pereżempju, ir-reċessjoni relattivament moderata tal-perjodu 2000-2002 (b'rati medji tat-tkabbir fiż-żona tal-euro li baqgħu pożittivi), wasslet għal tnaqqis fil-bilanċ strutturali taż-żona tal-euro ta' madwar 1.2 % tal-PDG. Reċessjonijiet bħal dawn iżidu aktar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM. Din l-estensjoni taż-żmien tista' tikkawża aktar minn reċessjoni waħda.

67. Il-***Grafika 1*** turi l-effett kumulattiv li l-matriċi, il-marġni ta' devjazzjoni sinifikanti, il-klawsoli kollha (ħlief il-klawsola tar-riforma tal-pensjonijiet) u reċessjoni potenzjali jistgħu jikkawżaw fuq iż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM. Ħlief għall-effetti ta' reċessjoni, l-effetti l-oħra preżenti fil-***Grafika 1*** jikkorrispondu b'mod ġenerali għal dawk diġà mġarrba fil-prattika.

---

[44] Il-valur referenzjarju ta' 0.5 pp tal-PDG mingħajr il-marġni ta' devjazzjoni sinifikanti ta' 0.25 pp tal-PDG.

[45] L-Italja rċeviet konċessjonijiet għall-investiment u għar-riformi strutturali qrib dak il-limitu.

**<u>Grafika 1</u> - L-impatt kumulattiv li l-marġni ta' devjazzjoni sinifikanti, il-klawsoli massimi tal-investiment, tar-riformi strutturali u tal-avvenimenti mhux tas-soltu kif ukoll reċessjoni moderata jħallu fuq iż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-OTM**




*Nota:* (1) Aħna nassumu li l-klawsoli kollha jingħataw qabel il-perjodu ta' reċessjoni u meta l-SB ikun aktar minn -1.5 %. Madankollu, dan ma jaffettwax ir-riżultat. (2) Il-medja tal-OTM attwali tal-Istati Membri hija ta' -0.5 pp tal-PDG. (3) Il-klawsoli kumulattivi tal-investiment u tar-riformi strutturali huma l-massimu legali. L-akbar ammont approvat sa issa kien ta' 0.71 %. Sa issa, l-ogħla valur kumulattiv approvat kien dak tal-ammont għal avvenimenti mhux tas-soltu.
*Sors*: Il-QEA.

68. Fl-aħħar nett, l-aktar introduzzjoni reċenti tal-"marġni ta' diskrezzjoni" l-ġdid offriet il-possibbiltà li jitnaqqsu r-rekwiżiti billi naqqset bin-nofs ir-rekwiżit tal-matriċi. Għaldaqstant, ir-rekwiżit fil-matriċi ta' Stat Membru li jkollu dejn li jaqbeż is-60 % tal-PDG fi żminijiet

normali jitnaqqas minn 0.6 % għal 0.3 %. Barra minn hekk, sakemm ma jkunx kien applika devjazzjoni sinifikanti ta' aktar minn 0.25 % tal-PDG fis-sena preċedenti, l-Istat Membru mbagħad ikun jista' jnaqqas aktar dan ir-rekwiżit b'0.24 % tal-PDG, b'hekk prattikament jevita kwalunkwe aġġustament minkejja li jkun fi "żminijiet normali".

69. Meta ddefiniet il-matriċi, u mbagħad introduċiet dawn il-konċessjonijiet kollha u approvathom għal Stati Membri speċifiċi, il-Kummissjoni ma analizzatx l-effetti tal-konċessjonijiet fuq il-possibbiltà li Stat Membru jilħaq l-OTM fi żmien raġonevoli (ara l-***Kaxxa 1***), li huwa l-objettiv prinċipali tar-Regolament. Il-Kummissjoni sostniet li hija kienet iffukat intenzjonalment fuq il-bidliet annwali fl-SB minħabba l-inċertezzi fil-previżjoni tal-iżviluppi makroekonomiċi. Is-simulazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni, u li huma annessi fil-*Vademecum*, mhumiex realistiċi billi jassumu li sseħħ konverġenza annwali bir-rata ta' referenza ta' 0.5 %, meta fil-verità din ir-rata tinbidel skont il-Matriċi u tkompli tonqos bil-marġni ta' devjazzjoni awtorizzat. Dan l-approċċ maħsub għal terminu qasir ma jippermettix li ssir valutazzjoni xierqa tal-effetti tal-konċessjonijiet fuq l-ilħuq tal-objettiv prinċipali tar-Regolament.

70. Il-matriċi, il-marġni ta' devjazzjoni sinifikanti, id-diversi klawsoli ta' flessibbiltà u l-marġni ta' diskrezzjoni l-aktar reċenti, kollha flimkien, wasslu biex jidgħajjef aktar il-qafas. Speċifikament, il-konverġenza lejn l-Objettivi ta' Terminu Medju għall-Istati Membri li japplikaw il-klawsoli kollha ta' flessibbiltà tista' tiġi estiża għal perjodu estremament twil. Dan iwassal biex l-Istati Membri li jkollhom dejn għoli jispiċċaw f'pożizzjoni prekarja fir-reċessjoni li jmiss, u biex it-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn tagħhom jiġi pospost.

**Valur informattiv tal-projezzjonijiet tas-snin preċedenti koperti mill-PSK**

71. Fil-PSK tagħhom, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri taħt il-parti preventiva juru li se jilħqu l-OTM sar-raba' sena, jew li tal-inqas ikunu għamlu progress konsiderevoli lejn l-ilħuq tiegħu[46]. Dan huwa konformi mal-aspettattivi espressi mill-Kummissjoni fid-dokument

[46] Ara, pereżempju, il-Kaxxa 2.1 f'"An Overview of the 2017 Stability and Convergence Programmes and an Assessment of the Euro Area Fiscal Stance for 2018" (Ħarsa ġenerali tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-2017 u Valutazzjoni tal-Pożizzjoni Fiskali taż-Żona tal-Euro għall-2018), id-Dokument istituzzjonali 059, Lulju 2017.

tagħha "L-aħjar użu tal-flessibbiltà…"[47]. Madankollu, ħafna mill-progress huwa previst li jinkiseb fl-aħħar sentejn tal-perjodu tal-programm (ara l-***Grafika 2***)[48].

## Grafika 2 – Profil tal-perjodi ta' żmien għall-iżviluppi fiskali 2017-2020, kif ippreżentati fil-PSK għall-2017

**Graff 2.1: Profil tal-perjodi ta' żmien tal-iżviluppi fiskali: bidla prevista fil-bilanċ tal-baġit nominali (pp tal-PDG, kumulattiv) fl-Istati Membri tal-UE għall-perjodu 2017-2020, kif ippreżentat fil-PSK tal-2017**




Il-graff turi l-bidla fil-bilanċ nominali matul il-perjodu 2017-2020, skont il-PSK tal-2017 Il-pajjiżi huma kklassifikati mill-akbar sal-iżgħar bidla kumulattiva fil-bilanċ nominali tal-baġit fil-perjodu 2017-2020.

***Sors:*** Il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-2017

*Sors*: Id-Dokument Istituzzjonali 059, Lulju 2017, il-Kummissjoni Ewropea, skont il-PSK tal-2017, p. 17.

72. Il-projezzjonijiet tal-SB jiġu riveduti kull sena. Pereżempju, il-biċċa l-kbira mill-projezzjonijiet bikrija għall-SB fl-2018, li saru fl-2014 u fl-2015, huma ferm aktar ottimisti minn dawk li saru fis-snin ta' wara, jiġifieri fl-2016 u fl-2017 (ara t-***Tabella 2***). Dawn ir-reviżjonijiet 'l isfel ma jistgħux jiġu attribwiti għal deterjorament tal-prospetti makroekonomiċi billi dawn fir-realtà tjiebu.

---

[47] COM(2015) 12 final, Strasburgu, it-13 ta' Jannar 2015.

[48] Il-Graff 2.1 fl-istess dokument.

**<u>Tabella 2</u> - Bilanċ strutturali mmirat għall-2018 fil-PSK tal-perjodu 2014-2017 għal kampjun ta' Stati Membri, espress f'perċentwal tal-PDG**

| | AT | BE | FI | IT | HU | NL | ES | FR | PT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PSK 2014 | -0.3 % | | 0.3 % | 0.0 % | | | | | -0.2 % |
| PSK 2015 | -0.5 % | 0.0 % | -2.6 % | 0.1 % | -1.6 % | -0.5 % | -0.2 % | -0.1 % | -0.4 % |
| PSK 2016 | -0.5 % | 0.0 % | -1.4 % | -0.8 % | -1.7 % | -0.6 % | -1.9 % | -0.3 % | -0.8 % |
| PSK 2017 | -0.8 % | -0.4 % | -1.1 % | -0.7 % | -2.4 % | 0.3 % | -2.0 % | -0.5 % | -1.1 % |

*Sors*: Il-PSK 2014-2017 għal AT, BE, FI, IT, HU, NL, ES, FR u PT.

73. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-2015 dwar il-flessibbiltà, il-Kummissjoni sostniet li "l-Istat Membru jrid jikkumpensa għal kwalunkwe devjazzjoni temporanja u l-OTM irid jintlaħaq fi żmien erba' snin mill-Programm ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza attwali tiegħu"[49]. Din is-sentenza tinsab fit-taqsima li tittratta l-effetti tal-klawsoli ta' flessibbiltà, iżda tidher li qed tissuġġerixxi li l-Istati Membri kollha jridu jilħqu l-OTM sa tmiem il-perjodu tal-programm tal-PSK.

74. Sentenza simili tidher fl-istess kuntest fl-Artikolu 5(1), li tgħid li "l-pożizzjoni baġitarja tkun mistennija li terġa' lura għall-objettiv baġitarju għall-perjodu medju ta' żmien matul il-perjodu tal-programm".

75. Madankollu, il-Kummissjoni ma tobbligax lill-Istati Membri jagħtu rendikont għal dawk ir-reviżjonijiet, u ma tipprovax tinforza l-mira oriġinali. Barra minn hekk, hija ma fasslitx il-matriċi b'mod li l-Istati Membri kollha, irrispettivament mis-sitwazzjoni tagħhom fir-rigward tal-OTM, ikunu jistgħu jilħqu l-objettiv tagħhom fir-raba' sena' tal-perjodu tal-programm. L-istimi eċċessivi persistenti tal-bilanċi strutturali minn sentejn sa tliet snin bil-quddiem juru li l-projezzjonijiet tas-sena preċedenti fil-PSK għandhom valur informattiv limitat (ara t-***<u>Tabella 2</u>***).

---

[49] COM(2015)12 final, it-Taqsima 2.2, Strasburgu, it-13 ta' Jannar 2015. Aktar tard din ġiet approvata mill-Kunsill ECOFIN taħt it-titolu "Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", ECOFIN 14345/15.

***Parti III — Il-progress lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju waqaf hekk kif il-pressjoni tas-suq naqset u bosta pajjiżi li għandhom id-dejn mhumiex fuq perkors li jippermettilhom li jilħqu l-OTM fi żmien raġonevoli***

**F'dawn l-aħħar snin, bħala medja, ma sar l-ebda progress lejn l-ilħuq tal-Objettivi ta' Terminu Medju**

76. Bejn l-2011 u l-2014, il-konsolidament fiskali fl-Istati Membri kien xprunat mill-pressjonijiet tas-suq. Ladarba dawn il-pressjonijiet naqsu u reġa' kien hemm tkabbir tal-PDG fl-2014, il-qafas tal-PST, li kien iddgħajjef minħabba l-atti ta' implimentazzjoni, ma setax jiżgura aktar titjib fil-bilanċi strutturali, b'mod partikolari fost l-Istati Membri li kienu f'pożizzjoni fiskali dgħajfa. Wara l-2014, il-bilanċ strutturali fiż-Żona tal-euro baqa' bażikament l-istess, filwaqt li l-bilanċ strutturali primarju, bħala medja, iddeterjora b'madwar 1 pp tal-PDG. L-Istati Membri nefqu dak kollu li kienu ffrankaw b'riżultat tar-rati tal-imgħax aktar baxxi (ara l-***Grafika 3***).

**<u>Grafika 3</u> - Bilanċ strutturali u bilanċ strutturali primarju fl-UE u fiż-Żona tal-euro (Perċentwal tal-PDG potenzjali għall-perjodu 2011 – 2018)**




*Sors:* Database makroekonomika annwali tad-DĠ ECFIN (AMECO), Marzu 2018.

77. F'bosta pajjiżi kbar fiż-żona tal-euro (Spanja, l-Italja u Franza), li għadhom 'il bogħod milli jilħqu l-Objettivi ta' Terminu Medju tagħhom, il-bilanċ strutturali u saħansitra aktar il-bilanċ strutturali primarju marru għall-agħar b'mod sostanzjali (ara l-***Grafika 4***).

**Grafika 4 – Żviluppi fiskali fi Stati Membri magħżula tal-UE (medja espressa f'perċentwal tal-PDG potenzjali għall-perjodu 2011 – 2018)**




*Nota:* Il-bilanċ strutturali ta' Spanja, l-Italja u Franza huwa bbażat fuq medja ponderata tal-PDG nominali rispettiv tagħhom; l-Objettivi ta' Terminu Medju huma bbażati fuq il-Programmi ta' Stabbiltà għall-2017.
*Sors:* AMECO, Marzu 2018.

78. L-għadd ta' Stati Membri li laħqu l-OTM tagħhom, żdied minn 3 fl-2011 għal 12 fl-2014 taħt il-pressjonijiet tas-suq, minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi avversi ta' dak il-perjodu. Suċċessivament, minkejja l-fatt li reġa' kien hemm tkabbir, il-progress f'dak ir-rigward waqaf ukoll (ara l-***Grafika 5***). Attwalment, huma biss nofs l-Istati Membri li laħqu l-OTM tagħhom.

**<u>Grafika 5</u> - Għadd ta' Stati Membri li laħqu l-OTM tagħhom (2011 – 2017)**




| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SM ma laħaqx l-OTM u huwa taħt EDP | 23 | 22 | 17 | 11 | 9 | 6 | 3 |
| SM ma laħaqx l-OTM u huwa taħt il-Parti Preventiva | 1 | 1 | 3 | 5 | 9 | 10 | 12 |
| SM laħaq/qabeż l-OTM u huwa taħt il-Parti Preventiva | 3 | 4 | 8 | 12 | 10 | 12 | 13 |

Sena

*Sors*: Il-Previżjoni tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2016, għall-perjodu 2013-2015 u l-Previżjoni tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2017, għall-perjodu 2016-2017.

79. Il-***<u>Figura 5</u>*** tippreżenta r-rata tal-progress fil-bilanċ strutturali għall-Istati Membri li ma laħqux l-OTM tagħhom, ibbażat fuq id-*data* tal-previżjoni tal-ħarifa 2017. Bħala medja, dawn it-13-il pajjiż ma jurux progress matul l-erba' snin bejn l-2014 u l-previżjoni l-aktar reċenti tagħhom għall-2018. Fil-fatt, 7 minnhom irrappurtaw deterjorament fil-bilanċ strutturali tagħhom u 6 Stati Membri biss irreġistraw titjib. Id-deterjorament medju kien kemxejn ogħla mit-titjib medju.

## Figura 5 – Konverġenza jew diverġenza tal-Istati Membri lejn l-OTM tagħhom mill-2014 sal-2018

| Stati Memebri li ma laħqux l-OTM | OTM | Distanza lejn l-OTM | Bilanċ Strutturali (% tal-PDGP) | | ΔSB | SB Deterjorat | SB Imtejjeb |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | PSK 2017 | (SB 2017 - OTM) | 2014 | 2018 | (2018-2014) | | |
| Ir-Rumanija | -1,0 | **-2,3** | -0,4 | -4,3 | -3,9 | | |
| L-Estonja | -0,5 | **-0,6** | 0,0 | -1,4 | -1,4 | | |
| L-Ungerija | -1,5 | **-1,7** | -2,2 | -3,6 | -1,4 | | |
| L-Italja | 0,0 | **-2,1** | -1,0 | -2,0 | -1,0 | | |
| Il-Latvja | -1,0 | **-0,8** | -1,0 | -1,8 | -0,8 | | |
| L-Awstrija | -0,5 | **-0,4** | -0,8 | -1,0 | -0,2 | | |
| Il-Portugall | 0,25 | **-2,1** | -1,7 | -1,8 | -0,1 | | |
| Il-Finlandja | -0,5 | **-0,5** | -1,5 | -1,4 | 0,1 | | |
| Il-Polonja | -1,0 | **-1,1** | -2,8 | -2,3 | 0,5 | | |
| Is-Slovenja | 0,25 | **-1,9** | -2,2 | -1,6 | 0,6 | | |
| Is-Slovakkja | -0,5 | **-1,1** | -2,2 | -1,2 | 1,0 | | |
| Il-Belġju | 0,0 | **-1,5** | -2,9 | -1,5 | 1,4 | | |
| L-Irlanda | -0,5 | **-0,8** | -4,0 | -0,5 | 3,5 | | |
| Numru ta' SM. | | | | | | 7 | 6 |
| Proporzjon tat-total ta' SM li ma laħqux l-OTM tagħhom. | | | | | | 54% | 46% |



*Sors*: Il-Previżjoni tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2017, il-PSK għall-2017, il-Valutazzjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji għall-2018.

80. Barra minn hekk, fid-dokumenti ta' pożizzjoni tagħha tal-2016 dwar il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro, il-Kummissjoni bdiet tirrakkomanda l-espansjoni fiskali[50], minkejja l-fatt li l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni beda jonqos rapidament wara l-2013 u se jsir pożittiv fl-2018 (ara l-***Grafika 6***)[51]. Rakkomandazzjonijiet bħal dawn setgħu jdgħajfu l-argumenti favur il-konsolidament fiskali fl-Istati Membri li ma jkunux laħqu l-OTM taħhom.

---

[50] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro", p. 7, COM(2016) 727 final, is-16 ta' Novembru 2016, Brussell.

[51] Kritika komuni tal-politika fiskali diskrezzjonali hija li l-effetti tagħha dejjem jaslu tard wisq u mbagħad jaġixxu b'mod proċikliku.

**<u>Grafika 6</u> - Marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni (OG) fiż-żona tal-euro (2011-2019)**




*Sors*: AMECO, Marzu 2018.

81. L-isforz dgħajjef ta' aġġustament li sar mill-Istati Membri taħt il-parti preventiva u li għadhom ma laħqux l-OTM jista' jiġi osservat ukoll jekk isir tqabbil tar-rekwiżiti għall-aġġustament fl-SB stabbiliti fil-matriċi mal-aġġustament li effettivament sar. Il-***Grafika 7*** turi r-rata ta' progress fil-bilanċ strutturali għal dawk l-Istati Membri li għadhom ma laħqux l-OTM. Huma biss ftit il-pajjiżi li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-matriċi, il-maġġoranza ma jirrispettawhomx. Fuq il-bażi ta' *data* preliminari, fl-2017, żewġ Stati Membri biss jidhru li kienu konformi mal-matriċi, filwaqt li jekk jittieħed kont tal-aġġornamenti l-aktar reċenti tal-indikaturi tal-bilanċ strutturali meħuda mill-previżjonijiet tar-rebbiegħa 2018, jidher li fid-dawl tat-tkabbir irreġistrat f'għadd ta' Stati Membri matul l-2017, aktar minn nofshom se jilħqu l-OTM tagħhom *ex post*.

**<u>Grafika 7</u> – Għadd ta' Stati Membri taħt il-parti preventiva u li għadhom ma laħqux l-OTM li qed jagħmlu aġġustamenti jew le f'konformità mar-rekwiżiti tal-matriċi tal-PST**




| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2017* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mhux konformi mal-matriċi anke wara l-għoti tal-konċessjoni | | | - | - | 3 | 4 | 3 | 1 |
| Mhux konformi mal-matriċi u mingħajr konċessjoni | | 1 | 1 | 3 | 3 | 2 | 7 | 3 |
| Mhux konformi mal-matriċi iżda konformi wara l-għoti tal-konċessjoni | | | - | 1 | 1 | - | - | - |
| Konformità mar-rekwiżit tal-Matriċi | 1 | | 2 | 1 | 2 | 4 | 2 | 8 |

**Nota*: Ibbażat fuq l-aġġornamenti fil-previżjoni tar-rebbiegħa 2017 tal-bilanċi strutturali għall-istess Stati Membri.

*Sors:* Id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni għall-perjodu 2011-2012; il-Previżjoni tar-Rebbiegħa 2017 għas-snin 2013-2017; il-Previżjoni tar-Rebbiegħa 2016 għas-snin 2013-2015 relatati mad-distanza lejn l-OTM.

82. L-effettività tal-parti preventiva ġiet kompromessa wkoll mill-iżviluppi li saru fil-parti korrettiva mill-2014. Taħt il-parti korrettiva, Spanja esperjenzat deterjorament kbir fil-bilanċ strutturali tagħha fil-perjodu ta' wara l-2014, filwaqt li Franza u l-Portugall kisbu biss progress li miexi bil-mod ħafna (ara t-***<u>Tabella 3</u>***)[52].

---

[52] L-EDP għall-Portugall ġie abrogat f'Ġunju 2017.

**<u>Tabella 3</u> - Kalkolu tal-għadd ta' snin meħtieġa biex jintlaħaq l-OTM għall-Istati Membri fiż-Żona tal-euro b'livelli għoljin ta' dejn għall-PDG fl-2017**

| Stat Membru | Bidla medja fl-SB (2014-2018) | **OTM** | Distanza lejn l-OTM | Għadd ta' snin meħtieġa biex jintlaħaq l-OTM |
|---|---|---|---|---|
| | | (Programmi ta' Stabbiltà 2017) | (SB 2017 - OTM 2017) | (ibbażat fuq l-SB għall-2017 u l-aġġustament medju għall-perjodu 2014-2018) |
| **Il-Belġju** | 0.3 | 0.0 | -1.5 | 5.0 |
| **L-Irlanda** | 0.8 | -0.5 | -0.8 | 0.9 |
| **Spanja** | -0.3 | 0.0 | -3.1 | Ebda konverġenza |
| **Franza** | 0.1 | -0.4 | -2.0 | 14.9 |
| **L-Italja** | -0.2 | 0.0 | -2.1 | Ebda konverġenza |
| **Il-Portugall** | 0.2 | 0.25 | -2.1 | 8.7 |

*Nota:* L-eżitu tal-bilanċi strutturali għall-Portugall u Franza fl-2017 u l-projezzjonijiet għall-2018 ġew riveduti 'l fuq b'mod sinifikanti fil-previżjoni tar-rebbiegħa 2018.
*Sors:* L-SB - AMECO 2017; l-OTM stabbilit għal kull Stat Membru bl-użu tal-Previżjoni tar-Rebbiegħa 2017, rivedut fl-2016 biex jiġi applikat fil-perjodu 2017-2019; id-Distanza mill-OTM u s-Snin meħtieġa biex jintlaħaq l-OTM huma bbażati fuq il-kalkoli tal-QEA.

83. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-parti preventiva għall-Istati Membri taħt il-parti korrettiva, għalkemm ma hemm ebda dispożizzjoni legali ċara f'dan ir-rigward. Skont l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, il-parti korrettiva tippermetti li d-defiċit nominali jitnaqqas taħt il-limitu ta' 3 % permezz tal-irkupru ċikliku biss, mingħajr l-obbligu li jittejjeb il-bilanċ strutturali. Fl-istess ħin, għal bosta Stati Membri, il-Kummissjoni kemm-il darba rrakkomandat biex l-iskadenzi għall-ħruġ mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP) jiġu estiżi għal diversi snin, li huwa perjodu ta' żmien ferm itwal minn dak previsti fit-Trattati. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri taħt il-parti korrettiva ma jkollhomx għalfejn jissodisfaw ir-rekwiżiti li kieku kien ikollhom josservaw kieku kienu taħt il-parti preventiva. F'ċertu punt, il-Kummissjoni fittxet il-kunsens tal-Istati Membri biex tindirizza dawn l-inkonsistenzi, iżda l-kwistjoni ma ġietx solvuta.

**Fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li għandhom ħafna dejn ġew osservati riżultati partikolarment dgħajfa**

84. Il-varjazzjonijiet fil-bilanċi baġitarji u fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-Istati Membri individwali ta' unjoni monetarja huma ferm aktar importanti minn dawk fl-indikaturi aggregati jew medji[53]. Dan għaliex l-inċentivi għad-dixxiplina fiskali huma aktar dgħajfa f'unjoni monetarja, billi l-pajjiżi ma għandhomx għalfejn jiċċekkjaw il-pożizzjonijiet proprji tagħhom fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti, madankollu l-effetti esterni negattivi tal-politiki fiskali tagħhom f'pajjiżi relatati huma akbar.

85. Għal din ir-raġuni, l-aktar żviluppi importanti iseħħu fil-pajjiżi tal-UE li għandhom ħafna dejn (li aħna nqisu bħala dawk li għandhom proporzjon ta' dejn ta' aktar minn 90 %). Barra minn hekk, huwa importanti li l-Istati Membri taħt il-parti korrettiva tal-PSK jittieħdu wkoll inkunsiderazzjoni matul dan il-perjodu (2014-2018). Huwa loġiku li wieħed jassumi li l-kriterji stabbiliti għall-parti preventiva jridu jipprovdu limitu minimu għar-rekwiżiti ta' aġġustament taħt il-parti korrettiva. F'dak is-sens, tal-ewwel huma rilevanti għal tal-aħħar. L-istampa li toħroġ hija ta' tħassib (ara l-***Grafika 8***).

[53] F'dan il-kuntest, it-tqabbil tal-aggregati tal-UE ma' dawk tal-Istati Uniti u tal-Ġappun għandu valur limitat ħafna. L-UE la għandha dejn pubbliku estensiv u lanqas setgħat ta' tassazzjoni.

**<u>Grafika 8</u> - Ir-rekwiżit medju (ibbażat fuq il-matriċi[54]) u l-aġġustament medju (bidla fl-SB) 2014-2017**




*Sors*: Il-Bilanċ Strutturali pprovdut mill-AMECO, Marzu 2018, ir-Rekwiżiti mill-valutazzjonijiet li twettqu fir-rebbiegħa 2015, 2016 u 2017 mill-Kummissjoni.

86. L-Irlanda rnexxielha ttejjeb b'mod sostanzjali l-SB tagħha aktar milli mitlub mir-rekwiżiti tal-matriċi. Hija mistennija wkoll li tilħaq l-OTM tagħha fl-2018 u l-proporzjon tad-dejn għall-PDG tagħha qed jonqos rapidament[55]. Ċipru jilħaq l-OTM tiegħu fl-2018. Din il-kisba, flimkien mal-irkupru, jiggwidaw il-proporzjon tad-dejn tiegħu lejn perkors ta' tnaqqis, għalkemm il-proċess mistenni li jimxi bil-mod[56] (ara l-***<u>Grafika 9</u>***).

[54] Ir-rekwiżit medju għall-Istati Membri taħt l-EDP, bis-suppożizzjoni li tiġi applikata l-matriċi tal-parti preventiva.

[55] L-osservazzjoni tibqa' valida wkoll meta d-dejn jitqabbel mal-introjtu nazzjonali disponibbli, għalkemm it-tnaqqis huwa kemxejn aktar baxx.

[56] Il-bilanċ strutturali ta' Ċipru kien pożittiv ħafna fl-2014, ferm ogħla mill-OTM tiegħu, li jfisser li l-pajjiż resaq lejn l-OTM tiegħu fl-2017 fuq perkors ta' tnaqqis.

**<u>Grafika 9</u> - Sitwazzjoni tad-dejn pubbliku meta mqabbla mal-PDG fl-2014 u fl-2018**




| | L-Irlanda | Il-Belġju | Franza | Il-Portugall | L-Italja | Spanja | Ċipru |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2014 | 105% | 107% | 95% | 131% | 132% | 100% | 107% |
| 2018 | 69% | 103% | 97% | 124% | 131% | 97% | 98% |

*Sors*: AMECO, Marzu 2018.

87. Il-Belġju għamel xi progress lejn l-ilħuq tal-OTM tiegħu, iżda ferm inqas milli mitlub mir-rekwiżiti tal-matriċi. Sa tmiem l-2018, huwa previst li se jkun għadu madwar 1.5 pp 'il bogħod mill-ilħuq tal-OTM, li reċentement ġie rivedut 'l isfel. Jekk fis-snin li ġejjin huwa jkompli jaġġusta bir-rata medja stabbilita għall-perjodu 2014-2018, f'ħames snin jilħaq l-OTM tiegħu (ara wkoll it-***<u>Tabella 3</u>***).

88. Bħala medja, it-titjib li sar matul dan il-perjodu fl-SB tal-Portugall kien ftit ħafna, u dan għadu madwar 2 pp tal-PDG 'il bogħod mill-OTM, għalkemm il-previżjoni tar-rebbiegħa 2018 l-aktar reċenti tindika li sar titjib sinifikanti fil-Bilanċ strutturali għall-2017. Jekk l-2017 kienet sena ta' eċċezzjoni u s-snin preċedenti huma indikattivi tal-veloċità medja tal-aġġustament, il-pajjiżi jkunu jeħtieġu kważi disa' snin sabiex jilħqu l-OTM tagħhom. Jekk it-titjib l-aktar reċenti fil-bilanċ strutturali rrappurtat fil-previżjoni tar-rebbiegħa 2018 jista' jiġi sostnut u jkompli jkun ogħla mir-rekwiżiti tal-matriċi, il-Portugall jilħaq l-OTM tiegħu f'perjodu ta' żmien aktar raġonevoli.

89. Iżda ta' tħassib huma l-iżviluppi osservati fi tliet pajjiżi kbar: l-Italja, Franza u Spanja. Hawnhekk l-aġġustamenti kienu sostanzjalment inqas mir-rekwiżiti tal-matriċi, u b'dan ir-ritmu mhux se tkun faċli li tinkiseb il-konverġenza lejn l-Objettivi ta' Terminu Medju fi żmien raġonevoli. Fil-fehma tagħna, devjazzjonijiet kbar fl-aġġustament tal-bilanċi fiskali għall-Istati Membri taħt il-parti korrettiva, għall-kuntrarju ta' dawk taħt il-parti preventiva, huma ta' importanza materjali għall-kredibbiltà tal-qafas kumplessiv tal-PST.

90. Taħt il-parti korrettiva, Franza bilkemm tejbet l-SB tagħha matul il-perjodu 2014-2018 (it-***Tabella 3***) B'distanza lejn l-OTM ta' 2.7 pp tal-PDG fi tmiem tal-2018, u bis-suppożizzjoni li jinżamm ir-ritmu medju ta' aġġustament osservat fil-perjodu 2014-2018, hija se tkun teħtieġ 15-il sena biex tilħaq l-OTM tagħha. Id-dejn għall-PDG ta' Franza kompla jiżdied f'dan il-perjodu.

91. L-Italja (taħt il-parti preventiva) u Spanja (taħt il-parti korrettiva) esperjenzaw deterjorament kbir fil-bilanċi strutturali tagħhom fl-istess perjodu, u issa jinsabu 'l bogħod mill-ilħuq tal-OTM: l-Italja b'2 pp u Spanja b'aktar minn 3 pp. Minkejja l-espansjoni tal-ekonomiji tagħhom, huma ma għamlux progress fit-tnaqqis tad-dejn.

92. Fil-każ ta' Franza u Spanja – li t-tnejn huma taħt l-EDP, il-Kummissjoni kienet estendiet l-iskadenza għall-ħruġ mill-EDP għal bosta drabi[57], filwaqt li ħadet il-pożizzjoni li EDP ma tistax tiġi intensifikata jekk l-Istat Membru jilħaq il-miri intermedji tiegħu għad-defiċit nominali, minkejja li l-impenji ta' politika ma jkunux inkisbu[58]. B'riżultat ta' dan, fil-perjodu 2014-2017, il-bilanċ strutturali ta' Spanja naqas b'1.7 pp tal-PDG, filwaqt li dak ta' Franza ftit li xejn tjieb.

93. F'dak il-perjodu, f'dawn it-tliet pajjiżi kbar, it-tkabbir qabeż it-tkabbir potenzjali u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni naqas. Dan tal-aħħar mistenni li jkun pożittiv kemm fl-

---

[57] Fil-każ ta' Franza, l-EDP inbdiet fl-2009, u l-iskadenza oriġinali għall-ħruġ minnha kienet l-2012. Fi tmiem l-2009 din ġiet estiża sal-2013. Filwaqt li fl-2013 ġiet estiża b'sentejn sal-2015 u wara ġiet estiża b'sentejn oħra sal-2017. L-unika darba li Franza esperjenzat rata negattiva ta' tkabbir kienet fl-2009.

Fil-każ ta' Spanja, l-iskadenza ġiet estiża erba' darbiet, darbtejn għal sena u darbtejn għal sentejn, bl-aħħar skadenza tiġi stabbilita għall-2018.

[58] Ara l-*Vademecum* tal-Kummissjoni dwar il-PST (l-edizzjoni tal-2017), it-Taqsima 2.3.2.1.

Italja kif ukoll fi Spanja fl-2018, u xi ftit negattiv fi Franza (ara l-***Grafiki 10**, **11** u **12***). Barra minn hekk, it-tliet pajjiżi ħarġu aktar minn nofs tad-dejn pubbliku totali fiż-żona tal-euro.

**Grafika 10 – Evoluzzjoni tal-PDG, tal-PDG potenzjali u tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fi Franza (2014-2018)**




*Sors*: AMECO, Marzu 2018.

**Grafika 11 – Evoluzzjoni tal-PDG, tal-PDG potenzjali u tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fl-Italja (2014-2018)**




*Sors*: AMECO, Marzu 2018.

**Grafika 12 – Evoluzzjoni tal-PDG, tal-PDG potenzjali u tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni fi Spanja (2014-2018)**




*Sors*: AMECO, Marzu 2018.

94. Reċentement, il-BĊE nnota n-nuqqas ta' progress fil-konsolidament fiskali fil-pajjiżi taż-żona tal-euro li għandhom id-dejn. Fir-Reviżjoni tiegħu tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-2017, il-BĊE osserva li t-titjib fil-bilanċi nominali jaħbi l-vulnerabbiltajiet fiskali sottostanti kif ukoll l-ilaxxkar ħafif ġenerali fil-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro fil-perjodu 2017-2019. F'bosta pajjiżi taż-żona tal-euro, l-isforzi fiskali għadhom mhumiex biżżejjed meta mqabbla mal-impenji skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (ara l-***Grafika 8***). Id-deterjorament previst fil-bilanċi strutturali fil-perjodu 2017-2019 f'għadd ta' pajjiżi jista' jwassal biex tkun aktar diffiċli li tinkiseb il-konformità mal-objettivi ta' terminu medju[59].

**Prestazzjoni mħallta fl-Istati Membri b'livelli ta' dejn ta' bejn 70 % u 90 % fil-perjodu 2014-2018**

95. F'dan il-grupp, żewġ pajjiżi qabżu r-rekwiżiti tal-matriċi: il-Ġermanja u l-Kroazja. L-Awstrija u, b'mod inqas, ir-Renju Unit, kważi ssodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom. Is-Slovenja,

[59] Il-BĊE, Financial Stability Review (Reviżjoni tal-Istabbiltà Finanzjarja), Novembru 2017, p. 29.

bħala medja, ma għamlitx aġġustamenti, filwaqt li l-Ungerija implimentat politika fiskali estremament espansjonarja (ara l-*Grafika 13*).

**Grafika 13 - Ir-rekwiżit medju (ibbażat fuq il-matriċi) u l-aġġustament medju (bidla fl-SB) fil-perjodu 2014-2017 f'pajjiżi li għandhom dejn pubbliku moderatament ogħla**




*Sors*: AMECO, Marzu 2018. Nota: Ir-rekwiżiti medji tal-Kroazja huma bbażati fuq tliet snin - 2015-2017.

96. L-Istati Membri li aġġustaw il-bilanċi strutturali tagħhom raw ukoll tnaqqis sostanzjali fil-proporzjonijiet tad-dejn tagħhom: id-dejn tal-Ġermanja naqas b'14 pp tal-PDG, tal-Awstrija bi 8 pp u tal-Kroazja b'9 pp. It-tnaqqis fil-livell tad-dejn fir-Renju Unit ma kienx ħafna, u dan jirrifletti d-defiċit strutturali inizjali għoli, għalkemm imbagħad tjieb b'mod sostanzjali matul dan il-perjodu. Bħala medja, it-tnaqqis tad-dejn f'dan il-grupp kien sostanzjalment ogħla minn dak tal-grupp tal-Istati Membri li għandom ħafna dejn (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda f'dak il-grupp) (ara l-*Grafika 14*).

**Grafika 14** - **Dejn pubbliku espress bħala perċentwal tal-PDG f'pajjiżi b'dejn moderatament ogħla fil-perjodu 2014-2018**




| | Il-Ġermanja | L-Ungerija | Is-Slovenja | L-Awstrija | Il-Kroazja | Ir-Renju Unit |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2014 | 75% | 75% | 80% | 84% | 86% | 87% |
| 2018 | 61% | 72% | 74% | 76% | 77% | 85% |

*Sors*: AMECO, Marzu 2018.

**Deterjorament qawwi f'żewġ Stati Membri b'dejn baxx**

97. Ir-Rumanija, b'livell baxx ta' dejn ta' 39.4 % tal-PDG, qabżet l-OTM tagħha fl-2014, iżda issa miexja lejn deterjorament eċċezzjonali fl-SB ta' madwar 4 pp tal-PDG mill-2014 u sal-2018. Għall-ewwel darba, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' devjazzjoni sinifikanti f'Mejju 2017, u intensifikatha f'Novembru 2017.

98. L-Estonja, b'livell ta' dejn ta' 10.7 % biss tal-PDG fl-2014, qabżet l-OTM tagħha fl-2014. L-SB tagħha naqas b'1.4 pp tal-PDG mill-2014 u sal-2018, u dan it-tnaqqis fil-biċċa l-kbira seħħ fl-2017. Il-Kummissjoni tqis li l-fatturi li kkontribwew għal dan huma ta' natura differenti ħafna minn dawk fil-każ tar-Rumanija, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali kumplessiva taż-żewġ Stati Membri inkluż il-livell eċċezzjonalment baxx tad-dejn pubbliku (9.1 % tal-PDG fl-2018) fl-Estonja.

**Żbilanċ bejn is-sostenibbiltà u l-kunsiderazzjonijiet ċikliċi**

99. Fil-komunikazzjonijiet reċenti tagħha dwar il-marġni ta' apprezzament li ġie introdott reċentement, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li jinkiseb bilanċ bejn is-sostenibbiltà fiskali u l-kunsiderazzjonijiet antiċikliċi meta jiġu stabbiliti l-miri fiskali[60]. Madankollu, analiżi reċenti mwettqa mill-Kummissjoni nnifisha wriet li dan mhux qed isir fl-Istati Membri li għandom ħafna dejn (dawk b'riskju għas-sostenibbiltà, rappreżentati fuq in-naħa tal-lemin tal-***Grafika 15***). F'dawn il-pajjiżi, il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni huwa effettivament magħluq jew saħansitra pożittiv, iżda ma hemmx sforz fiskali biex tittejjeb is-sostenibbiltà fiskali[61].

---

[60] Fl-2016, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għal tali kompromess: "Id-definizzjoni ġenerali ta' pożizzjoni fiskali xierqa trid tqis il-ħtiġijiet tal-istabbilizzazzjoni u tas-sostenibbiltà. Kif diskuss hawn taħt, xi kultant, l-eżistenza ta' kompromessi bejn dawn iż-żewġ dimensjonijiet tista' tirrikjedi att ta' bbilanċjar bejn il-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ dirett lill-ekonomija filwaqt li ma tiġix injorata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu medju." (p. 116, "Report on Public Finance in the EMU 2016" (Rapport dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM tal-2016), tal-Kummissjoni Ewropea).

[61] COM(2017) 800 final "Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2018: Valutazzjoni Globali".

**<u>Grafika 15</u> - Bidla prevista fil-Bilanċ Strutturali Primarju bejn l-2017 u l-2018 għall-Istati Membri taż-żona tal-euro fir-rigward tar-riskju għas-sostenibbiltà fiskali (indikatur S1) u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni**




*Nota:* L-indikatur S1 huwa marġni tas-sostenibbiltà fuq terminu medju; huwa jkejjel l-isforz bil-quddiem tal-aġġustament fiskali meħtieġ sabiex il-proporzjon tad-dejn għall-PDG jitnaqqas għal 60 % sad-data mmirata. Il-sollijiet kritiċi għall-S1 huma 0 u 2.5, li bejniethom l-S1 jindika riskju medju. Jekk l-S1 ikun inqas minn 0 jew aktar minn 2.5, dan jindika riskju baxx jew għoli, rispettivament. Għal aktar informazzjoni ara "Fiscal Sustainability Report 2015" (Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali tal-2015), u "Debt Sustainability Monitor 2016" (Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2016).
*Sors*: Din hija grafika simplifikata abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2018: Valutazzjoni globali", il-Kummissjoni Ewropea, 2017. Marġni tal-Potenzjal tal-Produzzjoni - AMECO, Marzu 2018;

Bidla fil-Bilanċ Strutturali Primarju - il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017; l-indikatur S1 meħud mill-Komunikazzjoni "Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2018: Valutazzjoni globali", il-Kummissjoni Ewropea, 2017.

*Parti IV - il-Kummissjoni tista' ttejjeb ċerti aspetti tekniċi tal-valutazzjonijiet*

**Distorsjoni ottimista fil-previżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tkabbir reali tal-PDG u tal-investimenti għas-sena t u t+1**

100. Fis-snin 2007, 2012 u 2016, il-Kummissjoni wettqet kontrolli statistiċi regolari fuq il-preċiżjoni tal-previżjonijiet tagħha. L-analiżi tagħha turi li l-previżjonijiet li tagħmel ġeneralment ikunu preċiżi u kumparabbli ma' dawk ta' istituzzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-FMI u l-OECD.

101. Madankollu, fl-istudju tal-2016[62] instab li l-Kummissjoni kienet, bħala medja, stmat b'mod eċċessiv il-previżjonijiet tat-tkabbir reali tal-PDG għas-sena li jmiss fil-perjodu 2000-2014 b'+0.54 pp. Dan it-tip ta' distorsjoni hija kkonfermata wkoll fil-kampjun estiż għall-perjodu 1969-2014 (jiġifieri +0.33 pp).

102. Fil-livell tal-Istati Membri, id-distorsjoni hija statistikament sinifikanti għall-Italja, f'livell ta' 1 % kemm għall-previżjonijiet tal-PDG tas-sena attwali kif ukoll għal dawk tas-sena li jmiss, filwaqt li d-distorsjonijiet identifikati għad-Danimarka, Franza u l-Portugall huma sinifikanti, f'livell ta' 5 % għall-previżjonijiet tas-sena li jmiss. Din id-distorsjoni relattivament kbira tidher fil-previżjonijiet tar-rebbiegħa għas-sena attwali u fil-previżjonijiet tal-ħarifa għas-sena li jmiss. Din taffettwa b'mod sostanzjali, pereżempju, il-projezzjoni tad-dinamika tad-dejn; fil-każ ta' wieħed mill-pajjiżi, id-distorsjoni ottimista medja ta' 1.1 % wasslet biex il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-previżjonijiet għas-sena li jmiss jiġi stmat b'mod insuffiċjenti b'1.4 pp tal-PDG.

103. Minkejja d-distorsjonijiet identifikati, aħna ma stajniex nidentifikaw liema azzjoni korrettiva ħadet il-Kummissjoni biex tipprevjeni li dawn jerġgħu jseħħu fil-futur.

---

[62] https://ec.europa.eu/info/publications/economy-finance/european-commissions-forecasts-accuracy-revisited-statistical-properties-and-possible-causes-forecast-errors_en

**Valutazzjoni tal-informazzjoni inkluża fil-PSK**

104. L-informazzjoni inkluża fil-PSK tal-Istati Membri fil-kampjun ġeneralment segwiet ir-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta (CoC) u r-Regolament. B'mod partikolari, huma kienu jinkludu informazzjoni dwar il-miri fiskali għall-perjodu kollu tal-programm u dwar il-miżuri fiskali li ttieħdu sabiex dawn jintlaħqu. Madankollu, f'ċerti każijiet, ir-rekwiżiti ma ġewx segwiti. Aħna sibna li l-valutazzjonijiet mwettqa mill-Kummissjoni fuq il-PSK fil-kampjun ma ppreżentawx id-diskrepanzi fl-informazzjoni b'mod sistematiku (ara l-***Kaxxa 2***).

| **Kaxxa 2 – Informazzjoni nieqsa** |
|---|
| Żewġ PSK ma jurux il-perkors fiskali kollu użat sabiex jintlaħaq l-OTM, u tliet PSK ma jiddivulgawx il-miri tad-dħul u tal-infiq għas-sena t+1. |
| Ħames PSK ma jippreżentawx l-infiq pubbliku għal kull funzjoni, u tlieta ma inkludewx ir-riskji tas-settur finanzjarju fuq id-dejn pubbliku. |
| Ħames PSK naqsu milli jinkludu l-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tar-riformi u tlieta ma inkludewx il-valutazzjonijiet tar-riskji għall-previżjonijiet tal-PDG. |
| Żewġ PSK ma jurux liema miżuri fiskali ġew previsti jew promulgati. |

105. Il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni jissenjalaw id-defiċjenzi fl-ispeċifikazzjoni tal-miżuri fiskali fil-PSK (ara r-riżultati tal-kampjun fl-***Anness I***). Qabel l-2011, il-Kummissjoni pproduċiet valutazzjoni speċifika tal-kwalità tal-PSK ibbażata fuq ir-rekwiżiti tas-CoC (ara, pereżempju, l-Anness tad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-2009 u tal-2010). Madankollu, mill-2011 'l hawn ma kienx hemm Anness simili.

**Ir-rappurtar tal-livell ta' devjazzjoni mill-Kummissjoni huwa korrett iżda mhuwiex ċar**

106. Aħna sibna li l-kalkoli tad-devjazzjoni kienu ġew stmati b'mod korrett fil-valutazzjonijiet. Il-valutazzjonijiet tad-devjazzjoni sinifikanti kienu wkoll korretti u kienu ddokumentati prinċipalment fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal. Madankollu, fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tagħha, il-Kummissjoni tippreżenta tabella li turi l-konklużjonijiet dwar il-livell ta' devjazzjoni bbażati fuq tqabbil taż-żewġ pilastri (għall-istimi medji ta' sena u ta' sentejn).

Għalkemm it-tabella tqabbel il-konklużjonijiet miż-żewġ pilastri, il-preżentazzjoni tar-riżultati dwar il-konformità għal kull pilastru rispettiv mhix ċara.

**Fl-ittestjar tekniku tagħna ma ġewx identifikati problemi kbar**

107. Aħna ttestjajna l-aspetti tekniċi tal-proċeduri tal-parti preventiva. Għall-biċċa l-kbira minn dawn l-aspetti ma ġiet identifikata ebda problema kbira. Il-Kummissjoni, bi qbil mal-Istati Membri, ippubblikat is-CoC fl-2012 u fl-2016 sabiex tistipula n-natura eżatta tal-informazzjoni fil-PSK meħtieġa bir-Regolament (b'mod partikolari l-Artikoli 3.2 u 7.2). Aħna sibna li dan huwa konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament.

108. Il-Kummissjoni ppubblikat *Vademecum* għall-PST fl-2012, fl-2016 u fl-2017. Aħna analizzajna jekk l-approċċi deskritti fl-edizzjonijiet tal-2016 u l-2017 irriflettewx ir-rekwiżiti fir-Regolament. Identifikajna għadd ta' eċċezzjonijiet, kif spjegat hawn taħt.

- Sabiex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni tal-pajjiżi fir-rigward tal-OTM tagħhom, ir-Regolament jirrikjedi li tintuża d-*data* ekonomika l-aktar aġġornata u l-Kummissjoni tuża d-*data* l-aktar favorevoli minn taħlita ta' vintages. Min-naħa tiegħu, dan il-fatt jiddetermina jekk ikunx meħtieġ li jsir xi aġġustament f'sena partikolari. Minbarra dan, jiġi applikat iffriżar assimetriku fl-istabbiliment tar-rekwiżiti ta' aġġustament mill-matriċi meta d-distanza tal-bilanċ strutturali bi tqabbil mal-OTM tkun ogħla mir-rekwiżit idderivat mill-matriċi. B'mod simili, ir-rata ta' referenza użata għall-EB fis-sena t hija bbażata fuq il-projezzjonijiet tal-previżjonijiet tar-rebbiegħa relatati mas-sena t-1 u ma tiġix aġġornata għall-previżjonijiet sussegwenti. Dawn l-approċċi jirriżultaw f'dewmien fit-twissijiet matul perjodi ta' deterjorament tal-SB (ara l-***paragrafu 59***) jew f'tibdil fil-fatturi li fuqhom hija bbażata l-kompożizzjoni tar-rata ta' referenza. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tkejjel id-distanza lejn l-OTM f'sena partikolari billi tqabbel l-objettiv mal-SB tas-sena preċedenti, u mhux ma' dak tas-sena attwali (ara l-***paragrafu 60***).

- Fil-kalkolu tal-infiq pubbliku fl-EB, il-Kummissjoni tnaqqas il-livellar tal-investimenti esklużi mill-fondi tal-UE għall-investimenti. B'riżultat ta' dan, l-istima tal-infiq ta' sena speċifika ma tirriflettix b'mod preċiż l-investiment kapitali tal-gvern f'sena partikolari. Dan il-livellar mhuwiex previst fir-Regolament.

109. Aħna ttestjajna jekk il-linji gwida interni pprovduti lill-uffiċċji tal-pajjiżi u l-ispreadsheets użati għall-valutazzjonijiet kinux konformi mal-approċċi deskritti fil-*Vademecum*. Sibna li x-xogħlijiet ta’ valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni huma konformi mal-*Vademecum*, bl-eċċezzjoni tal-ittestjar li għamlet fir-rigward tal-pożizzjoni meta mqabbla mal-OTM li għalih intuża l-SB l-aktar favorevoli minn vintages tal-passat.

110. Ittestjajna jekk il-PSK fil-kampjun tal-awditjar kellhomx nuqqas ta’ informazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tas-CoC. Aħna sibna li l-valutazzjonijiet tal-PSK imwettqa mill-Kummissjoni ma ppreżentawx dan in-nuqqas b’mod sistematiku.

111. Id-Dokumenti ta’ Ħidma tal-Persunal jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar l-impenji fiskali tal-Istati Membri, il-miżuri rispettivi tagħhom, u l-konformità mar-regoli tal-parti preventiva. Aħna identifikajna li għad hemm lok għal titjib fid-deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu u fl-impatt meqjus fil-previżjoni tal-Kummissjoni (minbarra dak ippjanat mill-Istati Membri fil-PSK tagħhom). Ikun utli jekk fid-Dokumenti ta’ Ħidma tal-Persunal ikun hemm tabella li tispjega b’mod aktar ċar id-differenzi.

112. L-Istati Membri kienu qablu dwar metodu komuni tal-UE għall-istimar tal-produzzjoni potenzjali. Madankollu, ċerti Stati Membri jipproduċu wkoll l-istimi proprji tagħhom ibbażati fuq metodoloġiji li huma differenti mill-metodu komuni tal-UE li jintuża bħala l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-parti preventiva. L-użu ta’ metodoloġija differenti xi kultant iwassal għal stimi differenti, li min-naħa tagħhom jistgħu jwasslu wkoll għal stima differenti tal-bilanċ strutturali. Wara li analizzajna diversi studji li jqabblu l-istimi tal-produzzjoni potenzjali tal-Kummissjoni ma’ dawk imħejjija minn istituzzjonijiet oħra, aħna sibna li l-approċċ tal-UE jaħdem tajjeb meta mqabbel ma’ stimi oħra (eż. tal-OECD jew tal-FMI).

113. Barra minn hekk, fl-2016, il-Kummissjoni introduċiet għodda ta’ plawżibbiltà għall-valutazzjoni ta’ sitwazzjonijiet fejn il-marġnijiet tal-potenzjal tal-produzzjoni stmati ta’ snin speċifiċi jkunu suġġetti għal livelli għoli ta’ inċertezza. Dan huwa proġett pilota li se jitwettaq matul is-sentejn li ġejjin biex jittieħed inkunsiderazzjoni kwalunkwe fattur li l-Istati Membri jqisu li huwa rilevanti għall-istimi tagħhom tal-produzzjoni potenzjali. Dan l-approċċ, li jikkonsisti fiż-żamma ta’ djalogu miftuħ biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta’ plawżibbiltà fil-kuntest ta’ approċċ komuni, huwa xieraq.

114. Aħna ttestjajna l-ispreadsheets u l-formuli użati, u erġajna wettaqna għadd ta' valutazzjonijiet biex nittestjaw il-preċiżjoni tax-xogħlijiet. Eżaminajna wkoll kampjun ta' *data* użata mill-Kummissjoni fil-valutazzjonijiet tagħha u sibna li kienet taqbel mas-sorsi korrispondenti, bħad-*data* tal-AMECO, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tal-UE (EUROSTAT) jew tal-PSK. Ma rriżulta li kien hemm ebda problema, ħlief il-mod li bih kienet ġiet indirizzata t-tranżizzjoni mill-ESA 95 għall-ESA 2010 u l-mod kif kienu ntużaw il-vintages ta' *data* fil-valutazzjoni (ara l-***paragrafu 62***).

115. Aħna sibna li l-OTM minimi ġew ikkalkulati skont l-approċċ deskritt fil-*Vademecum*. Ivverifikajna wkoll jekk l-OTM tal-Istati Membri kollha kinux ugwali għall-OTM minimu jew ogħla minnu u sibna li kienu kollha konformi, bl-eċċezzjoni tal-OTM tas-Slovenja fil-perjodu 2016-2017 (għas-snin 2017-2019). Dan ma kellu ebda impatt fuq ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

116. Aħna ttestjajna s-sensittività tal-OTM minimi għall-varjabbli sottostanti u sibna li dawn kienu sensittivi l-aktar għal bidliet kbar fis-semielastiċità, għal kriżijiet kbar tad-dejn u għal spejjeż marbutin mat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Madankollu, osservajna li l-OTM minimi ma ħadux inkunsiderazzjoni fatturi oħra li jaffettwaw id-dejn, bħall-aġġustamenti bejn l-istokk u l-flussi.

117. Aħna ttestjajna wkoll ix-xogħlijiet ta' valutazzjoni biex niċċekkjaw li l-parametri tal-matriċi kienu ġew applikati b'mod korrett. Matul it-tranżizzjoni għall-matriċi l-ġdida, il-parametri tal-matriċi l-antika nżammu għall-valutazzjoni tar-rebbiegħa 2015 u ġew applikati biss għall-Istati Membri li l-SB tagħhom kien mar għall-agħar, minflok ma saru aġġustamenti għall-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni ma mmaniġġjatx it-tranżizzjonijiet bejn ir-regoli b'mod konsistenti.

***Parti V - Is-CSRs jirriflettu l-konklużjonijiet sottostanti tal-valutazzjoni iżda jeħtieġu aktar ċarezza***

**Is-CSRs jirriflettu r-riżultati tal-valutazzjonijiet imwettqa, iżda r-rilevanza tagħhom tista' tinbidel jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet**

118. Is-CSRs fiskali finali adottati mill-Kunsill huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Miktuba f'forma ġuridika, huma jappellaw lill-Istati Membri biex jindirizzaw ir-riskji ta' devjazzjoni sinifikanti identifikati, u jispeċifikaw l-aġġustament meħtieġ għall-SB u t-tkabbir fl-infiq.

119. Aħna sibna li s-CSR fiskali relatati mal-parti preventiva kienu konformi mal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni li jinsabu fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal.

120. Fl-opinjoni tagħna, ir-rakkomandazzjonijiet jiġu ppubblikati kmieni biżżejjed fis-sena (Lulju) biex l-Istati Membri jkollhom ċans jieħdu azzjoni fil-proċess baġitarju annwali tagħhom. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri jiddiskutu, itejbu u jadottaw il-baġits għas-sena ta' wara fil-ħarifa. Sa dak iż-żmien, il-kundizzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji jistgħu jinbidlu, iżda s-CSR fis-seħħ tibqa' dik li tkun ġiet stabbilita aktar kmieni fis-sena. Bidliet sinifikanti fil-kundizzjonijiet jistgħu jaffettwaw ir-rilevanza tas-CSRs.

**Il-formulazzjonijiet tas-CSRs ippubblikati fl-2017 saru inqas ċari u infurzabbli**

121. Ir-rilevanza tas-CSRs tiddependi wkoll miċ-ċarezza u mill-kredibbiltà tagħhom f'termini ta' jekk dawn jistgħux jiġu mmonitorjati u infurzati fuq bażi *ex post*. Waqt l-awditu, il-Kummissjoni pproponiet li għas-CSRs tal-2018 ir-rekwiżiti numeriċi jkunu fil-premessi minflok fil-parti normattiva. Il-Kummissjoni tqis li kemm il-premessi kif ukoll il-parti normattiva huma vinkolanti u infurzabbli b'mod ugwali, u din ġeneralment il-pubbliku ma jifhimhiex.

122. F'dan il-kuntest, il-BĊE reċentement ġibed l-attenzjoni għall-fatt li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-politika fiskali huma differenti minn dawk tal-passat f'żewġ aspetti. L-ewwel nett, il-premessi tar-rakkomandazzjonijiet biss, u mhux il-partijiet normattivi, jispeċifikaw il-firxa tal-aġġustament strutturali li l-Kunsill jirrakkomanda li l-gvernijiet jeħtieġ iwettqu biex jiżguraw il-konformità sħiħa mal-PST. Ġeneralment, huma l-partijiet normattivi li jipprovdu gwida *ex ante* ċara lill-gvernijiet dwar kif imexxu l-finanzi

pubbliċi matul it-12 sat-18-il xahar li ġejjin. Huma jservu wkoll bħala gwida għall-parlamenti u għall-pubbliku u bħala referenza għal valutazzjonijiet *ex post* trasparenti tal-konformità mal-PST. Għalhekk, huwa importanti li l-gwida fiskali tiġi inkorporata bis-sħiħ, inkluż fl-abbozzi ta' pjanijiet baġitarji tal-gvernijiet għall-2018, sabiex ikun żgurat progress suffiċjenti bil-għan li jinkisbu finanzi pubbliċi sodi[63].

123. Il-BĊE ġibed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li għall-pajjiżi kollha li għandhom rekwiżiti ta' aġġustament strutturali ta' 0.5 % tal-PDG u ogħla fl-2018, irrispettivament mil-livell tad-dejn tal-gvern tagħhom, il-premessi jsostnu li "l-valutazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 jeħtieġ li jqisu l-għan li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali kif ukoll li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi" tal-[Istat Membru rispettiv]. Dan jista' jimplika tnaqqis fir-rekwiżiti ta' aġġustament strutturali minbarra dak mogħti taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà eżistenti fil-PST (kif ikkomunikat mill-Kummissjoni f'Jannar 2015). Għall-ġejjieni, huwa importanti li tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-PST ibbażat fuq ir-regoli[64].

124. Din il-gwida kkomunikata mill-Kummissjoni tista' twassal għal sitwazzjoni fejn iż-żewġ objettivi, dak li jissaħħaħ l-irkupru attwali, min-naħa waħda, u dak li tiġi żgurata s-sostenibbiltà, min-naħa l-oħra, iwasslu għal konklużjonijiet asimmetriċi ħafna: waħda li tħeġġeġ lil Stat Membru biex jonfoq aktar fuq miżuri li jżidu t-tkabbir u oħra li tirrestrinġi tali żidiet fl-infiq. Hija tista' timplika wkoll rekwiżiti aktar baxxi minn dawk stabbiliti mill-qafas tar-regoli tal-PST (il-kombinament tal-matriċi u l-klawsoli).

125. Biex twassal aħjar il-loġika tar-rakkomandazzjonijiet proposti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi sommarju tal-valutazzjoni sottostanti u tispjega l-importanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, kif ukoll tenfasizza r-riskji li jirriżultaw jekk dawn ma jiġux implimentati. Fil-passat, kull CSR kienet tiġi appoġġata minn premessa li tistabbilixxi l-bażi

[63] Il-Bullettin Ekonomiku tal-BĊE Nru 4/2017.

[64] *Ibid*.

loġika sottostanti. Madankollu, wara l-aktar bidliet reċenti, il-premessi ma baqgħux jispjegaw il-bażi loġika wara s-CSRs.

**Il-Kummissjoni timmonitorja b'mod suffiċjenti l-implimentazzjoni tas-CSRs fiskali**

126. Il-Kummissjoni tibbaża fuq inputs differenti biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-CSRs u tintensifika l-attivitajiet ta' monitoraġġ fl-aħħar kwart tas-sena. B'kont meħud tal-analiżi estensiva, id-*data* disponibbli, u l-għadd ta' żjarat u ta' skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, aħna nqisu li l-monitoraġġ u s-segwitu tal-iżviluppi fl-Istati Membri huma biżżejjed.

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

***L-objettiv prinċipali tal-parti preventiva ma ntlaħaqx***

127. Il-parti preventiva hija maħsuba biex tiżgura li l-Istati Membri tal-UE jżommu l-pożizzjoni fiskali tagħhom fil-livell tal-objettivi ta' terminu medju (OTM) rispettivi tagħhom biex jiżguraw pożizzjoni fiskali sostenibbli u jipprovdu spazju fiskali f'każijiet ta' reċessjoni. Barra minn hekk, meta jilħqu l-OTM tagħhom, l-Istati Membri b'dejn għoli jkunu qed jiżguraw li l-proporzjonijiet tad-dejn tagħhom jibdew jonqsu f'konformità mar-rekwiżiti taħt il-parti korrettiva tal-PST ibbażata fuq id-dejn. Dan kollu huwa kruċjali sabiex tiġi evitata kriżi fiskali li tikkawża tfixkil fl-UE u, saħansitra aktar importanti minn hekk, fl-unjoni monetarja (il-***paragrafi 4 sa 5***).

128. Ir-Regolament stabbilixxa valur referenzjarju raġonevoli għall-konverġenza annwali lejn l-OTM ta' 0.5 pp tal-PDG fis-sena; iżda huwa introduċa wkoll il-kunċett ta' devjazzjoni sinifikanti li huwa interpretat bħala marġni ta' devjazzjoni awtorizzat. Barra minn hekk, huwa ta lill-Kummissjoni setgħat diskrezzjonali estensivi biex taġġusta r-rekwiżiti (il-***paragrafi 16 sa 17, 32 sa 37***).

129. Il-Kummissjoni eżerċitat b'mod estensiv ħafna dawn is-setgħat diskrezzjonali bil-ħsieb li tnaqqas ir-rekwiżiti ta' aġġustament, kemm bl-istabbiliment tar-regoli ta' implimentazzjoni kif ukoll f'deċiżjonijiet individwali. Madankollu, b'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma żguratx li jintlaħaq l-objettiv prinċipali tar-Regolament: il-konverġenza lejn l-OTM f'perjodu ta' żmien raġonevoli (il-***paragrafi 63 sa 71***).

130. Ir-rekwiżiti u l-parametri ta' aġġustament, kif speċifikati fl-hekk imsejħa matriċi, u l-għadd kbir ta' klawsoli ta' flessibbiltà ġew stabbiliti fi żmien meta t-tħassib prinċipali kien it-tieni reċessjoni tal-UE fl-2012. Fil-prinċipju, il-flessibbiltà f'sitwazzjoni bħal din kienet xierqa, iżda fil-prattika marret wisq lil hinn (il-***paragrafi 26 sa 71***). B'mod partikolari, hija ma għamlitx biżżejjed distinzjoni bejn dawk l-Istati Membri li għandhom problemi ta' dejn u l-oħrajn (il-***paragrafi 85 sa 97 u l-paragrafu 100***). Barra minn hekk, il-parametri approvati tal-matriċi u d-diversi klawsoli ta' flessibbiltà ma kinux marbuta biż-żmien għal dawn iċ-ċirkustanzi speċifiċi (il-***paragrafi 77 sa 82***).

131. Minflok ma saħħet il-qafas, reċentement il-Kummissjoni kompliet iddgħajfu aktar, pereżempju billi introduċiet il-marġni ta' diskrezzjoni l-ġdid fl-2017 (il-***paragrafi 32 sa 37, 69 u 79***).

132. B'riżultat ta' dan, il-qafas attwali ma jiżgurax il-konverġenza lejn l-Objettivi ta' Terminu Medju b'ritmu raġonevoli fi żminijiet normali. B'mod ġenerali, huwa ma ffaċilitax il-progress lejn l-OTM fil-perjodu ta' rkupru reċenti, minkejja l-fatt li t-tkabbir qabeż ir-rata ta' tkabbir potenzjali u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni kien qed jonqos (il-***paragrafi 79 sa 82***).

133. Il-fatt li l-qafas imdgħajjef tal-PST, kif stabbilit fir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, ma jistax jiżgura l-progress lejn l-ilħuq tal-OTM f'bosta Stati Membri li għandom ħafna dejn huwa ta' tħassib partikolari. Fil-perjodu 2014-2018, il-bilanċi strutturali tagħhom jew iddevjaw mill-Objettivi ta' Terminu Medju tagħhom jew ikkonverġew lejhom b'pass li tant kien bil-mod li għad fadal biex ikun żgurat li jinkiseb titjib sostanzjali qabel ir-reċessjoni li jmiss (il-***paragrafi 85 sa 97 u l-paragrafu 100***).

134. Il-kredibbiltà tal-PST hija kompromessa mill-inkonsistenzi bejn il-partijiet preventivi u dawk korrettivi. Il-Kummissjoni ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-parti preventiva għall-Istati Membri li huma taħt il-parti korrettiva, u kemm-il darba pproponiet biex l-iskadenzi għall-ħruġ mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP) jiġu estiżi għal diversi snin, b'hekk l-Istati Membri taħt EDP ma jkollhomx għalfejn jissodisfaw ir-rekwiżiti li kien ikollhom josservaw kieku kienu taħt il-parti preventiva (il-***paragrafu 84***).

135. Għalkemm mhux meħtieġ bir-Regolament, il-Kummissjoni fittxet u laħqet qbil mal-Istati Membri dwar bosta regoli ta' implimentazzjoni, permezz tal-intermedjazzjoni tal-Kunsill tal-

Ministri tal-ECOFIN. Minħabba dawn il-preċedenti, issa jista' jkun aktar diffiċli sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fil-qafas (il-**_paragrafi 26, 38, 42 u 51_**).

136. Madankollu, il-qafas attwali kif stabbilit fir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jeħtieġ li jiġi modifikat. Fil-kuntest tar-reviżjoni tal-qafas tal-parti preventiva skedata għall-2018, aħna nirrakkomandaw il-miżuri li ġejjin.

***Jeħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tad-devjazzjonijiet kumulattivi u tal-parametri fil-matriċi tal-aġġustamenti meħtieġa***

137. Il-kombinament attwali, tar-rekwiżiti ta' aġġustament tal-matriċi skont iċ-ċiklu ekonomiku, tal-klawsoli ta' flessibbiltà u tad-devjazzjonijiet awtorizzati, ma jiżgurax li l-OTM jintlaħqu fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli taħt xenarji makroekonomiċi raġonevoli. Aħna nqisu li l-kwistjoni tad-devjazzjonijiet kumulattivi tista' tiġi indirizzata fi ħdan ir-regolament attwali, minħabba li trid tingħata prevalenza lill-objettiv prinċipali tiegħu meta mqabbel mal-opzjonijiet ta' flessibbiltà mogħtija. Minħabba l-interkonnettività ta' dawn il-kwistjonijiet, l-iskala tar-reviżjoni meħtieġa fil-matriċi se tkun tiddependi minn jekk il-kwistjonijiet tad-devjazzjonijiet kumulattivi u tal-klawsoli ta' flessibbiltà humiex se jiġu indirizzati u solvuti, u mill-mod kif dan se jsir. Irrispettivament minn dan, jeżistu raġunijiet tajba biex ir-rekwiżiti għall-Istati Membri bi proporzjonijiet ta' dejn li huma aktar minn 90 % tal-PDG isiru aktar stretti u, b'mod inqas, għal dawk b'dejn ta' aktar minn 60 % iżda inqas minn 90 % tal-PDG (il-**_paragrafi 26 sa 71, 85 sa 97 u l-paragrafu 100_**).

**Rakkomandazzjoni 1**

(a) Biex tindirizza l-effetti kumulattivi tad-devjazzjonijiet awtorizzati, jeħtieġ li fil-matriċi riveduta l-Kummissjoni tinkludi dispożizzjoni li żżid ir-rekwiżit ta' aġġustament għas-sena ta' wara biex tiġi kkumpensata d-devjazzjoni medja tal-Istat Membru matul is-sentejn preċedenti, kif ukoll id-devjazzjoni mistennija matul is-sena attwali[65].

[65] Ara rakkomandazzjoni simili fir-Rapport 2017 tal-Bord Fiskali Ewropew.

(b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid ir-rekwiżiti ta' aġġustament għall-Istati Membri li jkollhom proporzjon tad-dejn li jkun aktar minn 60 % tal-PDG, bil-ħsieb li r-rekwiżiti jsiru konformi mad-dispożizzjonijiet tar-regola dwar id-dejn. Jenħtieġ li l-iskala taż-żieda tkun tiddependi fuq id-distanza mis-soll ta' 60 %, u tkun iddeterminata jew fi stadji (pereżempju rekwiżiti aktar għoljin għall-pajjiżi li l-proporzjon tad-dejn tagħhom ikun aktar minn 90 %), jew b'mod gradwali.

(c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina dispożizzjonijiet oħra fil-matriċi tal-aġġustamenti meħtieġa u tqis li timmodifikahom bil-ħsieb li l-Istati Membri kollha jiksbu l-konverġenza lejn l-OTM tagħhom fi żmien raġonevoli, filwaqt li tieħu kont tal-effetti tar-reviżjonijiet fid-dispożizzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk relatati mad-devjazzjonijiet u l-konċessjonijiet awtorizzati.

Jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fir-reviżjoni tal-matriċi u tal-klawsoli ta' flessibbiltà, prevista għall-2018 fil-pożizzjoni miftiehma b'mod komuni, jew sa mhux aktar biex tiġi applikata fir-rebbiegħa tal-2019.

***Jenħtieġ li l-klawsoli ta' flessibbiltà jiġu riformati sabiex jirriflettu r-rwol oriġinali previst fir-Regolament***

138. Il-Kummissjoni qed tuża l-klawsola tar-riformi strutturali b'mod li jmur ferm lil hinn mill-objettiv tagħha previst fir-Regolament, jiġifieri li tiżgura li r-restrizzjonijiet baġitarji ma jxekklux l-implimentazzjoni ta' riformi importanti. Ir-Regolament ma jsemmix il-klawsoli ta' flessibbiltà bħala inċentivi għar-riformi. Jenħtieġ li l-konċessjonijiet taħt il-PST jintużaw għall-iskop li għalih huma intenzjonati, filwaqt li strumenti oħra jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tar-riformi (il-***paragrafi 50 sa 52***).

139. Il-Kummissjoni tawtorizza taħt diversi klawsoli li ż-żieda fl-infiq tkompli lil hinn mis-snin li għalihom tkun ġiet approvata. L-infiq kumplessiv jiżdied b'mod permanenti sakemm finalment jintlaħaq l-OTM. Dan iwassal għal estensjonijiet fil-perjodu ta' konverġenza li jaffettwaw b'mod avvers il-kisba tal-objettiv bażiku tar-Regolament (il-***paragrafi 44 sa 48 u l-paragrafu 54***).

140. Il-klawsola tal-investiment ma tiżgurax żieda fil-proporzjon tal-investiment pubbliku għall-PDG u tippermetti li l-infiq mhux relatat mal-investiment ikompli fis-snin li jmiss (il-***paragrafu 43***).

141. Il-klawsola tal-avvenimenti mhux tas-soltu wkoll twassal għal żieda fl-infiq mhux relatat fis-snin ta' wara l-għoti tal-klawsola, u tapplika interpretazzjoni wiesgħa tal-infiq eliġibbli (il-***paragrafu 57***).

| **Rakkomandazzjoni 2** |
| --- |
| (a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni temenda r-regoli ta' implimentazzjoni għall-klawsola tar-riformi strutturali u tillimita l-klawsola għall-ispejjeż baġitarji direttament identifikati matul l-ewwel ftit snin tal-implimentazzjoni. Jenħtieġ li ż-żieda approvata fl-infiq tiġi ttrattata bħala avveniment ta' darba, u ma twassalx għal żieda fl-infiq mhux relatat fis-snin ta' wara. |
| (b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twaqqaf l-użu tal-klawsola tal-investiment fil-forma attwali tagħha. Jekk warajha tibda tintuża klawsola oħra jenħtieġ li din tkun tiżgura żieda fl-investiment pubbliku meta mqabbel mal-PDG. |
| (c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-klawsola tal-avvenimenti mhux tas-soltu fil-każ biss ta' nfiq li jkun direttament relatat ma' avvenimenti li seħħew. |
| Jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-ħin għall-applikazzjoni fir-rebbiegħa tal-2019. |

***Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' aġġustament taħt il-parti korrettiva u dik preventiva jkunu sinkronizzati u li l-proċeduri ta' intensifikazzjoni jintużaw b'mod aktar effettiv***

142. Jeżistu inkonsistenzi bejn il-parti korrettiva, ibbażata fuq id-defiċit, u l-parti preventiva. Il-waqfien tal-prattika tal-estensjonijiet eċċessivi u pluriennali fl-iskadenzi għall-ħruġ mill-EDP ikun pass importanti f'dik id-direzzjoni. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti taħt il-parti preventiva jenħtieġ li jikkorrispondu għar-rekwiżiti minimi taħt il-parti korrettiva. Aħna ma narawx li hemm raġunijiet legali biex l-Istati Membri taħt il-parti korrettiva jiġu eżentati milli jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-parti preventiva u jkunu soġġetti għall-proċeduri ta' intensifikazzjoni tal-parti preventiva (il-***paragrafu 84 sa 94***).

| **Rakkomandazzjoni 3** |
| --- |
| Jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora modi fi ħdan il-qafas legali biex tiżgura li l-livell ta' aġġustament strutturali meħtieġ taħt il-parti preventiva jitwassal ukoll mill-Istati Membri taħt il-parti korrettiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta nota lill-KEF li tispjega kif biħsiebha tikseb dan.<br><br>Jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-ħin għall-applikazzjoni fir-rebbiegħa 2019, u li sa dak iż-żmien, il-Kummissjoni tkun ippreżentat tali nota lill-KEF. |

***Tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni meħtieġa fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u fir-rapporti ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni***

143. Jeħtieġ li tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni ppreżentata fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza (PSK). Barra minn hekk, minħabba li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija bbażata fuq tqabbil tal-previżjonijiet tagħha ma' dawk tal-Istati Membri, ikun tajjeb li jkun hemm aktar trasparenza dwar il-miżuri differenti inklużi fil-previżjonijiet tal-Kummissjoni sabiex tiġi determinata l-kredibbiltà tal-pjanijiet u l-valutazzjoni korrispondenti. Jeħtieġ ukoll li fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (SWD) jkun hemm preżentazzjoni aktar ċara tar-riżultati tal-konformità, ibbażati fuq il-kriterji stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet, u spjegazzjoni tal-fatturi kkunsidrati fil-valutazzjoni kumplessiva (il-***paragrafi 104 sa 106, 111 sa 112***).

| **Rakkomandazzjoni 4** |
| --- |
| (a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi li jitwettqu reviżjonijiet fil-Kodiċi ta' Kondotta (CoC) u tfittex li tilħaq ftehim f'dan ir-rigward mal-Istati Membri biex tiżgura li l-PSK tagħhom ikunu jinkludu tabella ta' sommarju li jkun fiha l-istimi tad-dħul u l-nfiq kif ukoll il-miżuri prinċipali li jaffettwawhom u t-twaqqit tagħhom.<br><br>(b) Jenħtieġ li, fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tagħha, il-Kummissjoni tispjega aħjar id-differenzi bejn l-istimi proprji tagħha tal-miżuri fiskali u dawk fil-previżjonijiet tal-Istati Membri. Jenħtieġ ukoll li tkun aktar espliċita fil-każijiet kollha dwar il-livell ta' konformità ta' PSK mar-rekwiżiti tas-CoC. |

(c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tintroduċi tabella li tippreżenta, separatament għal kull pilastru, il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tagħha dwar il-livell ta' devjazzjonijiet. Jenħtieġ li hija tispjega ukoll fid-dettall il-konklużjoni tal-valutazzjoni kumplessiva, billi tindika l-fatturi kollha li ttieħdu inkunsiderazzjoni jekk il-konklużjoni tal-valutazzjoni ġenerali ma tkunx konformi mal-kriterji stipulati fir-Regolament.

(d) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta wkoll id-*data* dwar id-devjazzjonijiet kumulattivi ta' mill-inqas il-ħames snin preċedenti.

Jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-ħin għall-applikazzjoni fir-rebbiegħa tal-2019.

***Jenħtieġ li jiġi eżaminat l-użu ta' vintages u tal-iffriżar***

144. Ċerti approċċi tekniċi, bħall-użu tal-iffriżar jew tal-indikaturi l-aktar favorevoli minn taħlita ta' vintages, jew l-użu ta' livellar tal-investimenti fil-valur referenzjarju tal-infiq, ma joriġinawx mir-Regolament u jistgħu jwasslu għal dewmien fid-detezzjoni ta' devjazzjonijiet sinifikanti (il-***paragrafi 59 sa 60 u 108 sa 109***).

145. Biex ir-rekwiżiti ta' aġġustament ma jibqgħux iffriżati tintuża prattika asimmetrika. Din il-prattika ma tippermettix li jitfittex li jsir aġġustament akbar fil-valutazzjoni tal-abbozzi ta' pjanijiet baġitarji (DBP), meta dan ikun possibbilment iġġustifikat minn informazzjoni aġġornata (il-***paragrafu 61***).

**Rakkomandazzjoni 5**

(a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża r-rekwiżiti tagħha fuq id-*data* l-aktar aġġornata minflok fuq dik l-aktar favorevoli minn selezzjoni ta' vintages tal-passat.

(b) Fil-valur referenzjarju tal-infiq, jenħtieġ li hija tapplika l-kunċett ta' nfiq aggregat kif meħtieġ bir-Regolament, mingħajr "livellar tal-investimenti".

(c) Meta jsir titjib sostanzjali fil-prospetti bejn il-valutazzjoni tal-PSK u l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun lesta li tirrikjedi sforz akbar ta' aġġustament.

Jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-ħin għall-applikazzjoni fir-rebbiegħa tal-2019.

***Jenħtieġ li l-ispjegazzjonijiet fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ikunu aktar ċari***

146. Il-premessi attwali huma legalistiċi u ma jipprovdux raġunament dettaljat għar-rakkomandazzjonijiet. Jista' jsir aktar biex tiġi spjegata l-bażi loġika għall-aġġustamenti rakkomandati u r-riskji li jinħolqu jekk dawn ir-rekwiżiti ma jiġux issodisfati (il-***paragrafi 122 sa 126***).

| **Rakkomandazzjoni 6** |
| --- |
| (a) Jenħtieġ li l-premessi jispjegaw fid-dettall il-bażi loġika għall-aġġustament rakkomandat u r-riskji relatati. |
| (b) Jenħtieġ li l-aġġustament meħtieġ jiġi speċifikat fil-parti normattiva tas-CSRs u mhux fil-premessi, bil-għan li jiġi enfasizzat il-karattru obbligatorju tiegħu. |
| Jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-ħin għall-applikazzjoni fir-rebbiegħa tal-2019. |

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Neven MATES, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-13 ta' Ġunju 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

*Klaus-Heiner LEHNE*
President

***ANNESS I***

**SELEZZJONI TA' STATI MEMBRI GĦALL-KAMPJUN TAL-AWDITJAR**

1. L-awditu tal-proċeduri tal-parti preventiva ffoka fuq sitt Stati Membri (ħamsa miż-żona tal-euro u wieħed mhux miż-żona tal-euro).

2. L-Istati Membri li kienu taħt EDP jew programm ta' aġġustament matul il-perjodu kollu, jew li kienu diġà ġew koperti minn awditi relatati mal-EDP, mal-Greċja, jew mal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP), ġew esklużi (bl-eċċezzjoni tal-Italja[66]). Mill-Istati Membri li kien fadal, aħna għażilna dawk li kienu ilhom l-aktar taħt il-parti korrettiva, li kellhom deterjorament reċenti fil-bilanċ strutturali, jew li kienu l-aktar 'il bogħod mill-OTM tagħhom (ara t-***Tabella 1***).

[66] L-Italja ħarġet mill-EDP f'Ġunju 2013, u l-perjodu ta' qabel ġie parzjalment kopert mill-awditu tal-Qorti relatat mal-EDB. Hija ġiet inkluża fil-kampjun minħabba l-applikazzjoni estensiva tal-klawsoli ta' flessibbiltà taħt il-parti preventiva u l-importanza ġenerali tagħha għall-iżviluppi makroekonomiċi fl-UE.

## <u>Tabella 1</u> - Selezzjoni ta' Stati Membri għall-kampjun tal-awditjar

| Analiżi tal-kriterji u għażla ta' SM għall-kampjun użat għall-awditjar tal-parti preventiva | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UEM | Stat Membru | Bilanċ Strutturali (SB) | | | | | | Kummenti | Distanza mill-OTM ($SB_{t-1}$-$OTM_t$)* | | | | | |
| | | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016** |
| Żona tal-euro | Il-Belġju | -4,03 | -3,42 | -2,73 | -2,85 | -2,48 | -2,10 | Awditu Semestru Ewropew (SE) | -4,61 | -4,78 | -4,17 | -3,48 | -3,60 | -3,23 |
| | L-Estonja | 0,27 | -0,10 | -0,40 | 0,31 | 0,31 | 0,18 | Laħqet l-OTM tul il-perjodu kollu | 0,17 | 0,27 | -0,10 | -0,40 | 0,31 | 0,31 |
| | L-Irlanda | -7,52 | -6,45 | -4,32 | -3,22 | -2,99 | -2,15 | Taħt il-parti preventiva fl-2016 biss | -8,83 | -7,52 | -6,45 | -4,32 | -3,22 | -2,99 |
| | Il-Latvja | -1,26 | -0,03 | -0,94 | -1,76 | -2,09 | -1,85 | Laħqet l-OTM fil-perjodu 2013-2014 | -1,19 | -0,26 | 0,97 | 0,06 | -0,76 | -1,09 |
| | Il-Litwanja | -3,59 | -2,60 | -2,27 | -1,42 | -1,20 | -1,43 | Laħqet l-OTM fil-perjodu 2015-2016 | -2,29 | -2,59 | -1,60 | -1,27 | -0,42 | -0,20 |
| | Il-Lussemburgu | 1,38 | 2,47 | 2,06 | 2,15 | 0,71 | 0,90 | Laħqet l-OTM tul il-perjodu kollu | 0,00 | 0,88 | 1,97 | 1,56 | 1,65 | 0,21 |
| | In-Netherlands | -3,58 | -2,26 | -0,94 | -0,53 | -1,07 | -1,40 | Awditu SE (sena aktar taħt EDP mil-LT u mil-LV) | -3,03 | -3,08 | -1,76 | -0,44 | -0,03 | -0,57 |
| | L-Awstrija | -2,53 | -1,82 | -1,24 | -0,67 | -0,59 | -1,01 | Awditu SE (sena aktar taħt EDP mil-LT u mil-LV) | -2,76 | -2,08 | -1,37 | -0,79 | -0,22 | -0,14 |
| | Il-Portugall | -6,22 | -3,09 | -2,50 | -1,37 | -1,82 | -2,33 | Taħt EDP tul il-perjodu kollu | -7,60 | -5,72 | -2,59 | -2,00 | -0,87 | -1,32 |
| | Is-Slovakkja | -4,11 | -3,56 | -1,69 | -2,05 | -2,06 | -2,04 | Dejn ta' < 60 % tal-PDG tul il-perjodu kollu | -6,65 | -3,61 | -3,06 | -1,19 | -1,55 | -1,56 |
| | Il-Finlandja | -0,85 | -1,14 | -0,98 | -1,75 | -1,75 | -1,52 | Awditu SE | -0,61 | -0,35 | -0,64 | -0,48 | -1,25 | -1,25 |
| Mhux fiż-żona tal-euro | Id-Danimarka | -0,50 | 0,04 | -0,18 | 0,56 | -2,26 | -1,36 | Deficit/dejn inqas persistenti u aktar baxx minn tal-HU | -0,22 | 0,00 | 0,54 | 0,32 | 1,06 | -1,76 |
| | Il-Kroazja | m/a | m/a | -3,57 | -3,85 | -3,49 | -3,84 | Taħt EDP fil-perjodu 2013-2016 | m/a | m/a | -4,08 | -3,57 | -3,85 | -3,49 |
| | L-Ungerija | -4,52 | -1,44 | -1,47 | -2,50 | -2,35 | -2,63 | Awditu SE | -1,88 | -2,82 | 0,26 | 0,23 | -0,80 | -0,65 |
| | Il-Polonja | -6,07 | -4,04 | -3,44 | -2,65 | -3,01 | -2,65 | Deficit/dejn inqas persistenti u aktar baxx minn tal-HU | -7,26 | -5,07 | -3,04 | -2,44 | -1,65 | -2,01 |
| | Ir-Rumanija | -2,98 | -2,01 | -1,07 | -0,63 | -0,78 | -2,74 | Deficit/dejn inqas persistenti u aktar baxx minn tal-HU | -4,59 | -1,98 | -1,01 | -0,07 | 0,37 | 0,22 |
| | L-Iżvezja | 0,00 | 0,10 | -0,19 | -0,82 | -1,04 | -0,96 | Laħqet l-OTM tul il-perjodu kollu | 1,77 | 1,00 | 1,10 | 0,81 | 0,18 | -0,04 |
| | Ir-Renju Unit | -5,84 | -6,56 | -4,55 | -5,15 | -4,48 | -3,30 | Taħt EDP tul il-perjodu kollu | -6,00 | -4,59 | -5,31 | -3,30 | -3,90 | -3,23 |
| | | | | | | | | **Awditi oħra tal-QEA** | | | | | | |
| Diġà awditjati | Il-Ġermanja | -1,34 | -0,12 | 0,27 | 0,82 | 0,92 | 0,71 | EDP | -1,68 | -0,84 | 0,38 | 0,77 | 1,32 | 1,42 |
| | Il-Greċja | -6,40 | -0,43 | 1,98 | 0,57 | -1,13 | -0,27 | Awditu Grieg | -9,65 | -5,90 | 0,07 | 2,48 | 1,07 | -0,63 |
| | Spanja | -6,17 | -3,35 | -1,90 | -1,80 | -2,53 | -2,61 | MIP | -7,04 | -6,17 | -3,35 | -1,90 | -1,80 | -2,53 |
| | Franza | -5,09 | -4,26 | -3,53 | -2,79 | -2,74 | -2,39 | EDP/MIP | -5,50 | -4,69 | -3,86 | -3,13 | -2,39 | -2,34 |
| | L-Italja | -3,27 | -1,28 | -0,87 | -1,06 | -0,98 | -1,50 | EDP/Awditu Semestru Ewropew (SE) | -3,27 | -3,27 | -1,28 | -0,87 | -1,06 | -0,98 |
| | Ċipru | -5,50 | -5,14 | -1,69 | 2,02 | 0,35 | 0,22 | EDP | -5,06 | -5,50 | -5,14 | -1,69 | 2,02 | 0,35 |
| | Malta | -2,78 | -3,65 | -2,47 | -2,39 | -2,09 | -1,65 | EDP | -4,02 | -2,78 | -3,65 | -2,47 | -2,39 | -2,09 |
| | Is-Slovenja | -4,79 | -2,13 | -2,16 | -2,75 | -2,69 | -2,48 | MIP | -4,55 | -4,79 | -2,13 | -2,16 | -2,75 | -2,69 |
| | Il-Bulgarija | -1,87 | -0,48 | -0,76 | -2,48 | -2,56 | -2,43 | MIP | -1,51 | -0,87 | 0,52 | 0,24 | -1,48 | -1,56 |
| | Ir-Repubblika Ċeka | -2,63 | -1,48 | 0,08 | -0,78 | -1,96 | -1,42 | EDP | -3,06 | -1,63 | -0,48 | 1,08 | 0,22 | -0,96 |

Sors: *Data* tal-Kummissjoni (Parti preventiva - previżjoni tal-ħarifa 2015)
* Distanza mill-OTM (Negattiva = SB taħt l-OTM, Pożittiva = SB ogħla mill-OTM)
** Abbażi ta' *data* prevista
[kulur blu] Taħt il-Parti preventiva
[kulur roża] L-OTM ma ntlaħaqx skont il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2015

***ANNESS II***

**RIŻULTATI DWAR L-ISTATI MEMBRI FIL-KAMPJUN TAL-AWDITJAR**

1. Aħna awditjajna kampjun ta’ sitt Stati Membri, billi analizzajna l-valutazzjoni tal-PSK imwettqa mill-Kummissjoni, id-Dokumenti ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, is-CSRs, u diversi dokumenti ta’ ħidma relatati. Wettaqna wkoll żjarat ta’ informazzjoni fl-Istati Membri fil-kampjun biex niġbru feedback dwar il-proċess, il-qafas tar-regoli, u s-sorveljanza tal-politiki fiskali kkoordinata fil-livell tal-UE.

***Dokumenti ppreżentati mill-Istati Membri (PSK)***

2. Aħna sibna li ġeneralment il-PSK jindirizzaw ħafna mir-rekwiżiti tar-Regolament u tas-CoC f’termini tal-informazzjoni pprovduta. Huma kienu jinkludu informazzjoni dwar l-objettivi baġitarji u l-miżuri li ttieħdu biex dawn jintlaħqu, kif ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li ttieħdu biex tittejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi u tinkiseb sostenibbiltà fuq terminu twil. Madankollu, il-miżuri fiskali mhux dejjem huma ppreżentati b’mod strutturat biżżejjed li jippermetti fehim ċar tad-dettalji tagħhom (eż. l-impatt finanzjarju stmat, it-tipoloġija, l-istatus, eċċ.). Dan kemm-il darba ġie rrimarkat fil-premessi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill (ara t-***Tabella 1***).

**Tabella 1 – Premessi fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwalità u l-livell ta’ informazzjoni dwar il-miżuri li jinsabu fil-PSK ippreżentati mill-Istati Membri fil-kampjun**

| | Premessi fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill | | |
|---|---|---|---|
| | 2015 | 2016 | 2017 |
| AT | (8) … il-miżuri biex jappoġġaw il-miri tad-defiċit ippjanati mill-2016 ’il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed … | (6) … il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu sostnuti l-miri ppjanati b’rabta mad-defiċit mill-2017 ’il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed … | |
| BE | (8) … il-miżuri meħtieġa sabiex jitwieżnu l-miri tad-defiċit ippjanati mill-2016 ’il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed … | (6) … il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu sostnuti l-miri ppjanati b’rabta mad-defiċit mill-2017 ’il | (6) … il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2018 ’il hemm ma ġewx speċifikati … |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed … | |
| HU | (8) … Miżuri li jappoġġaw il-miri ta' defiċit ippjanati mill-2016 'il quddiem ma ġewx speċifikati b'mod suffiċjenti, b'mod partikolari lil hinn mill-2016 … | (6) … Il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu sostnuti l-miri ppjanati b'rabta mad-defiċit mill-2017 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed, b'mod partikolari għal wara l-2017 | |
| FI | | (6) … Il-miżuri meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju sal-2019 ma ġewx speċifikati biżżejjed. | |
| IT | (12)…Il-gvern għad irid jispeċifika t-tnaqqis tal-infiq addizzjonali li se jippremettilu li jevita l-implimentazzjoni taż-żieda leġiżlata tal-VAT fl-2016. | | |

*Sors:* Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill 2015-2017.

***Valutazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fuq il-programmi ppreżentati mill-Istati Membri***

3. Aħna sibna li ġeneralment l-Istati Membri jippreżentaw il-PSK tagħhom fi ħdan il-perjodu ta' żmien stipulati, u li l-uffiċċji tal-pajjiżi tad-DĠ ECFIN għandhom perjodu ta' żmien relattivament qasir biex janalizzaw fid-dettall il-PSK li jirċievu (ara t-***Tabella 2***).

**Tabella 2 - Id-dati tal-preżentazzjonijiet tal-PSK u d-dati tal-pubblikazzjoni tal-SWD (2015-2017) għall-Istati Membri fil-kampjun**

| | 2015 | | | 2016 | | | 2017 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Data tal-preżentazzjoni tal-PSK | Data tad-dokument ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni | Iż-żmien li għadda (f'jiem kalendarji) | Data tal-preżentazzjoni tal-PSK | Data tad-dokument ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni | Iż-żmien li għadda (f'jiem kalendarji) | Data tal-preżentazzjoni tal-PSK | Data tad-dokument ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni | Iż-żmien li għadda (f'jiem kalendarji) |
| **AT** | 21/4 | 27/5 | *36* | 27/4 | 26/5 | *29* | 2/5 | 23/5 | *21* |
| **BE** | 30/4 | | *27* | 29/4 | | *27* | 28/4 | | *25* |
| **FI** | 2/4 | | *55* | 14/4 | | *42* | 28/4 | | *25* |
| **HU** | 30/4 | | *27* | 29/4 | | *27* | 02/5 | | *21* |
| **IT** | 28/4 | | *29* | 28/4 | | *28* | 27/4 | | *26* |
| **NL** | 30/4 | | *27* | 28/4 | | *28* | 26/4 | | *27* |

*Sors:* L-eżaminar tal-PSK u tad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal, imwettaq mill-QEA.

4. It-tħejjija tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tiddependi, madankollu, fuq proċess ta' skambju ta' informazzjoni, li jibda fi stadju aktar bikri taċ-ċiklu annwali, li jinkludi skambji ta' informazzjoni f'laqgħat bilaterali li jiġu organizzati ferm minn qabel il-preżentazzjoni tal-PSK. Ix-xogħol tal-uffiċċji tal-pajjiżi huwa kkomplementat mill-Uffiċjali tas-Semestru Ewropew li jaħdmu fir-rappreżentanzi tal-UE fl-Istati Membri. Dawn l-Uffiċjali jikkollegaw mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u jimmonitorjaw mill-qrib l-iżviluppi fiskali u baġitarji prinċipali f'kull Stat Membru.

***Rilevanza tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi***

5. Aħna eżaminajna jekk is-CSRs humiex konsistenti mal-konklużjonijiet li l-Kummissjoni tislet mill-valutazzjonijiet tagħha. B'mod ġenerali, is-CSRs fiskali huma konformi mar-riżultati tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni (ara t-***Tabella 3***).

**<u>Tabella 3</u> – Kontroll tal-konsistenza bejn is-CSRs u l-valutazzjonijiet sottostanti tal-Kummissjoni għall-Istati Membri fil-kampjun (2015-2017)**

| Stat Membru | Sena t | | Valutazzjoni tal-Kummissjoni<br><br>L-aġġustament meħtieġ korrett (is-snin t / t+1) | Premessa / Rakkomandazzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|
| AT | 2015 | | 0.3 % | Premessa | (8) … 0.3 % tal-aġġustament strutturali tal-PDG meħtieġa sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' terminu medju |
| | 2016 | | 0.3 % | Rakkomandazzjoni | (1) … jinkiseb aġġustament fiskali ta' 0.3 % tal-PDG fl-2017 |
| | 2017 | | 0.3 % | Premessa | (8) …jinkiseb aġġustament fiskali annwali ta' 0.3 % tal-PDG fl-2017 |
| BE | 2015 | | 2015: 0.6 %<br><br>2016: 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) Jinkiseb aġġustament fiskali ta' mill-inqas 0.6 % tal-PDG għall-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2015 u fl-2016 |
| | 2016 | | 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) … jinkiseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0.6 % tal-PDG |
| | 2017 | | 0.6 % | Premessa | (10) …dak l-aġġustament … ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' mill-inqas 0.6 % tal-PDG |
| FI | 2015 | | 2015: 0.1 %<br><br>2016: 0.5 % | Rakkomandazzjoni | (1) Jinkiseb aġġustament fiskali ta' mill-inqas 0.1 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2015 u ta' 0.5 % tal-PDG fl-2016 |

| Stat Membru | Sena t | | Valutazzjoni tal-Kummissjoni<br>L-aġġustament meħtieġ korrett (is-snin t / t+1) | Premessa / Rakkomandazzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2016 | | 2016: 0.5 %<br>2017: 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) Jinkiseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u 0.6 % fl-2017 |
| | 2017 | | 0.1 % | Premessa | (12) … li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0.1 % tal-PDG |
| HU | 2015 | | 2015: 0.5 %<br>2016: 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) Jinkiseb aġġustament fiskali ta' 0.5 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2015 u ta' 0.6 % tal-PDG fl-2016 |
| | 2016 | | 2016: 0.3 %<br>2017: 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) … jinkiseb aġġustament fiskali annwali ta' 0.3 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u ta' 0.6 % tal-PDG fl-2017 |
| | 2017 | | 1.0 % | Premessa | (8) …dak l-aġġustament … ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 1.0 % tal-PDG |
| IT | 2015 | | 2015: 0.3 %<br>2016: 0.1 % | Rakkomandazzjoni | (1) Jinkiseb aġġustament fiskali ta' mill-inqas 0.25 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2015 u ta' 0.1 % tal-PDG fl-2016 |

| Stat Membru | Sena t | | Valutazzjoni tal-Kummissjoni<br>L-aġġustament meħtieġ korrett (is-snin t / t+1) | Premessa / Rakkomandazzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2016 | | 2016: 0.25 %<br>2017: 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) … li jinkiseb aġġustament fiskali annwali ta’ 0.6 % jew aktar tal-PDG |
| | 2017 | | 0.6 % | Premessa | (10) …dak l-aġġustament … jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta’ mill-inqas 0.6 % tal-PDG |
| NL | 2015 | | 2015: -0.3 %<br>2016: -0.2 % | Ebda | |
| | 2016 | | 0.6 % | Rakkomandazzjoni | (1) … jikseb aġġustament fiskali annwali ta’ 0.6 % tal-PDG fl-2017 |
| | 2017 | | Konformi | Ebda | |

*Sors:* Id-Dokumenti ta’ Ħidma tal-Persunal u s-CSRs għall-Istati Membri fil-kampjun (2015-2017).

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI[1]

## "L-OBJETTIV EWLIENI TAL-PARTI PREVENTIVA TAL-PATT TA' STABBILTÀ U TKABBIR QIEGĦED JINTLAĦAQ?"

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Ir-rwol tal-parti preventiva huwa li tikseb is-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li tipprevedi l-possibbiltà għal modulazzjoni tal-politiki fiskali fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. Fil-qalba tal-parti preventiva, l-Objettiv Baġitarju ta' Terminu Medju (OTM) iħaddem din il-ħtieġa ta' bilanċ tal-politika fiskali prudenti bbażata fuq terminu medju u twil filwaqt li jiffaċilita t-tħaddim tal-istabbilizzaturi awtomatiċi. Peress li l-istruttura tal-OTM hija fissa, din tippermetti movimenti regolari fil-bilanċ fiskali kkawżati miċ-ċiklu ekonomiku. Għaldaqstant il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom funzjoni essenzjali li jiżguraw li l-Istati Membri jkomplu jagħmlu progress kostanti lejn l-OTM tagħhom biex ikun jista' jsir it-titjib meħtieġ fis-sostenibbiltà tad-dejn u fil-makrostabbilizzazzjoni.

L-Artikolu 6(3) tar-Regolament ġustament jirrikonoxxi li firxa usa' ta' elementi tiddetermina s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu medju, inkluż, pereżempju, il-ħtieġa li jiġi evitat aġġustament fiskali kontroproduttiv meta l-pożizzjoni ċiklika tal-ekonomija tkun dgħajfa, ir-rwol ta' riformi strutturali u ta' investiment fiż-żieda tat-tkabbir potenzjali u l-ħtieġa li jkunu permessi avvenimenti barra l-kontroll tal-gvern. Dawn il-fatturi kollha huma speċifikament previsti fir-Regolament.

Ir-Regolament jipprevedi wkoll livell permissibbli ta' devjazzjoni mir-rekwiżiti annwali, li jirrikonoxxi l-inċertezza inerenti fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-politika li jistgħu jwasslu biex Stat Membru ma jilħaqx il-mira tiegħu minħabba kwistjonijiet barra mill-kontroll tal-gvern. Għalkemm il-QEA tidher li hija mħassba dwar il-fatt li dan il-marġni qed ikun sfruttat b'mod persistenti minn xi Stati Membri, ara l-paragrafu XII u r-Rakkomandazzjoni 1(a), madankollu l-istipulazzjoni tiegħu fir-Regolament teħtieġ li l-Kummissjoni tippermetti tali devjazzjoni.

Għalkemm il-PST jirregola l-imġiba tal-politika fiskali għall-Istati Membri taħt il-parti preventiva, huwa importanti li ntennu li l-politika baġitarja fl-aħħar mill-aħħar hija fil-kompetenza tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ovvjament għandha rwol ewlieni fl-infurzar tal-PST, b'mod partikolari permezz tal-valutazzjoni tagħha ta' jekk il-politiki tal-Istati Membri humiex qegħdin jitwettqu skont l-obbligi tagħhom taħt ir-Regolament. Il-leġiżlazzjoni ma tistax realistikament tikkodifika kull aspett possibbli tat-tfassil ta' politika makroekonomika u baġitarja li jista' jkun rilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli fiskali u għalhekk tħalli spazju għall-Kummissjoni u l-Kunsill sabiex jittrattaw sitwazzjonijiet speċifiċi.

Sabiex tiffaċilita l-valutazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni żviluppat korp kbir ta' proċeduri u metodoloġiji. Dawn huma meħtieġa kemm biex tiġi pprovduta prevedibbiltà lill-Istati Membri dwar kif il-Kummissjoni se tevalwa l-konformità u biex tkun żgurata konsistenza orizzontali f'dawn il-valutazzjonijiet. F'każijiet bħal dawn fejn il-Kummissjoni teżerċita d-diskrezzjoni tagħha meta tagħmel il-valutazzjonijiet tagħha, hija tagħmel ħilitha biex tagħmel dan b'mod trasparenti u ordnat, f'konsultazzjoni sħiħa mal-Istati Membri (permezz tal-kumitati rilevanti, eż. ECOFIN, KEF).

[1] It-tweġibiet tal-Kummissjoni jirriflettu d-diskussjonijiet mal-QEA sat-22 ta' Mejju 2018.

Fl-aħħar mill-aħħar, filwaqt li l-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mal-parti preventiva, l-infurzar tar-regoli huwa kompetenza kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill, bl-iffissar tar-rekwiżiti fiskali tal-Istati Membri u kwalunkwe konsegwenza proċedurali sussegwenti li tkun teħtieġ l-adozzjoni mill-Kunsill ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Minn meta daħal fis-seħħ il-Pakkett dwar il-governanza ekonomika, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet taħt il-parti preventiva mingħajr modifiki sostantivi.

Il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-flessibilità inkorporata fil-parti preventiva kien proporzjonat, xieraq u ekonomikament ġustifikat, fid-dawl tan-natura unika tal-kriżi, li wasslet għal deterjorament fil-fond tal-finanzi pubbliċi fil-livelli kollha. Fil-fatt, filwaqt li issa huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-ekonomija Ewropea qed tirkupra bil-qawwi, kien relattivament reċenti li l-karatteristiċi mhux tas-soltu tal-irkupru ħeġġew il-kawtela fl-applikazzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u oħrajn, inkluż il-President tal-BĊE, indikaw in-nuqqas ta' pressjoni inflazzjonarja, eċċess kbir fil-kont kurrenti għaż-żona tal-euro u livelli persistentement għoljin ta' qgħad f'ċerti Stati Membri bħala evidenza għall-grad kontinwu ta' majnar fl-ekonomija. Dan it-tħassib, flimkien ma' żieda fl-inċertezza ġeopolitika, ġiegħlu lill-Kummissjoni temmen li applikazzjoni prudenti tar-regoli fiskali tiżgura li aġġustamenti fiskali kbar iżżejjed ma kinux se jipperikolawx dak li kien għadu rkupru fraġli f'ħafna Stati Membri.

Għal dan il-għan, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2015 dwar kif Nagħmlu l-aħjar Użu tal-Flessibilità fir-Regoli Eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tat aktar dettalji dwar kif il-Kummissjoni se twettaq l-evalwazzjoni tagħha fi tliet oqsma ewlenin; il-modulazzjoni tar-rekwiżiti fiskali fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi, it-tħejjija għall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jtejbu s-sostenibbiltà fit-tul u t-tħejjija għall-investiment pubbliku li jżid it-tkabbir. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li taħtu l-Kummissjoni tapplika din il-flessibilità ilhom żmien twil u prinċipalment imorru lura għar-riforma tal-leġiżlazzjoni fl-2005. Għal darb'oħra, l-approċċ li ħadet il-Kummissjoni kien diskuss fit-tul mal-Istati Membri, li rriżulta fil-pubblikazzjoni fil-bidu tal-2016 ta' Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni dwar il-Flessibilità fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Simulazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni jikkonfermaw li mill-applikazzjoni tal-hekk imsejħa matriċi tar-rekwiżiti jirriżulta rekwiżit medju qrib ir-rata ta' referenza ta' 0,5 % tal-PDG. L-evalwazzjoni tat-titjib fis-sostenibbiltà marbuta mal-applikazzjoni tar-riforma strutturali u l-klawsoli dwar l-investiment se tieħu aktar żmien, minħabba li l-istess natura ta' dawn il-klawsoli tirrikonoxxi li jista' jkun hemm spejjeż fuq żmien qasir għall-implimentazzjoni ta' politiki li se jkollhom gwadann fuq terminu twil. F'dan ir-rigward, huwa ppjanat li l-applikazzjoni ta' devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament għall-Istati Membri li jimplimentaw riformi strutturali kbar jew investimenti li jtejbu t-tkabbir tista' twassal għal dewmien fil-konverġenza tal-OTM. Madankollu, biex ikun żgurat li dan l-effett ikun temporanju u fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal titjib fit-tul tas-sostenibbiltà fiskali, ġew stabbiliti diversi salvagwardji importanti. B'mod partikolari, hemm kriterji ta' eliġibbiltà stretti li Stat Membru jrid jissodisfa sabiex tingħata l-klawsola, inkluż li jibqa' fil-parti preventiva, li jżomm marġni ta' sigurtà sal-limitu ta' 3 % tal-PDG, li jkun f'1,5 % tal-PDG mill-OTM meta japplika għall-klawsola u għadd ta' rekwiżiti ta' implimentazzjoni speċifiċi għal kull klawsola.

Għaldaqstant il-Kummissjoni tirrifjuta l-konklużjoni tal-QEA li l-Kummissjoni ma żguratx li jintlaħaq l-għan ewlieni tar-Regolament. Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni tapplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament flimkien mal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha grad ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-parti preventiva meta tagħmel il-valutazzjonijiet tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kkunsidrat li, f'għadd limitat ħafna ta' każijiet eċċezzjonali, huwa aktar prudenti li jsir żball minħabba l-kawtela meta jitqies l-impatt ta' konsolidazzjoni fiskali kbira fuq it-tkabbir ekonomiku. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li applikazzjoni aktar mekkanika tar-regoli, li ma tqisx ir-riskji prevalenti għall-irkupru ekonomiku, tista' finalment tirriżulta kontroproduttiva. F'dan ir-rigward, huwa notevoli li l-approċċ tal-

Kummissjoni kien approvat b'mod wiesa' mill-Bord Fiskali Ewropew fir-Rapport Annwali tiegħu tal-2017, li sab li applikazzjoni riġida tar-regoli setgħet iddgħajjef il-kontinwazzjoni ta' rkupru li għadu fraġli.

Inġenerali, il-pożizzjoni fiskali tjiebet b'mod kostanti matul l-aħħar snin, bl-għadd ta' Stati Membri taħt il-parti korrettiva jonqos b'mod sinifikanti u d-dejn issa beda fit-triq tan-niżla kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro. Naturalment, ir-regoli fiskali mhumiex perfetti u hemm tħassib leġittimu dwar iż-żieda fil-kumplessità tal-parti preventiva. Għaldaqstant il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli tipprova ttejjeb il-funzjonament tal-parti preventiva u hija lesta li tikkunsidra kwalunkwe proposta ġġustifikata u li tqis kemm il-kuntest ekonomiku kif ukoll il-perspettiva xierqa fuq terminu medju.

III. Il-Kummissjoni tinnota li l-parti korrettiva tal-PST hija rregolata minn Regolament differenti minn dak tal-parti preventiva. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li l-QEA dan l-aħħar għamlet awditu sħiħ separat tal-parti korrettiva, bir-rapport dwar il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv ippubblikat f'April tal-2016.

IV. Il-Kummissjoni tapplika l-qafas legali li ġie miftiehem mill-koleġiżlaturi. Ir-Regolament la jipprovdi u lanqas jista' jipprovdi l-livell ta' dettall meħtieġ biex jiġi implimentat kull aspett tal-qafas u l-Kummissjoni trid tiddeċiedi kif se tħaddem id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi. F'ċerti każijiet fejn il-Kummissjoni teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, hija tipprova tagħmel dan b'mod trasparenti u ordnat, f'konsultazzjoni sħiħa mal-Istati Membri permezz tal-kumitati rilevanti, eż. l-ECOFIN, il-KEF eċċ. Fil-fatt, l-infurzar tal-parti preventiva huwa kompetenza kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill, li approva r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni speċifiċi għall-pajjiżi, inklużi dawk li fihom ingħataw kopertura taħt l-hekk imsejħa klawsoli ta' flessibbiltà.

V. Il-Kummissjoni tirrifjuta l-konklużjoni tal-QEA li "l-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet operatorji tagħha ma jiżgurawx li l-għan ewlieni tar-Regolament ikun sodisfatt". L-ewwel nett, l-infurzar tal-PST huwa kompetenza kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill, li approva r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kollha tal-Kummissjoni. It-tieni, l-għan ewlieni tar-Regolament huwa li l-Istati Membri jsegwu politiki fiskali prudenti fuq terminu medju, li jitħaddmu permezz tal-kisba tal-OTM jew tal-aġġustament fid-direzzjoni tiegħu. Madankollu, ir-Regolament jirrikonoxxi l-kuntest usa' tas-sostenibbiltà fuq terminu medju, inkluż, pereżempju, il-ħtieġa li jiġi evitat aġġustament fiskali kontroproduttiv meta l-pożizzjoni ċiklika tal-ekonomija tkun dgħajfa, ir-rwol ta' riformi strutturali u ta' investiment fiż-żieda tat-tkabbir potenzjali u l-ħtieġa li jkunu permessi avvenimenti barra l-kontroll tal-gvern. Dawn il-fatturi kollha huma speċifikament ipprovduti fir-Regolament. Ir-riżultati tal-analiżi tal-QEA jeħtieġ li jkunu vvalutati fl-isfond tal-kundizzjonijiet ekonomiċi speċifiċi preżenti f'dawn l-aħħar snin, inklużi l-legati importanti mill-kriżi.

VI. Il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-flessibilità mibnija fil-parti preventiva kien proporzjonat, xieraq u ekonomikament ġustifikat. Filwaqt li issa huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-ekonomija Ewropea qed tirkupra bil-qawwi, kien relattivament reċenti li l-karatteristiċi mhux tas-soltu tal-irkupru ħeġġew il-kawtela fl-applikazzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali minħabba l-evidenza ta' majnar kontinwu fl-ekonomija. Dan it-tħassib ġiegħel lill-Kummissjoni temmen li applikazzjoni prudenti tar-regoli fiskali tiżgura li aġġustamenti fiskali kbar iżżejjed ma jipperikolawx dak li kien għadu rkupru fraġli f'ħafna Stati Membri. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni enfasizzat b'mod konsistenti l-ħtieġa li l-Istati Membri b'dejn għoli jieħdu miżuri sabiex itejbu s-sostenibbiltà tagħhom, u għadd ta' dispożizzjonijiet ta' flessibilità mħaddma mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Jannar 2015 huma mfassla biex jagħmlu proprju dan.

Għaldaqstant il-Kummissjoni tirrifjuta l-konklużjoni tal-QEA li hija dgħajfet aktar il-qafas billi applikat id-diskrezzjoni tagħha. F'għadd limitat ħafna ta' każijiet eċċezzjonali, il-Kummissjoni

kkunsidrat li huwa aktar prudenti li jsir żball minħabba l-kawtela meta jitqies l-impatt ta' konsolidazzjoni fiskali kbira fuq it-tkabbir ekonomiku. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li applikazzjoni aktar mekkanika tar-regoli, li ma tqisx ir-riskji prevalenti għall-irkupru ekonomiku, seta' kellha riżultati kontroproduttivi.

VII. Id-devjazzjoni temporanja taħt il-klawsola tar-riforma strutturali qatt ma kienet marbuta mal-ispejjeż baġitarji attwali tar-riforma u r-Regolament ukoll ma jipprevedix tali rabta, b'mod partikolari peress li jista' jkun diffiċli li jitkejlu dawk l-ispejjeż u/jew jista' jkollhom impatt fiskali dirett limitat. Fil-fatt, jista' jkun hemm riformi strutturali ta' benefiċċju kbir li ma joħolqux spejjeż baġitarji diretti sinifikanti iżda madankollu jġorru spejjeż ekonomiċi jew politiċi sostanzjali, pereżempju riformi fis-suq tax-xogħol jew riformi ġudizzjarji.

Id-disinn tekniku tad-devjazzjoni temporanja mill-OTM jew mill-perkors ta' aġġustament ifisser li n-nefqa tiżdied skont il-linja bażi (jiġifieri l-perkors tan-nefqa fl-assenza ta' devjazzjoni temporanja) kull sena sakemm jintlaħaq l-OTM. Dan id-disinn tad-devjazzjoni kien miftiehem mal-Kunsill, sabiex jiġi evitat li jinħoloq mudell stop-start ta' aġġustament fiskali u biex jiġi żgurat trattament ugwali għall-Istati Membri kollha skont kemm qegħdin 'il bogħod mill-OTM. Sakemm l-ispejjeż assoċjati ma jkunux ta' darba, il-kumpens meħtieġ biex l-infiq jitreġġa' lura fit-trajettorja oriġinali fis-sena wara l-applikazzjoni tal-klawsola jimplika aġġustament fiskali addizzjonali minbarra r-rekwiżit standard tal-Istat Membru f'dik is-sena li jnaqqas b'mod sinifikanti l-inċentiv għal riformi strutturali li l-klawsola hija intenzjonata li tipprovdi.

Il-konklużjoni tal-QEA li l-impatt kumulattiv tal-allokazzjonijiet potenzjali kollha huwa dewmien twil biex jintlaħaq l-OTM hija ġeneralizzazzjoni li tirrelata biss ma' eżempju iżolat ta' Stat Membru speċifiku. Fil-każ ta' referenza, fejn Stat Membru jinsab fil-perkors ta' aġġustament fid-direzzjoni tal-OTM, l-impatt finali huwa sempliċiment li tiġi ttardjata l-kisba tal-OTM b'sena.

VIII. Il-Kummissjoni temmen li l-parti korrettiva kumplessivament marret tajjeb f'dawn l-aħħar snin, kif jidher mill-fatt li n-numru ta' Stati Membri taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv niżel minn 24 fl-2011 għal tlieta biss fl-2017. Madankollu, huwa korrett li l-Istati Membri li jissodisfaw il-miri tad-defiċit ewlenin taħt il-parti korrettiva mhumiex se jiffaċċjaw konsegwenzi proċedurali jekk ma jilħqux il-miri strutturali tagħhom. Dan jirrifletti n-natura nominali inerenti tal-parti korrettiva, fejn proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP) fl-aħħar mill-aħħar tiġi abrogata abbażi li d-defiċit ewlieni jinġieb taħt it-3 % tal-PDG, minkejja l-pożizzjoni strutturali.

Il-Kummissjoni ressqet opzjonijiet sabiex tirrettifika din l-anomalija billi tippermetti li jiqsaru l-iskadenzi tal-EDP meta l-kundizzjonijiet ċikliċi jitjiebu, iżda dan is-suġġeriment ma kienx appoġġat mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tilqa' l-possibbiltà li terġa' teżamina din il-kwistjoni u tibni appoġġ għal proposti fost l-Istati Membri.

IX. Il-Kummissjoni ma taqbilx mat-tħassib tal-QEA "li l-qafas tal-PST imdgħajjef ma jistax jiżgura l-progress fid-direzzjoni tal-OTM f'ħafna Stati Membri b'dejn għoli." peress li għadd ta' Stati Membri li għalihom qed tirreferi l-QEA kienu taħt il-parti korrettiva matul il-perjodu inkwistjoni. L-attenzjoni tal-EDP hija fuq il-kisba tal-limitu ta' defiċit ewlieni ta' 3 % speċifikat fit-Trattat. L-infurzar tal-Kummissjoni u tal-Kunsill tal-parti korrettiva għaldaqstant kien konformi mat-Trattat u, barra minn hekk, wassal għal tnaqqis kostanti fl-għadd ta' Stati Membri taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv mill-2014.

Fl-aħħar nett, l-attenzjoni tal-QEA fuq dawn l-Istati Membri hija wkoll selettiva, peress li injorat kemm l-għadd kbir ta' Stati Membri li waslu fl-OTM tagħhom jew qegħdin joqorbu lejh taħt il-parti preventiva kif ukoll l-Istati Membri li għandhom dejn kbir, bħal Ċipru u l-Irlanda, li għamlu progress tajjeb.

X. Il-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza (SCPs) tal-Istati Membri kollha u tippubblika s-sejbiet tagħha fil-valutazzjonijiet tal-SCPs.

Rigward il-miżuri fiskali, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni indipendenti u dettaljata tar-rendimenti ta' kwalunkwe miżura fiskali. Il-Kummissjoni tipprovdi aktar trasparenza u għalhekk skrutinju potenzjali billi qiegħdet għad-dispożizzjoni ta' kull pajjiż l-impatt ta' miżuri diskrezzjonarji (dħul kurrenti/kapitali kif ukoll infiq kurrenti/kapitali) u l-livell ta' miżuri ta' darba fil-bażi tad-data tal-AMECO sa mir-rebbiegħa tal-2014. Għalkemm element ta' ġudizzju huwa inevitabbli f'każ partikolari, il-Kummissjoni temmen li l-ġbir ta' informazzjoni wiesgħa jipprovdi kontroll kontra kwalunkwe preġudizzju jew ineżattezza sistematika.

Madankollu, il-Kummissjoni taċċetta li kien hemm lok għal titjib f'termini ta' trasparenza fuq l-istima tal-miżuri fiskali u, għal dak l-għan, daħlet f'diskussjonijiet intensivi mal-Istati Membri matul l-2017 sabiex ittejjeb l-eżattezza u t-trasparenza tal-valutazzjonijiet ta' dawn il-miżuri.

XI. Il-Kummissjoni qiegħda kontinwament tipprova ttejjeb il-komunikazzjoni tar-raġuni fundamentali wara r-rakkomandazzjonijiet tagħha u se tikkunsidra proposti speċifiċi mill-QEA. Il-Kummissjoni se tikkunsidrahom ukoll flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni rilevanti mill-QEA fi tmiem l-awditu tagħha tas-Semestru Ewropew.

XII. Il-Kummissjoni ma taqbilx li d-disinn tal-qafas għandu bżonn isir aktar strett. B'mod speċifiku, il-Kummissjoni ma taċċettax l-ewwel rakkomandazzjoni peress li r-Regolament 1466/97 b'mod espliċitu jipprevedi 0,25 % tal-marġni permissibbli ta' devjazzjoni tal-PDG u l-Kummissjoni ma tistax timponi restrizzjonijiet, jiġifieri fuq l-akkumulu ta' devjazzjonijiet mhux sinifikanti, li jikkonfliġġu mar-Regolament. Barra minn hekk, id-devjazzjoni ta' 0,25 % hija preskritta mir-Regolament sabiex jitqiesu d-diffikultà tal-komputazzjonijiet tal-bilanċ strutturali u l-inċertezza inerenti fit-tfassil tal-politika u l-eżekuzzjoni baġitarja. Dawn il-fatturi jistgħu jwasslu biex Stat Membru jiddevja mill-mira tiegħu minħabba kwistjonijiet barra mill-kontroll tal-gvern.

Rigward il-matriċi, il-kategorizzazzjoni tal-parametri diġà tistabbilixxi rekwiżiti ogħla għall-Istati Membri li għandhom ħafna dejn. Minkejja dan, bħala parti minn reviżjoni usa' tal-użu tal-flessibilità meħtieġa taħt il-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina l-effikaċja tal-matriċi, inklużi d-diversi rekwiżiti.

Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel li d-dispożizzjonijiet tal-klawsola tal-avvenimenti mhux tas-soltu għandhom japplikaw biss għal spejjeż direttament relatati mal-avvenimenti inkwistjoni, ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni li d-devjazzjoni temporanja taħt il-klawsola tar-riforma strutturali għandha tkun direttament marbuta mal-ispejjeż peress li tqis li l-aġġustament meħtieġ idgħajjef l-effettività tal-klawsola tar-riforma strutturali. Id-devjazzjoni temporanja taħt il-klawsola tar-riforma strutturali mhijiex marbuta direttament mal-ispejjeż baġitarji attwali tar-riforma peress li ċerti riformi strutturali ta' benefiċċju mhux dejjem joħolqu spejjeż baġitarji diretti sinifikanti, filwaqt li riformi bħal dawn iġorru spejjeż ekonomiċi jew politiċi sostanzjali.

XIII. Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-akkumulu mill-Istati Membri tal-marġni permissibbli għal devjazzjoni ta' 0,25% tal-PDG jista' jkun indirizzat fil-qafas legali eżistenti, peress li din id-dispożizzjoni hija speċifikament prevista fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1466/97. Għaldaqstant il-Kummissjoni hija mħassba li kwalunkwe tfassil mill-ġdid sistematiku tal-matriċi f'dan il-mod jista' jitqies bħala mezz biex jiġi evitat il-marġni pprovdut fir-Regolament.

XIV. In-natura intrinsikament nominali tal-EDP, bl-attenzjoni tagħha fuq il-limitu tad-defiċit ewlieni ta' 3 %, tillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tinforza l-miri strutturali taħt il-parti korrettiva. Fil-passat il-Kummissjoni ressqet opzjonijiet sabiex tiżgura li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' aġġustament strutturali taħt il-parti korrettiva, speċifikament billi ħasbet għal reviżjoni tar-

rakkomandazzjoni tal-EDP f'każijiet ta' sorpriżi ekonomiċi pożittivi relatati max-xenarju sottostanti għar-rakkomandazzjoni inizjali, iżda l-Istati Membri ma appoġġawx dan is-suġġeriment.

Madankollu, il-Kummissjoni hija lesta li terġa' teżamina din il-kwistjoni u tibni appoġġ għal proposti bħal dawn fost l-Istati Membri.

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-paragrafu VIII.

XV. Mill-2017 il-Kummissjoni kienet impenjata mal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' proċess li jipprova jtejjeb l-eżattezza u t-trasparenza tal-istima tal-miżuri fiskali. Il-Kummissjoni hija lesta li temenda l-Kodiċi ta' Kondotta biex jirrifletti kull bidla minn dan il-proċess, jekk l-Istati Membri jaqblu. Madankollu, ikun importanti li kwalunkwe bidla bħal din tiddistingwi bejn in-natura differenti tal-miżuri tad-dħul u tan-nefqa. L-indikaturi użati fil-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-konformità huma bbażati fuq l-aktar tbassir reċenti tal-Kummissjoni u l-aħħar *data* validata tal-Eurostat.

Ir-rekwiżiti fiskali huma stabbiliti sena bil-quddiem sabiex l-Istat Membru jkun jista' jifformula l-politika baġitarja tiegħu. Ir-rekwiżiti huma bbażati fuq l-aktar sena inizjali favorevoli biss f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-bogħod sal-OTM, filwaqt li r-rekwiżiti tal-matriċi jiġu aġġornati biss f'għadd limitat ta' ċirkustanzi ġġustifikati tajjeb abbażi tal-prinċipji ta' tneħħija tal-iffriżar.

XVI. Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

## OSSERVAZZJONIJIET

25. Għalkemm fir-Regolament il-kunċett ta' żminijiet eċċezzjonalment ħżiena ma jidhirx, lanqas ħafna mill-kategoriji l-oħrajn ma jidhru. Fil-fatt, ir-Regolament isemmi biss żminijiet tajbin u ħżiena, u lanqas biss jirreferi għall-possibbiltà ta' żminijiet normali. Dan jirrifletti r-realtà li r-Regolament la jipprovdi u lanqas jista' jipprovdi l-livell ta' dettall meħtieġ biex jiġi implimentat kull aspett tal-qafas u l-Kummissjoni trid tiddeċiedi kif se tħaddem id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi. Ir-raġuni għaliex ma jintalab l-ebda aġġustament f'dawn iċ-ċirkustanzi hija li l-impożizzjoni ta' miżura ta' konsolidazzjoni fiskali meta l-kundizzjonijiet ċikliċi jkunu tant dgħajfin tista' tirriżulta kontroproduttiva, jiġifieri l-impatt negattiv fuq l-attività jista' jirriżulta f'eżitu baġitarju agħar.

26. Il-matriċi mhijiex maħsuba biex tippermetti tnaqqis fil-bilanċ strutturali waqt reċessjonijiet qawwija. Għalkemm għal sitwazzjonijiet ta' rati ta' tkabbir negattivi, il-matriċi tuża l-kliem "ebda aġġustament meħtieġ", fil-prattika dan ifisser li r-rekwiżit tal-bilanċ strutturali huwa ffissat għal 0.

27. Il-QEA ma tindikax kif tista' tiġi implimentata differenzjazzjoni aktar konsistenti tal-kategorizzazzjonijiet tal-matriċi. Madankollu, ir-rekwiżit għal aġġustament ogħla minn 0,5 % tal-PDG dejjem ġie implimentat bħala 0,6 % tal-PDG, b'ebda aġġustament ogħla minn dan ma jiġi rrakkomandat fi żminijiet normali. Għal darb'oħra, għandu jkun innotat li l-kategorizzazzjoni ta' kundizzjonijiet ċikliċi misjuba fil-matriċi kienet proposta mill-Kummissjoni iżda kien hemm qbil sħiħ mill-Istati Membri permezz tal-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni dwar il-Flessibilità.

28. Il-Kummissjoni tqis li d-differenzjazzjoni fil-matriċi indikata mill-QEA mhijiex inkonsistenti.

Bl-eċċezzjoni ta' kategoriji ta' żminijiet ħżiena ħafna u eċċezzjonalment ħżiena, l-aġġustamenti huma miġbura madwar il-punt ta' riferiment ta' 0,5 % sabiex il-matriċi ma titbiegħedx iżżejjed mir-Regolament. Id-disinn tal-livell ta' aġġustament fil-kategoriji jirrifletti żewġ fatturi prattiċi oħrajn. L-ewwel, jekk il-livell minimu ta' granularità huwa aċċettat li huwa 0,1 % tal-PDG, hemm grad limitat ta' differenzjazzjoni li jista' jinkiseb filwaqt li wieħed jibqa' f'parametri raġonevoli tal-punt ta' riferiment. It-tieni, il-Kummissjoni riedet tevita li toħloq effetti ta' limitu kbar wisq, sabiex tevita sitwazzjoni fejn reviżjonijiet żgħar għal dak li fl-aħħar mill-aħħar huwa varjabbli inosservabbli, jiġifieri l-marġni tal-potenzjal tal-output, iwasslu għal bidliet kbar fil-preskrizzjoni għall-istrateġija baġitarja tal-Istati Membri. It-tielet, l-osservazzjoni tidher li tħallat it-tweġibiet tal-

Kummissjoni b'rabta mal-ispejjeż politiċi potenzjali assoċjati ma' riformi strutturali mar-raġunament sottostanti għall-matriċi deskritta hawn fuq.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-affermazzjoni li meta t-tkabbir ikun aktar mgħaġġel mill-potenzjal huwa ż-żmien ideali biex jiġu implimentati r-riformi, għandu jkun innutat li taħt il-kategorija ta' żminijiet ħżiena, il-livell tal-marġni tal-potenzjal tal-output jista' jibqa' baxx sa -3 %, li jindika li għalkemm il-marġni tal-potenzjal tal-output qed jonqos (jiġifieri t-tkabbir qed jaqbeż il-potenzjal), l-ekonomija għadha f'pożizzjoni ċiklika diffiċli.

29. Il-Kummissjoni għamlet analiżi meta ffissat il-parametri għall-matriċi. Il-matriċi hija bbażata fuq id-distribuzzjoni aggregata ta' marġnijiet tal-potenzjal ta' output għat-28 Stat Membru tal-UE bejn l-1986 u l-2014, skont it-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2014. Hija teskludi l-akbar marġni tal-potenzjal tal-output (negattiv) kemm mill-2009 kif ukoll mill-2010, fuq il-bażi li dawn is-snin jirriflettu l-aktar ċirkustanzi mhux tas-soltu esperjenzati fit-terminu medju tal-passat u għaldaqstant ma jistgħux jitqiesu li huma parti minn ċiklu ekonomiku tipiku. Id-distribuzzjoni storika tindika l-frekwenza li biha se tkun meħtieġa kull kategorija ta' aġġustament tal-matriċi, li għandha implikazzjonijiet ovvji biex jintlaħaq l-OTM. Simulazzjonijiet interni reċenti tal-Kummissjoni li qegħdin isiru bħala parti minn reviżjoni formali tal-flessibilità kif meħtieġ mill-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni jikkonfermaw aġġustament medju tal-matriċi bbażat fuq il-kundizzjonijiet ċikliċi ta' ftit inqas minn 0,5 % tal-PDG sa mill-2000.

30. Il-marġni ta' 0,25 % jinsab fir-Regolament u l-Kummissjoni ma tistax timponi restrizzjonijiet, jiġifieri fuq l-akkumulu ta' devjazzjonijiet mhux sinifikanti li jikkonfliġġu mar-Regolament.

Tabilħaqq, il-lingwa fir-rapport tal-EFB hija partikolarment ambigwa fir-rigward tal-ħtieġa għal bidla fil-leġiżlazzjoni sabiex jiġu introdotti l-proposti tiegħu biex jitqiegħed limitu fuq l-effett ta' devjazzjonijiet multipli.

31. Il-Kummissjoni ma taqbilx li meta tuża d-diskrezzjoni tagħha fil-valutazzjonijiet li tagħmel, speċifikament biex tapplika ġudizzju ekonomiku, b'xi mod iddgħajjef il-qafas.

L-ewwel nett, skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1466/97, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni meta tikkunsidra t-tbegħid mill-aġġustamenti fiskali implikati mill-matriċi. F'dan ir-rigward, ma hemmx awtomatiċità fir-Regolament biex tintlaħaq il-konklużjoni ta' devjazzjoni sinifikanti.

It-tieni, il-PST, inkluża l-parti preventiva, ma għandux jinftiehem bħala sempliċi sett statiku ta' regoli individwali li għandhom jiġu applikati b'mod mekkaniku għal kwalunkwe avveniment partikolari. Pjuttost jirrappreżenta sistema ta' governanza ekonomika u fiskali, maħsuba sabiex tgħin fl-iżgurar ta' tfassil ta' politika makroekonomika u fiskali prudenti fuq terminu medju sa twil. In-natura tat-tfassil ta' politika makroekonomika tiżgura li se jinqalgħu avvenimenti mhux antiċipati u l-qafas ta' governanza ekonomika jeħtieġ li jkun flessibbli biżżejjed sabiex ikun jista' jwieġeb għal dawn l-iżviluppi u jakkomodahom. Fil-fatt, kieku l-qafas ma kienx ikun jista' jagħmel dan, il-kredibbiltà tal-PST bħala għodda vijabbli għall-governanza ekonomika u t-tfassil tal-politika tiddgħajjef.

Għaldaqstant, fi kwalunkwe ħin, huwa importanti għall-Kummissjoni li tuża l-ġudizzju ekonomiku tagħha sabiex tiżgura applikazzjoni sensibbli tar-regoli, pjuttost milli taqbad approċċ mekkaniku li jkun distakkat miċ-ċirkostanzi makroekonomiċi prevalenti.

Tweġibiet komuni għall-paragrafi 32 u 33.

Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2017 kienu maħsuba sabiex jiksbu ż-żewġ għanijiet ta' tisħiħ tal-irkupru kontinwu u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li jibqgħu qosra u sempliċi. Dan kien ifisser li s-CSRs fiskali ma kellhomx jinkludu rakkomandazzjonijiet

għall-aġġustament meħtieġ għall-2018, b'kuntrast mal-prattika tal-imgħoddi. Din kienet finalment deċiżjoni politika li qieset għadd ta' konsiderazzjonijiet.

L-ewwel nett, għalkemm l-hekk imsejjaħ approċċ "matriċi" jibqa' l-bażi għas-CSRs għall-2018, il-proposti tal-Kummissjoni tal-2017 għar-rakkomandazzjonijiet wasslu għal kwalifika rigward l-Istati Membri li għalihom il-matriċi timplika aġġustament fiskali ta' 0,5 % jew aktar tal-PDG (il-marġni ta' diskrezzjoni). Is-CSR ma tqisitx bħala l-post ġust fejn jingħataw id-dettalji li jibbilanċjaw ir-rekwiżiti tal-matriċi u l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat l-impatt tal-konsolidazzjoni fuq it-tkabbir u l-impjiegi permezz tal-marġni ta' apprezzament.

It-tieni, il-premessi ta' akkumpanjament huma espliċiti ħafna dwar dak li għandu jsir fl-2018; b'mod partikolari jsemmu (i) ir-rekwiżit kwantifikat, (ii) valutazzjoni tal-konformità, u (iii) konklużjoni dwar jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali.

It-tielet, il-premessi u s-CSR proprja iżommu l-istess livell f'dak li jirrigwarda s-saħħa legali tagħhom.

Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tarax evidenza f'dan l-istadju li l-użu tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha naqqas ir-rilevanza jew il-kredibbiltà tar-rekwiżit fiskali fis-CSR.

34. Fil-fażi tal-valutazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni meta tikkunsidra t-tbegħid mill-aġġustamenti fiskali implikati mill-matriċi. Dawn il-marġnijiet ta' diskrezzjoni ġejjin mit-termini speċifiċi tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1466/97. Skont l-Artikolu 6(3), l-istabbiliment ta' devjazzjoni sinifikanti mill-OTM jew mit-triq ta' aġġustament fid-direzzjoni tiegħu, huwa, minn naħa, marbut ma' kriterji kwantitattivi preċiżi, mingħajr ma jkun limitat għal dawk il-kriterji, u, min-naħa l-oħra, jippermetti li jitqiesu elementi oħrajn. Għaldaqstant, ma hemmx mod awtomatiku fir-Regolament biex tintlaħaq il-konklużjoni ta' devjazzjoni sinifikanti.

35. Fil-valutazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jista' jkun hemm tensjoni bejn is-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet ta' stabbilizzazzjoni fl-Istati Membri individwali, għalkemm huwa minnu wkoll li dan mhux neċessarjament ikun il-każ kif turi l-analiżi ppubblikata mill-Kummissjoni f'Parti IV tar-Rapport dwar il-Finanzi Pubbliċi tal-2016. Fejn teżisti tensjoni, huwa r-rwol tal-Kummissjoni li tanalizza t-talbiet kontendenti u tilħaq valutazzjoni bbilanċjata, filwaqt li tqis il-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni tikkonsisti f'fehim intelliġenti tas-sett ta' indikaturi disponibbli, speċjalment fid-dawl tal-inċertezza dwar iċ-ċiklu tan-negozju u r-riskju ta' tnaqqis fiskali qawwi għall-irkupru kontinwu fi Stati Membri speċifiċi.

36. L-ewwel nett, ir-rati ta' tkabbir aggregati mhux neċessarjament jaqbdu n-natura potenzjalment fraġli tal-irkupru fl-Istati Membri individwali, u lanqas ma jikkunsidraw l-impatt potenzjalment kontroproduttiv ta' konsolidazzjoni fiskali kbira żżejjed fuq ekonomija bħal din. Dawn huma evidentement fatturi importanti li l-Kummissjoni rat li tqis meta użat il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha sabiex tiddetermina l-iffissar tal-politika fiskali xierqa għall-ekonomiji individwali.

It-tieni, il-fatt li t-tkabbir attwali huwa ogħla mit-tkabbir potenzjali ma jgħid xejn dwar is-saħħa tal-irkupru. Pereżempju, it-tkabbir potenzjali tal-Italja kien stmat għal madwar 0 f'dawk is-snin.

37. Il-limiti fuq ir-riforma strutturali u l-klawsoli dwar l-investiment kienu maqbula f'diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

41. Biex tgħaqqad l-istampa, il-Kummissjoni tixtieq li żżid spjegazzjoni għar-raġuni wara l-kundizzjonijiet tal-klawsola dwar l-investiment. Il-klawsola hija maħsuba biex tipprovdi għall-investimenti pubbliċi li jistgħu jitqiesu ekonomikament ekwivalenti għal riformi strutturali minħabba li jkollhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u għaldaqstant hija marbuta ma' ċerti proġetti kofinanzjati mill-UE. Il-kundizzjoni ta' eliġibbiltà li l-

investiment pubbliku ma għandux jonqos hija maħsuba biex tiżgura li l-investimenti ffinanzjati mill-UE ma jintużawx biex jieħdu post l-investiment iffinanzjat b'mod nazzjonali.

42. Kriterju ewlieni ta' eliġibbiltà sabiex l-Istat Membru jikkwalifika għall-użu tal-klawsola dwar l-investiment huwa li l-marġni tal-potenzjal tal-output tiegħu jrid ikun aktar negattiv minn -1,5 % tal-PDG. Fi kliem ieħor, l-Istat Membru jrid ikun għaddej minn żminijiet ekonomiċi ħżiena. Ir-riċerka turi li meta l-pajjiżi jkunu qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet ta' sostenibbiltà f'ċirkustanzi bħal dawn, l-investiment pubbliku spiss jinqata', b'impatt detrimentali fuq it-tkabbir potenzjali. Il-klawsola dwar l-investiment tara li tiżgura li dan ma jseħħx, billi teħtieġ li l-livell ta' investiment pubbliku ma jonqosx fis-sena ta' referenza għall-applikazzjoni tal-klawsola. Tnaqqis fil-livell nominali tal-investiment jista' xorta waħda jwassal għal żieda fil-proporzjon bejn l-investiment u l-PDG jekk it-tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG (barra mill-kontroll tal-gvern) ikun aktar definit minn dak fl-investiment.

43. L-intenzjoni tal-klawsola dwar l-investiment hija li twassal għal livelli sostnuti ta' żieda fl-investiment. F'dawn il-każijiet, ma jkunx iġġustifikat li Stat Membru jintalab jirritorna fit-triq oriġinali tiegħu sena wara li tkun ingħatat il-klawsola.

44. Ara t-tweġiba għall-paragrafi VII u 43.

45. Minn meta ġiet introdotta l-matriċi, mhux possibbli li jiġi vvalutat minn qabel jekk Stat Membru hux se jikseb l-OTM tiegħu fi żmien erba' snin (peress li din tkun funzjoni, fost oħrajn, tar-rekwiżiti tal-matriċi għal snin individwali). Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet lill-Istati Membri suppożizzjoni ta' simplifikazzjoni sabiex jissodisfaw il-kriterju ta' konverġenza tal-OTM, minflok tivvaluta jekk Stat Membru li japplika għall-użu tal-klawsola huwiex f'distanza inizjali massima ta' 1,5 % tal-PDG mill-OTM. Skont l-aġġustament ta' riferiment ta' 0,5 % tal-PDG kull sena u devjazzjoni temporanja massima ta' dan l-ammont, din id-distanza twassal għal ritorn għall-OTM fi żmien erba' snin.

46. Il-marġni ta' devjazzjoni mhux sinifikanti jinsab fir-Regolament u l-Kummissjoni ma għandhiex għażla rigward l-implimentazzjoni tiegħu. Madankollu, mhux neċessarjament il-każ li l-marġni ta' devjazzjoni sinifikanti se jiġi eżawrit inevitabbilment f'kull sena, jiġifieri "l-estensjoni fiż-żmien ta' konverġenza għalhekk *se tkun* ferm itwal." Pereżempju, skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni għall-2018 mhux previst li l-Finlandja se tagħmel dan.

47. Jekk ma jinbidel xejn, l-applikazzjoni tal-klawsola dwar l-investiment se twassal għal żieda fl-infiq totali meta mqabbel ma' kieku l-klawsola ma ġietx applikata.

Madankollu, iż-żieda fl-infiq mhijiex irrispettivament minn dak li jiġri lil-livell ta' nfiq tal-investiment peress li kundizzjoni kwalifikanti hija li l-livell ta' investiment pubbliku ma għandux jonqos fis-sena ta' referenza għall-applikazzjoni tal-klawsola.

48. Ara wkoll it-tweġibiet għall-osservazzjoni 43, 45 u 47.

49. Għalkemm l-Artikolu 3 tal-Programm ta' Stabbiltà u Konverġenza jitlob analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ta' riformi strutturali kbar, dan ma jfissirx li d-devjazzjoni temporanja trid tkun ibbażata fuq l-ispejjeż. Tabilħaqq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-hekk imsejħa klawsola tar-riforma strutturali fl-Artikolu 5 ma jagħmlu ebda referenza għall-ispejjeż. Barra minn hekk, il-fatt li d-devjazzjoni temporanja mhijiex ibbażata direttament fuq l-ispejjeż, ma jfissirx li l-ispejjeż mhumiex imkejla.

50. Meta tivvaluta jekk ir-riformi għandhomx impatti pożittivi fuq il-baġit, kif meħtieġ mir-Regolament, il-Kummissjoni tqis l-ispejjeż baġitarji diretti kif ukoll l-impatt fuq terminu twil fuq it-tkabbir. L-impatt fuq terminu twil fuq it-tkabbir għandu fl-aħħar mill-aħħar itejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

52. Il-Kummissjoni vvalutat b'mod konsistenti l-impatt tar-riformi strutturali kollha fl-Italja, inklużi dawk li għalihom intalbet il-flessibbiltà taħt il-klawsola tar-riformi strutturali, kif indikat fil-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-Italja għall-klawsola tar-riformi strutturali (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja tal-2016 – il-paġna 18). B'mod partikolari, ir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2017 u tal-2018 għall-Italja jipprovdu valutazzjoni fil-fond tal-qagħda f'termini ta' implimentazzjoni tar-riformi strutturali tal-Italja. Barra minn hekk, referenza kostanti għall-qagħda attwali f'termini ta' implimentazzjoni, kemm *ex ante* u *ex post*, kienet inkluża fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2016 tal-Italja (il-paġni 22-23), dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 (il-paġna 4 u dawk sussegwenti), dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2017 (il-paġna 19), kif ukoll fir-Rapport 126(3) ta' Frar 2017 (il-paġni 13-14).

53. Kif iddikjarat fit-tweġiba għall-osservazzjoni 49, id-devjazzjoni temporanja mhijiex ibbażata fuq l-ispejjeż baġitarji diretti tar-riformi. Dettalji estensivi dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-impatt fuq terminu twil tar-riformi fuq it-tkabbir huma pprovduti fit-tweġiba għall-osservazzjoni 54.

54. Il-Kummissjoni tqis li stmat l-impatt ekonomiku relatat mal-klawsola kif suppost. Meta tressqet l-applikazzjoni tal-Italja għall-klawsola tar-riforma strutturali għall-2016 (fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2016 u fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2016), il-Kummissjoni analizzat l-impatt tar-riformi strutturali tal-Italja permezz tal-mudell QUEST tagħha f'nota ppreżentata lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika ta' Diċembru 2015 (aktar tard ippubblikata bħala "*L-Impatt Ekonomiku ta' Miżuri ta' Riforma Strutturali Magħżula fl-Italja, fi Franza, fi Spanja u fil-Portugall*" f'April 2016). B'hekk, sal-Programm ta' Stabbiltà tal-2016, l-estimi tal-Kummissjoni kienu ġew diskussi sew mal-awtoritajiet Taljani. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet ikkontestat b'mod miftuħ l-istima inizjali tal-impatt tar-riformi kif proposta mill-awtoritajiet Taljani fir-Rapport 126(3) tagħha ta' Frar 2015. B'riżultat ta' dawk l-iskambji, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 irreveda 'l isfel l-impatt stmat tar-riformi strutturali li għalihom kienet intalbet il-flessibilità (meta mqabbel mal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2016), kif rikonoxxut fin-nota f'qiegħ il-paġna 26. Dan juri r-rilevanza tal-ħidma tal-Kummissjoni biex tanalizza l-impatt tar-riformi u tivverifika l-estimi ppreżentati mill-awtoritajiet.

Fir-rigward tan-natura allegatament indikattiva tal-estimi tal-impatt ta' riformi strutturali fuq it-tkabbir, dan jirrifletti l-limiti intrinsiċi tal-immudellar makroekonomiku. Ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tqis it-titjib fis-sostenibbiltà mill-impatt tar-riformi strutturali fuq it-tkabbir potenzjali, iżda dan huwa eżerċizzju ta' mmudellar intrinsikament inċert.

56. Ara t-tweġibiet għall-paragrafi 45, 47 u 48.

57. In-nefqa preventiva relatata mat-terremoti fl-Italja kienet eliġibbli, minħabba r-riokkorrenza ta' terremoti qawwija kif ukoll in-natura integrata tal-ġestjoni ta' emerġenza u l-infiq preventiv. Minħabba f'hekk, madwar EUR 3 biljun jew 0,18 % tal-PDG allokati mill-Gvern Taljan għal dan l-iskop fl-2017 kienu meqjusa eliġibbli għall-"klawsola ta' avveniment mhux tas-soltu". L-impatt fuq il-baġit tal-pjan ta' investiment irid jiġi kkonfermat *ex post*, skont id-*data* rilevanti *ex-ante* u *ex-post* mogħtija lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Taljani.

58. Il-Kummissjoni ma tqisx li dan ifisser li l-qafas qed ikun illaxkat iżda tqis pjuttost li dan huwa rikonoxximent prattiku tar-realtajiet tat-tfassil u tal-istabbiliment tal-politika baġitarja fil-livell tal-Istat Membru.

L-Istati Membri jeħtieġ li jkunu informati minn qabel dwar kemm huwa kbir l-aġġustament fiskali meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jinkluduh fl-ippjanar tal-baġit tagħhom. Dawn l-ippjanar u l-koordinazzjoni baġitarja *ex ante* fuq terminu medju fil-fatt huma r-raġuni prinċipali tal-proċess tal-Programm ta' Stabbiltà u Konverġenza fis-Semestru Ewropew.

Jekk il-bilanċ strutturali jiġi rivedut sabiex id-distanza sal-OTM tonqos b'tali mod li r-rekwiżit oriġinali jimplika kisba żejda tal-OTM, allura r-rekwiżit ma jibqax iffriżat u jiġi rivedut. Huwa minnu li hemm assimetrija f'dan l-approċċ, peress li jekk il-bilanċ strutturali jiġi rivedut 'l isfel, jiġifieri għal distanza aktar imbiegħda mill-OTM minn kemm previst oriġinarjament, allura r-rekwiżit tal-Istat Membru ma jiġix miżjud. Dan għaliex dan jikser l-aspettattivi leġittimi li l-Istat Membru kellu rigward il-livell meħtieġ ta' aġġustament baġitarju li ntalab mill-Kummissjoni meta l-Istat Membru kien qed jippjana u jiftiehem l-istrateġija baġitarja tiegħu.

59. Il-kalkolu tar-rekwiżit abbażi tal-bogħod sal-OTM fis-sena mhux biss mhuwiex politikament realistiku iżda prattikament impossibbli li jinħadem.

Jekk fir-rebbiegħa ta' t-1, Stat Membru huwa stmat li huwa fl-OTM tiegħu f't-1, ma jkunx meħtieġ aktar aġġustament fis-sena t, u r-rekwiżit għal t jiġi ffriżat għal żero. Dan jipprovdi lill-Istati Membri bil-grad ta' ċertezza meħtieġ rigward il-livell meħtieġ ta' aġġustament sabiex jibdew il-proċeduri nazzjonali estensivi ħafna normalment involuti fil-bini tal-baġit. Jekk, fir-rebbiegħa ta' t, ir-reviżjonijiet fil-bilanċ strutturali jfissru li l-Istat Membru huwa stmat li kien f'distanza ta' 0,5 % tal-PDG taħt l-OTM tiegħu fis-sena t-1, fil-fehma tal-Kummissjoni huwa tard wisq biex ir-rekwiżit jiġi rivedut. L-Istat Membru jkun diġà ppromulga l-baġit tiegħu għas-sena t fuq il-bażi li l-Kummissjoni tkun qaltlu li ma hemmx bżonn ta' aġġustament. Għaldaqstant kieku l-Kummissjoni kellha timponi rekwiżit akbar tkun qed tikser l-aspettattivi leġittimi tal-Istat Membru tal-livell rikjest ta' aġġustament baġitarju li fuqu se jkun ivvalutat. Fil-fatt, dan il-livell ta' imprevedibbiltà jdgħajjef serjament il-kredibbiltà tal-qafas tal-PST f'għajnejn il-politiċi nazzjonali.

Hija wkoll problema li r-rekwiżit jiġi bbażat fuq id-distanza proġettata sal-OTM fis-sena li fiha japplika r-rekwiżit, peress li dan it-tbassir innifsu huwa funzjoni tar-rekwiżit. Fi kwalunkwe każ, ir-reviżjonijiet fis-sena bbażati fuq tbassir aġġornat ma javżawx lill-Istati Membri biżżejjed bil-quddiem meta jistabbilixxu l-politika baġitarja tagħhom.

60. Biex ngħaqqdu l-istampa, ir-rekwiżiti tal-Istati Membri ma jiġux riveduti 'l fuq minħabba titjib fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Skont it-tweġibiet għall-paragrafi 58 u 59, dan għaliex jikser l-aspettattivi leġittimi tal-Istat Membru dwar il-livell meħtieġ ta' aġġustament fiskali meta jfassal u jistabbilixxi l-politika baġitarja nazzjonali tiegħu.

61. It-tranżizzjoni minn ESA95 għal ESA2010 kienet tfisser li r-rekwiżit għal sena partikolari seta' kien ikkalkolat permezz tal-ESA 95 filwaqt li l-valutazzjoni tal-isforz fiskali saret permezz tal-ESA 2010. Dan huwa inevitabbli sakemm ir-rekwiżiti tal-Istati Membri ma kellhomx jiġu riveduti potenzjalment kollha abbażi tal-kalkoli mill-ġdid taħt l-ESA 2010. Fi kwalunkwe każ, minħabba l-mod kif inhi mibnija l-matriċi wara r-rekwiżit, huwa improbabbli li l-komputazzjoni tar-rekwiżiti bbażata fuq l-ESA2010 kienet se twassal għal xi tibdil.

Ma hemm ebda inkonsistenza fl-indikaturi jew fil-kejl li sar matul is-snin. Pereżempju, meta l-isforz fiskali għall-2014 ġie vvalutat permezz tal-ESA 2010, iċ-ċifri kemm għall-2014 u l-2015 huma kkalkulati taħt l-ESA 2010.

66. Il-Kummissjoni tqis li x-xenarju ppreżentat mill-QEA iservi biss bħala eżempju, peress li min-natura tiegħu huwa diffiċli li wieħed jestrapola l-eżiti futuri għall-Istati Membri individwali skont l-impatt aggregat ta' reċessjoni storika fuq iż-żona tal-euro.

67. Skont it-tweġiba għall-paragrafu 66, is-simulazzjonijiet huma kemxejn spekulattivi, u huma relatati ma' każ ipotetiku li fil-prattika ma seħħx u ma jqisux l-impatt possibbli tal-punti ta' riferiment minimi speċifiċi għall-pajjiż, li ma jippermettux l-għoti tal-klawsoli tar-riforma strutturali u dwar l-investiment f'ħafna Stati Membri.

68. Ara t-tweġibiet għall-paragrafi 33-35 rigward l-użu tal-Kummissjoni tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha.

69. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-osservazzjoni tal-QEA ma tippreżentax l-istampa sħiħa.

L-ewwel nett, f'livell ġenerali, meta fasslet kemm il-matriċi kif ukoll l-allokazzjonijiet taħt il-klawsoli ta' flessibbiltà, il-Kummissjoni għamlet analiżi estensiva. Fl-ewwel każ, din kienet tinkludi eżami tad-distribuzzjoni storika tal-marġnijiet tal-potenzjal tal-output. Fit-tieni każ, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri b'għadd ta' xenarji simulati biex tispjega t-tfassil tal-allokazzjonijiet ta' flessibilità, ibbażati fuq l-implimentazzjoni tal-aġġustament ta' riferiment ta' 0,5 % tal-PDG (u b'hekk kien preżunt li ma jsir ebda użu mill-marġni ta' devjazzjoni ta' 0,25 % tal-PDG). Numru minn dawn is-simulazzjonijiet ta' eżempju huma ppubblikati f'anness għall-Vade mecum.

It-tieni, fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet individwali tal-Istati Membri għall-klawsoli ta' flessibbiltà, il-Kummissjoni tivvaluta d-distanza tagħhom mill-OTM sabiex tiżgura li jista' jintlaħaq sal-aħħar tal-perjodu tal-programm, jekk wieħed jassumi l-aġġustament annwali ta' riferiment.

70. Ara t-tweġibiet għall-paragrafi 66, 67 u 69.

72. Għandu jkun innutat li l-Kummissjoni konsistentement indikat din il-kwistjoni ta' reviżjonijiet tal-projezzjonijiet SB permezz ta' ċarts iddedikati fil-valutazzjoni tagħha tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza.

75. Għalkemm il-Kummissjoni ma tingħatax is-setgħa li tinforza dawn il-miri għall-konverġenza lejn l-OTM, il-Kummissjoni tanalizza u tikkummenta fuq ir-reviżjonijiet tal-Istati Membri tad-data mistennija tagħhom biex jilħqu l-OTM, kif jidher fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni u l-valutazzjonijiet tad-DBP ippubblikati f'kull sessjoni ta' sorveljanza. Għalhekk il-Kummissjoni żżomm lill-Istati Membri responsabbli, iżda ma tistax tieħu passi proċedurali taħt il-qafas legali kurrenti.

Mhuwiex ċar kif il-matriċi tista' tkun imfassla b'mod li tiżgura *ex ante* li l-Istati Membri kollha, irrispettivament mid-distanza sal-OTM, jilħquh fir-raba' sena tal-programm, minħabba li l-projezzjonijiet ta' fejn se jkun il-bilanċ strutturali wara tliet snin kważi ċertament se jkunu ħżiena (din hija n-natura inevitabbli tal-previżjonijiet makroekonomiċi). Barra minn hekk, jekk Stat Membru jkun 'il bogħod ħafna mill-OTM fil-perjodu tal-programm, dan jista' jimplika aġġustamenti fiskali kbar ħafna sabiex jipprova jagħlaq id-distakk fil-perjodu ta' erba' snin. Dan jista' jkun kontroproduttiv.

76. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri żviluppaw ftehim komuni permezz ta' diskussjonijiet estensivi sabiex jistabbilixxu l-livell ta' dettall meħtieġ sabiex jimplimentaw kull aspett tal-qafas tal-PST, bħall-istabbiliment tal-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni dwar il-Flessibilità. L-iskop ta' din il-ħidma mhuwiex li ddgħajjef il-qafas tal-PST, iżda pjuttost li tħaddem l-objettivi wesgħin tar-Regolament.

77. Din l-osservazzjoni mhijiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-parti preventiva tal-PST. Il-kampjun analizzat jinkludi d-dinamika tal-bilanċ primarju u strutturali tal-Istati Membri li kienu fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv matul il-perjodu analizzat (jiġifieri Spanja u Franza mill-2009 'il quddiem), iżda l-parti korrettiva għandha sett ta' regoli separati. Il-Kummissjoni tfakkar li l-QEA ippubblikat rapport speċjali separat fl-2016, "Jeħtieġ li jsir aktar titjib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv", fejn il-Kummissjoni pprovdiet it-tweġibiet formali tagħha. https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR16_10/SR_EDP_MT.pdf

78. Il-Kummissjoni tqis li l-progress lejn il-kisba tal-OTM kompla f'dawn l-aħħar snin, għalkemm fuq skala inqas evidenti milli fl-istadju inizjali tal-irkupru meta tnax-il Stat Membru ħarġu mill-EDP.

79. Il-Kummissjoni tqis li l-estimi tal-bilanċi strutturali tal-2014 u tal-2018 mhumiex għalkollox komparabbli biex tiġi ġġudikata r-rata ta' progress fil-bilanċ strutturali għal Stati Membri li ma kinux fl-OTM tagħhom bejn l-2014 u l-2018. L-estimi tal-bilanċi strutturali tal-2014 huma bbażati fuq *data* storika u jinkorporaw miżuri fiskali attwali li ttieħdu fl-2014. B'kuntrast, l-estimi tal-2018 huma bbażati fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni. L-Istati Membri rilevanti huma mistennija li jieħdu miżuri fiskali fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2018 ikun konformi mal-PST, għaldaqstant il-valutazzjoni *ex-post* tad-*data* tal-2018 hija ffissata biex tindika bilanċi strutturali differenti minn dawk previsti fil-ħarifa tal-2017.

80. Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjonijiet tagħha dwar il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro huma bbilanċjati b'mod li jirriflettu l-pożizzjoni fiskali ta' kull Stat Membru. L-Istati Membri li mhumiex fl-OTM huma mistennija li jieħdu miżuri fiskali sabiex jikkonformaw mal-PST, filwaqt li ċerti Stati Membri 'l fuq mill-OTM ingħataw is-suġġeriment li jużaw l-ispazju fiskali disponibbli għalihom sabiex jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku. Dan jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 "*Lejn Pożizzjoni Fiskali Pożittiva għaż-Żona tal-Euro*" li speċifikament tiddikjara "L-Istati Membri fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv u l-oħrajn li għad iridu jipprogressaw lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju għandhom ikomplu jagħmlu dan, kif rakkomandat lilhom."

81. Il-Kummissjoni tisħaq li d-*data* dwar l-eżitu għall-2017, li fuqha hija bbażata l-valutazzjoni finali tal-konformità, turi titjib sinifikanti fil-prestazzjoni tal-Istati Membri, bl-għadd ta' pajjiżi konformi jikkwadrupla meta mqabbel mal-previżjonijiet inizjali abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2017. Barra minn hekk, in-numri aggregati jaħbu differenzi importanti fil-pożizzjonijiet fiskali tal-Istati Membri fir-rigward tal-OTM.

Finalment, il-kampjun ta' Stati Membri jeskludi lill-Istati Membri bi prestazzjoni għolja, jiġifieri dawk li huma fl-OTM tagħhom. Peress li l-Istati Membri li laħqu l-OTM tagħhom huma wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-parti preventiva, dan jagħti stampa aktar eżatta tal-konformità kumplessiva fost il-pajjiżi kollha.

82. Il-prestazzjoni fiskali tal-Istati Membri taħt il-parti korrettiva tal-PST ma tipprovdix valutazzjoni eżatta tal-prestazzjoni tal-parti preventiva tal-PST, peress li dawn iż-żewġ partijiet għandhom sett separat ta' regoli.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 77 rigward ir-rapport tal-QEA dwar il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv.

83. Il-parti korrettiva tal-PST hija rregolata minn Regolament differenti minn dak tal-parti preventiva. In-natura intrinsikament nominali tal-parti korrettiva tal-PST, bl-attenzjoni tagħha fuq it-3 % tal-limitu tal-PDG li jinsab fit-Trattat, tfisser li għalkemm il-Kummissjoni tfittex aġġustament strutturali mill-Istati Membri taħt ir-rakkomandazzjonijiet tal-EDP, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tħaffef il-proċedura ladarba l-Istat Membru jilħaq il-miri ewlenin.

Il-Kummissjoni ġġustifikat l-estensjonijiet tal-iskadenzi għall-ħruġ mill-proċedura ta' defiċit eċċessiv f'każijiet partikolari fit-tweġiba tagħha għar-rapport speċjali tal-QEA tal-2016 "Jeħtieġ li jsir aktar titjib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv". https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR16_10/SR_EDP_MT.pdf

85. Il-parti korrettiva tagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jsegwu strateġija fejn jiksbu biss il-miri ewlenin wara li jtejbu l-kundizzjonijiet makroekonomiċi mingħajr ma jagħmlu l-isforz fiskali meħtieġ. Għandu jkun innutat li fir-rakkomandazzjonijiet tal-EDP, il-Kummissjoni u l-Kunsill jippreskrivu l-isforzi fiskali li huma konsistenti ma' dawk tal-parti preventiva f'termini strutturali. Madankollu, mhux possibbli li jiġu instigati miżuri proċedurali jekk l-Istat Membru jilħaq il-miri ewlenin tiegħu. In-natura sovrapponenti tal-parti korrettiva hija nominali peress li hija bbażata fuq il-limitu tad-defiċit ewlieni ta' 3 % tal-PDG li jinsab fit-Trattat. Il-Kummissjoni tqis li sforzi medji

mill-parti korrettiva u mill-parti preventiva ma jirriflettux għalhekk b'mod preċiż ir-rekwiżit li effettivament jorbot lill-Istati Membri.

88. L-aktar *data* reċenti tindika titjib sinifikanti fil-bilanċ strutturali tal-Portugall f'dawn l-aħħar snin, b'titjib ta' 2 % tal-PDG irreġistrat bejn l-2013 u l-2017, li jħallih f'1,4 % tal-PDG mill-OTM.

89. Franza u Spanja kienu taħt il-parti korrettiva għal kważi l-perjodu kollu inkwistjoni, li jfisser li r-rekwiżiti tal-matriċi ma kellhom ebda konsegwenza proċedurali.

90. Il-Kummissjoni tqis li l-veloċità tal-aġġustament taħt il-parti korrettiva ma tinformax dwar l-effettività tal-parti preventiva tal-PST, peress li hija ggwidata minn sett ta' għodda differenti.

92. Ara t-tweġiba għall-paragrafu 83 rigward l-estensjoni tal-iskadenza tal-EDP.

98. Id-dgħufija tal-bilanċ strutturali tal-Estonja fl-2017 ma kisritx ir-rekwiżiti tal-parti preventiva.

99. Il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-flessibilità tagħha, inkluż il-marġini ta' apprezzament, kien proporzjonat, xieraq u ekonomikament ġustifikat. Kien relattivament reċenti li l-karatteristiċi mhux tas-soltu tal-irkupru ħeġġew il-kawtela fl-applikazzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' pressjoni inflazzjonarja, eċċess kbir fil-kont kurrenti għaż-żona tal-euro u livelli persistentement għoljin ta' qgħad f'ċerti Stati Membri indikaw il-grad kontinwu ta' majnar fl-ekonomija. Minħabba dan it-tħassib u żieda fl-inċertezza ġeopolitika, il-Kummissjoni qieset li applikazzjoni prudenti tar-regoli fiskali tiżgura li aġġustamenti fiskali kbar iżżejjed ma jipperikolawx dak li kien għadu rkupru fraġli f'ħafna Stati Membri. B'hekk il-Kummissjoni, bi qbil mal-Istati Membri, użat il-flessibilità sabiex timmodula r-rekwiżiti fiskali fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi.

102. Il-Kummissjoni taqbel li l-aħħar valutazzjoni tagħha tal-eżattezza tal-previżjoni ssib evidenza ta' preġudizzju f'ċerti każijiet bl-użu ta' metodoloġija partikolari. Madankollu, hija tenfasizza li l-valutazzjoni tikkonkludi wkoll li l-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni huma aktar preċiżi minn dawk tas-suq u komparabbli ma' dawk ta' istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn. Barra minn hekk, l-eżattezza tal-projezzjonijiet tad-dejn tal-Kummissjoni se tkun tiddependi wkoll fuq għadd ta' fatturi oħrajn, bħall-projezzjoni għall-bilanċ primarju u l-aġġustament bejn l-istokk u l-flussi.

103. L-iskop tal-valutazzjonijiet regolari tal-eżattezza tal-previżjonijiet huwa t-tagħlim istituzzjonali, u l-Kummissjoni kontinwament tipprova ttejjeb l-eżattezza tal-previżjonijiet tagħha. Ġie investit sforz sostanzjali f'dawn l-aħħar snin fl-iżvilupp ta' għodod ta' tbassir kwantitattiv addizzjonali. Il-valutazzjoni esterna reċenti tas-servizzi tat-tbassir (dokument għadu ġej) tikkonkludi li l-previżjonijiet huma ta' kwalità għolja u l-proċessi ta' tbassir huma effiċjenti.

108.

L-ewwel punt: Il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar dan il-punt huma mogħtija fi tweġibiet għall-osservazzjonijiet 58 u 59 rigward il-ħtieġa li jiġu rrispettati l-aspettattivi leġittimi tal-Istati Membri.

Fl-ewwel każ, meta r-rekwiżit ta' aġġustament ikun ġej mill-matriċi, dan ikun ibbażat fuq it-tbassir tar-rebbiegħa tal-projezzjoni tal-marġni tal-potenzjal tal-output tas-sena t-1 fis-sena t u dan ma jibqax iffriżat biss jekk l-ekonomija tidħol fi żminijiet ekonomiċi ħżiena ħafna jew eċċezzjonalment ħżiena. Fit-tieni każ, ir-rata ta' referenza għall-punt ta' riferiment tan-nefqa fis-sena t hija bbażata fuq il-projezzjonijiet tat-tbassir tar-rebbiegħa tas-sena t-1 u ma tkunx aġġornata għal previżjonijiet sussegwenti.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 60 rigward il-problemi prattiċi tal-iffissar tad-distanza sal-OTM skont it-tbassir tas-sena kurrenti.

It-tieni punt: Il-livellar tal-investiment fuq erba' snin mhuwiex speċifikat fir-Regolament. Madankollu, dan il-livellar ġie diskuss u maqbul kompletament mal-Istati Membri permezz tal-kumitati tal-ECOFIN. Għaldaqstant huwa deskritt fil-Kodiċi ta' Kondotta, fejn jingħad li "Minħabba l-varjabbiltà potenzjalment għolja ħafna tan-nefqa fuq l-investiment, speċjalment fil-każ tal-Istati Membri żgħar, l-aggregat tan-nefqa tal-gvern għandu jiġi aġġustat b'medja tan-nefqa fuq l-investiment fuq erba' (4) snin." Jiġifieri, il-livellar ġie introdott sabiex jiġi evitat li pajjiżi iżgħar b'PDG *per capita* aktar baxx ma jiġux ippenalizzati għal żidiet qawwija fl-investiment pubbliku. Din hija partikolarment problema għal ċerti Stati Membri Ewropej ġodda li għalihom il-fondi strutturali tal-UE jinkludu komponent sinifikanti ta' investiment kumplessiv, peress li t-tnaqqis ta' dawn il-fondi jista' jwassal għal varjazzjonijiet kbar 'il fuq u 'l isfel fi snin individwali.

117. Il-Kummissjoni tqis li t-tranżizzjoni bejn l-2014 u l-2015 kienet konsistenti. Il-Kummissjoni, bi ftehim sħiħ mal-Istati Membri, ħadet deċiżjoni politika prattika sabiex tiżgura konsistenza bejn il-miri baġitarji li fuqhom kienu qed jiġu vvalutati l-Istati Membri waqt it-tranżizzjoni. Arranġament bħal dan żgura li l-introduzzjoni tal-matriċi ppubblikata fil-Komunikazzjoni dwar il-Flessibilità ta' Jannar 2015 ma kinitx se tkun ta' żvantaġġ għal Stati Membri partikolari billi nbidel ir-rekwiżit baġitarju stabbilit għall-2015 matul it-tranżizzjoni.

121. Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2018 kienu maħsuba sabiex jiksbu ż-żewġ għanijiet ta' tisħiħ tal-irkupru kontinwu u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li jibqgħu qosra u sempliċi u b'hekk jinftiehmu aktar mill-pubbliku. Dan kien ifisser li s-CSRs fiskali ma kellhomx jinkludu rakkomandazzjonijiet għall-aġġustament meħtieġ għall-2018, b'kuntrast mal-prattika tal-imgħoddi. Ara t-tweġiba għall-paragrafu 33 għal spjegazzjoni dettaljata. Fl-aħħar mill-aħħar, il-premessi u s-CSR proprja jżommu l-istess livell f'dak li jirrigwarda s-saħħa legali tagħhom.

124. Il-Kummissjoni tqis li l-gwida hija ċara u fformulata kif xieraq għal kull Stat Membru individwali skont il-pożizzjoni fiskali tiegħu.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

127. Ir-rwol tal-parti preventiva huwa li tikseb is-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li tipprevedi l-possibbiltà għal modulazzjoni ta' politiki fiskali fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. L-OTM iħaddem din il-ħtieġa ta' bilanċ tal-politika fiskali prudenti bbażata fuq terminu medju u twil filwaqt li jiffaċilita t-tħaddim tal-istabbilizzaturi awtomatiċi. Għaldaqstant il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom funzjoni essenzjali li jiżguraw li l-Istati Membri jkomplu jagħmlu progress kostanti fid-direzzjoni tal-OTM tagħhom biex ikun jista' jsir it-titjib meħtieġ fis-sostenibbiltà tad-dejn u fil-makrostabbilizzazzjoni.

129. Il-Kummissjoni teżerċita s-setgħat diskrezzjonali tagħha f'konformità sħiħa mal-qafas legali li ġie miftiehem mill-koleġiżlaturi, u b'mod trasparenti, f'konsultazzjoni sħiħa mal-Istati Membri permezz tal-kumitati rilevanti. Il-Kummissjoni assolutament ma taqbilx mal-konklużjoni tal-QEA li l-Kummissjoni użat id-diskrezzjoni tagħha bl-għan li tnaqqas ir-rekwiżiti ta' aġġustament. Id-diskrezzjoni ntużat f'konformità mar-Regolament li jirrikonoxxi l-kuntest usa' tas-sostenibbiltà fuq terminu medju, bħall-ħtieġa li jiġi evitat aġġustament fiskali kontroproduttiv, ir-rwol ta' riformi strutturali u ta' investiment fiż-żieda tat-tkabbir potenzjali u l-ħtieġa li jkunu permessi avvenimenti barra l-kontroll tal-gvern.

130. Il-matriċi u t-tħaddim tal-klawsoli ta' flessibbiltà ġew stabbiliti fi-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2015. Madankollu, id-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament ġejjin mir-riforma tal-2005.

Irrispettivament, il-parametri ta' aġġustament fil-matriċi u fil-klawsoli ta' flessibbiltà ġew stabbiliti u applikati f'konformità sħiħa mal-qafas legali u b'mod trasparenti, kif ukoll f'konsultazzjoni sħiħa mal-Istati Membri permezz tal-kumitati rilevanti.

131. Il-marġni ta' diskrezzjoni ġie introdott sabiex jiġi stabbilit l-iffissar ta' politika fiskali xierqa f'każijiet fejn ir-rati ta' tkabbir aggregati mhux neċessarjament jaqbdu n-natura potenzjalment fraġli tal-irkupru fl-Istati Membri individwali, filwaqt li jqis ukoll l-impatt potenzjalment kontroproduttiv ta' konsolidazzjoni fiskali kbira żżejjed fuq ekonomiji bħal dawn.

132. Il-progress lejn il-kisba tal-OTM qed ikompli fis-snin kurrenti, għalkemm fuq skala inqas evidenti milli fil-perjodu tal-irkupru inizjali.

133. Il-Kummissjoni tqis li r-regoli ta' implimentazzjoni tal-qafas tal-PST kurrenti, li huma stabbiliti bi ftehim komuni mal-Istati Membri wara diskussjonijiet twal, ma jdgħajfux il-qafas tal-PST, iżda jħaddmu l-objettivi wesgħin tar-Regolament.

134. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li l-parti korrettiva tal-PST hija rregolata minn Regolament differenti minn dak tal-parti preventiva. It-tieni, il-Kummissjoni temmen li l-parti korrettiva, kumplessivament, marret tajjeb f'dawn l-aħħar snin, kif jidher mill-fatt li n-numru ta' Stati Membri taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv niżel minn 24 fl-2011 għal tlieta biss fl-2017.

Minkejja dan, in-natura intrinsikament nominali tal-parti korrettiva tal-PST, bl-attenzjoni tagħha fuq it-3 % tal-limitu tal-PDG li jinsab fit-Trattat, tfisser li għalkemm il-Kummissjoni tfittex aġġustament strutturali mill-Istati Membri taħt ir-rakkomandazzjonijiet tal-EDP, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tħaffef il-proċedura ladarba l-Istat Membru jilħaq il-miri ewlenin. It-tentattivi tal-Kummissjoni biex tindirizza din is-sitwazzjoni ma sabux l-appoġġ tal-Istati Membri.

Ara t-tweġiba għall-paragrafu 83 rigward l-estensjoni tal-iskadenza tal-EDP.

135. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri daħlu f'diskussjonijiet estensivi sabiex jiżviluppaw il-fehim komuni meħtieġ sabiex jistabbilixxu l-livell ta' dettall meħtieġ biex jiġi implimentat kull aspett tal-qafas tal-PST. L-iskop ta' tali regoli huwa li jħaddmu l-objettivi wesgħin tar-Regolament u ma jipprekludux lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri milli jaqblu fuq kwalunkwe aġġustament ulterjuri meħtieġ fil-qafas tal-PST.

Għalkemm il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri bil-parti preventiva, l-infurzar tar-regoli huwa kompetenza kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill. Il-Kummissjoni ma temminx li azzjoni mingħajr konsultazzjoni mal-Istati Membri tkun produttiva jew ta' benefiċċju għall-kredibbiltà tal-qafas fuq terminu twil. Id-disinn tal-qafas fiskali huwa ta' natura intrinsikament multilaterali u l-konsultazzjoni mal-Istati Membri hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sjieda tar-regoli, li finalment tikkontribwixxi kemm għall-konformità kif ukoll għall-infurzar.

### Rakkomandazzjoni 1

(a) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni peress li r-Regolament 1466/97 speċifikament jipprovdi għal 0,25 % tal-marġni permissibbli ta' devjazzjoni tal-PDG u l-Kummissjoni ma tistax timponi restrizzjonijiet, jiġifieri fuq l-akkumulu ta' devjazzjonijiet mhux sinifikanti, li jikkonfliġġu mar-Regolament. Il-Kummissjoni hija mħassba li tfassil mill-ġdid sistematiku tal-matriċi b'dan il-mod jista' jitqies bħala mezz kif jiġi evitat il-marġni previst fir-Regolament. Barra minn hekk, id-devjazzjoni ta' 0,25 % hija preskritta mir-Regolament sabiex jitqiesu d-diffikultà tal-komputazzjonijiet tal-bilanċ strutturali u l-inċertezza inerenti fit-tfassil tal-politika u l-eżekuzzjoni baġitarja. Dawn il-fatturi jistgħu jwasslu biex Stat Membru jiddevja xi ftit mill-mira tiegħu minħabba kwistjonijiet barra mill-kontroll tal-gvern.

(b) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni. Il-kategorizzazzjoni tal-parametri fil-matriċi diġà tistabbilixxi rekwiżiti ogħla għal Stati Membri li għandhom ħafna dejn. Madankollu, il-leġiżlazzjoni ma tipprevedix allinjament tar-rekwiżiti tal-parti preventiva mal-punt ta' riferiment ta' tnaqqis tad-dejn. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tirrikjedi b'mod espliċitu li l-Kummissjoni tivvaluta fatturi rilevanti meta tivvaluta l-konformità mal-punt ta' riferiment ta' tnaqqis tad-dejn, li, għalhekk, ma jistax jitqies bħala regola assoluta.

(c) Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment ir-rakkomandazzjoni, b'mod speċifiku, sa fejn titlob li tiġi eżaminata l-effettività tal-matriċi, peress li l-Kummissjoni bħalissa qed twettaq reviżjoni usa' tal-arranġamenti tal-flessibilità meħtieġa taħt il-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma tistax tippreġudika l-eżitu ta' dan il-proċess.

138. Il-Kummissjoni tiċħad bil-qawwa l-konklużjoni tal-QEA li l-użu tal-klawsola tar-riforma strutturali mar lil hinn mill-objettiv tar-Regolament.

L-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li taħtu l-Kummissjoni tapplika din il-flessibilità ilhom żmien twil u prinċipalment imorru lura għar-riforma tal-leġiżlazzjoni fl-2005.

It-tieni, għalkemm id-devjazzjoni temporanja taħt il-klawsola tar-riforma strutturali mhijiex direttament marbuta mal-ispejjeż baġitarji attwali tar-riforma, ir-Regolament lanqas ma jipprevedi tali rabta, b'mod partikolari peress li jista' jkun diffiċli li jitkejlu dawk l-ispejjeż u/jew jista' jkollhom impatt fiskali dirett limitat. Fil-fatt, jista' jkun hemm riformi strutturali ta' benefiċċju kbir li ma joħolqux spejjeż baġitarji diretti sinifikanti iżda madankollu jġorru spejjeż ekonomiċi jew politiċi sostanzjali, pereżempju riformi fis-suq tax-xogħol jew riformi ġudizzjarji. F'dawn il-każijiet, l-irbit dirett tad-devjazzjoni temporanja mal-ispejjeż baġitarji effettivament jannulla l-intenzjoni ta' inċentiv tal-klawsola.

Huwa importanti li jiġi nnutat li l-approċċ li ħadet il-Kummissjoni kien diskuss fit-tul mal-Istati Membri, li rriżulta fil-pubblikazzjoni fil-bidu tal-2016 ta' Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni dwar il-Flessibilità fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

139. Id-disinn tekniku tad-devjazzjoni temporanja mill-OTM jew mill-perkors ta' aġġustament ifisser li n-nefqa tiżdied skont il-linja bażi (jiġifieri l-perkors tan-nefqa fl-assenza ta' devjazzjoni temporanja) kull sena sakemm jintlaħaq l-OTM. Dan id-disinn tad-devjazzjoni kien miftiehem mal-Kunsill, sabiex jiġi evitat li jinħoloq mudell stop-start ta' aġġustament fiskali u biex jiġi żgurat trattament ugwali għall-Istati Membri kollha skont kemm jinsabu 'l bogħod mill-OTM. Sakemm il-klawsola ma tkunx marbuta ma' spejjeż diretti relatati mar-riforma, il-kumpens meħtieġ biex l-infiq jitreġġa' lura fit-trajettorja oriġinali fis-sena wara l-applikazzjoni tal-klawsola jimplika aġġustament fiskali addizzjonali minbarra r-rekwiżit standard tal-Istat Membru f'dik is-sena. Dan inaqqas b'mod sinifikanti l-inċentiv għal riformi strutturali li ma jġorrux spejjeż fiskali sostanzjali iżda li madankollu jeħtieġu inċentiv li jista' jiġi pprovdut mill-użu tal-klawsola.

140. Hemm raġunament b'saħħtu għall-approċċ miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill u stabbilit fil-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni dwar il-Flessibilità. Il-klawsola hija maħsuba biex tipprovdi għall-investimenti pubbliċi li jistgħu jitqiesu ekonomikament ekwivalenti għal riformi strutturali minħabba li jkollhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir potenzjali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u għaldaqstant hija marbuta ma' ċerti proġetti kofinanzjati mill-UE. Il-kundizzjoni ta' eliġibbiltà li l-investiment nominali ma għandux jonqos hija maħsuba biex tiżgura li l-investimenti ffinanzjati mill-UE ma jintużawx biex jieħdu post l-investiment iffinanzjat b'mod nazzjonali.

141. Il-Kummissjoni tqis li hija tabilħaqq tiżgura li l-infiq relatat direttament mal-klawsola tal-avvenimenti mhux tas-soltu biss ikun eliġibbli. Eżempju estensiv minn każ partikolari huwa pprovdut fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 57.

**Rakkomandazzjoni 2**

(a) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni għax taħseb li l-aġġustament meħtieġ idgħajjef l-effettività tal-klawsola tar-riforma strutturali. Id-devjazzjoni temporanja taħt il-klawsola tar-riforma strutturali mhijiex marbuta direttament mal-ispejjeż baġitarji attwali tar-riforma peress li ċerti riformi strutturali ta' benefiċċju mhux dejjem joħolqu spejjeż baġitarji diretti sinifikanti, filwaqt li riformi bħal dawn iġorru spejjeż ekonomiċi jew politiċi sostanzjali. F'dawn il-każijiet, l-irbit dirett tad-devjazzjoni temporanja mal-ispejjeż baġitarji effettivament jannulla l-intenzjoni ta' inċentiv tal-klawsola.

Barra minn hekk, peress li l-allokazzjoni mhijiex ibbażata fuq spejjeż ta' darba, ir-rekwiżit rakkomandat biex l-infiq jitreġġa' lura fit-trajettorja oriġinali fis-sena wara l-applikazzjoni tal-klawsola jimplika aġġustament fiskali addizzjonali minbarra r-rekwiżit standard tal-Istat Membru f'dik is-sena. Id-disinn tad-devjazzjoni kien miftiehem mal-Kunsill, sabiex jiġi evitat li jinħoloq mudell stop-start ta' aġġustament fiskali.

(b) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni li twaqqaf il-klawsola fil-forma attwali tagħha peress li tqis li l-klawsola dwar l-investiment hija element importanti tal-pakkett ta' flessibilità introdott fl-2015 sabiex jiġi appoġġat it-tkabbir fl-UE b'mod fiskalment sostenibbli, jiġifieri billi tinkoraġġixxi l-investiment pubbliku li jtejjeb it-tkabbir. Minkejja dan, bħalissa l-klawsola qed tiġi riveduta bħala parti minn reviżjoni usa' tal-arranġamenti ta' flessibilità meħtieġa taħt il-Pożizzjoni Miftiehma b'Mod Komuni. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar ir-riżultati tar-reviżjoni tagħha lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju f'Ġunju 2018 iżda ma tistax tippreġudika l-eżitu ta' dak ix-xogħol.

(c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

142. Il-Kummissjoni tat tweġibiet formali fuq l-estensjonijiet tal-iskadenzi tal-EDP f'każijiet partikolari fil-kuntest tar-rapport speċjali tal-QEA tal-2016 "Jeħtieġ li jsir aktar titjib biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv".

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jirrakkomandaw lill-Istati Membri taħt l-EDP li jiksbu aġġustamenti strutturali konformi mar-rekwiżiti tal-parti preventiva. Madankollu, ir-Regolament ma jipprovdix għodod lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jinfurzaw ir-rekwiżiti ta' aġġustament strutturali għall-Istati Membri fil-parti korrettiva tal-PST f'ċirkostanzi fejn il-miri tad-defiċit ewlieni rrakkomandati jinkisbu wara t-tkabbir ekonomiku u mingħajr il-kisba ta' dawk il-miri ta' aġġustament strutturali rakkomandati.

**Rakkomandazzjoni 3**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment.

Fil-passat il-Kummissjoni ressqet opzjonijiet sabiex tiżgura li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' aġġustament strutturali taħt il-parti korrettiva, speċifikament billi tipprevedi reviżjoni tar-rakkomandazzjoni tal-EDP f'każijiet ta' sorpriżi ekonomiċi pożittivi relatati max-xenarju sottostanti għar-rakkomandazzjoni inizjali, iżda l-Istati Membri ma appoġġawx dan is-suġġeriment. Il-Kummissjoni tilqa' l-possibbiltà li terġa' teżamina din il-kwistjoni u tibni appoġġ għal tali proposti fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma tistax, madankollu, tikkommetti f'dan l-istadju li tissottometti nota lill-KEF.

143. Il-Kummissjoni kontinwament tipprova ttejjeb il-leġġibbiltà u t-trasparenza tal-materjal kollu relatat mal-PST u hija lesta li tiddiskuti titjib possibbli fil-mudelli tal-SCP mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni taqbel li kien hemm lok għal titjib f'termini ta' trasparenza fl-istima tal-miżuri fiskali u, għal dak l-għan, fl-2017 daħlet f'diskussjonijiet intensivi mal-Istati Membri sabiex ittejjeb l-eżattezza u t-trasparenza tal-valutazzjonijiet ta' dawn il-miżuri.

Rigward il-preżentazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni dejjem tipprova ttejjeb il-komunikazzjoni tar-raġunament sottostanti għar-rakkomandazzjonijiet tagħha u se tikkunsidra proposti speċifiċi mill-QEA.

**Rakkomandazzjoni 4**

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Sa mill-2017 il-Kummissjoni kienet impenjata mal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' proċess li jtejjeb l-eżattezza u t-trasparenza tal-istima tal-miżuri fiskali u hija lesta li temenda l-Kodiċi ta' Kondotta sabiex jirrifletti kwalunkwe tibdil meħtieġ minn dan il-proċess, jekk l-Istati Membri jaqblu. Madankollu, ikun importanti li kwalunkwe bidla bħal din tiddistingwi bejn in-natura differenti tal-miżuri tad-dħul u tan-nefqa.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

(c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

(d) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

144. Il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-iffriżar jirrifletti l-ħtieġa li l-livell meħtieġ ta' aġġustament baġitarju jiġi ankrat *ex ante* sabiex jiġi ffaċilitat l-ippjanar baġitarju fuq terminu medju mill-Istati Membri u biex jiġu rrispettati l-aspettattivi leġittimi f'dan ir-rigward.

Għalkemm mhux speċifikat fir-Regolament, il-livellar tal-investiment fuq erba' snin ġie diskuss bis-sħiħ u maqbul mal-Istati Membri permezz tal-kumitati tal-ECOFIN. Għaldaqstant huwa deskritt fil-Kodiċi ta' Kondotta, fejn jingħad li "Minħabba l-varjabbiltà potenzjalment għolja ħafna tan-nefqa fuq l-investiment, speċjalment fil-każ tal-Istati Membri żgħar, l-aggregat tan-nefqa tal-gvern għandu jiġi aġġustat b'medja tan-nefqa fuq l-investiment fuq erba' (4) snin."

145. Il-Kummissjoni tqis li t-tneħħija tal-iffriżar simmetriku tar-rekwiżit ta' aġġustament jonqos milli jirrispetta l-aspettattivi leġittimi tal-Istati Membri li jkunu vvalutati skont il-livell meħtieġ ta' aġġustament baġitarju li ġie preskritt mill-Kummissjoni fiż-żmien meta l-Istat Membru kien qed jippjana u jiftiehem l-istrateġija baġitarja tiegħu.

**Rakkomandazzjoni 5**

(a) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni peress li l-implimentazzjoni tagħha tikser l-aspettattivi leġittimi tal-Istati Membri li jkunu vvalutati skont mira ta' aġġustament fiskali stabbilita waqt il-proċess tal-ippjanar baġitarju. Fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti huma bbażati fuq l-aktar sena inizjali favorevoli biss sa fejn huwa kkonċernat il-kalkolu tad-distanza sal-OTM, filwaqt li r-rekwiżiti tal-matriċi huma aġġornati biss f'għadd limitat ta' ċirkostanzi ġġustifikati sew abbażi tal-prinċipji ta' tneħħija tal-iffriżar.

(b) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni peress li l-livellar tal-investiment ġie stabbilit sabiex tiġi indirizzata l-problema urġenti tal-varjazzjoni fl-investiment pubbliku f'ċerti Stati Membri minħabba fatturi eżoġeni. Dan il-kunċett ġie diskuss u maqbul mal-Istati Membri permezz tal-kumitati tal-ECOFIN u għaldaqstant huwa deskritt b'mod ċar fil-Kodiċi ta' Kondotta.

(c) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni peress li l-implimentazzjoni tagħha tikser l-aspettattivi leġittimi tal-Istati Membri li jkunu vvalutati skont mira ta' aġġustament fiskali stabbilita fiż-żmien tal-ippjanar baġitarju.

**Rakkomandazzjoni 6**

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Il-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda | 20.9.2016 |
| L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata) | 11.4.2018 |
| Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja | 13.6.2018 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha | Bl-Ingliż: 28.6.2018<br>Bil-lingwi l-oħra: 19.7.2018 |

ISBN 978-92-847-0234-3
doi:10.2865/034349
QJ-AB-18-015-MT-N

Il-Kummissjoni Ewropea eżerċitat b'mod estensiv ħafna s-setgħat diskrezzjonali li ngħatat bir-Regolament dwar il-parti preventiva tal-PST bil-ħsieb li tnaqqas ir-rekwiżiti ta' aġġustament, kemm bl-istabbiliment tar-regoli ta' implimentazzjoni kif ukoll f'deċiżjonijiet individwali. Aħna nqisu li l-kombinament b'mod kumulattiv tal-parametri attwali tal-matriċi, id-devjazzjonijiet awtorizzati, u l-klawsoli ta' flessibbiltà jdgħajjef il-mira stabbilita fir-Regolament, jiġifieri li jinkiseb aġġustament medju annwali ta' 0.5 % tal-PDG matul iċ-ċiklu kollu. Dan ma jippermettix lill-Istati Membri jilħqu l-Objettivi ta' Terminu Medju f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Huwa partikolarment inkwetanti li f'bosta Stati Membri li għandhom proporzjon ta' dejn pubbliku għoli, l-aġġustament seħħ bil-mod ħafna jew kien saħansitra ineżistenti.
Għalhekk, jeħtieġ li r-regoli ta' implimentazzjoni u l-prattiki tal-Kummissjoni jiġu riveduti u msaħħa.


CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors



©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.